Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5623/17
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0400 (COD)

CODEC 104	**CHIMIE 10**
INST 32	**AGRILEG 21**
JUR 40	**IND 15**
CLIMA 7	**COMPET 43**
TELECOM 16	**MAP 2**
DEVGEN 8	**POLARM 1**
EMPL 30	**COARM 14**
SOC 41	**CSDP/PSDC 35**
ENER 12	**CFSP/PESC 56**
ENV 63	**CONSOM 24**
STATIS 2	**SAN 39**
ECOFIN 37	**JUSTCIV 13**
DRS 3	**AVIATION 14**
EF 10	**TRANS 21**
MI 69	**MAR 24**
ENT 24	**UD 9**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 799 final
Suġġett:	ANNESS għall- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL li jadatta numru ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 799 final - Annex 1.

Mehmuż: COM(2016) 799 final - Annex 1

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2016
COM(2016) 799 final

ANNEX 1

ANNESS

għall-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li jadatta numru ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

ANNESS

I. AZZJONI KLIMATIKA

1. Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006[1]

Sabiex jiġi żgurat l-adattament tekniku malajr tad-Direttiva 2009/31/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-emendi meħtieġa sabiex l-Annessi jiġu adatti għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/31/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 29 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 29
Emendi tal-Annessi

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29a sabiex jiġu emendati l-Annessi."

(2) jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

"Artikolu 29a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 29 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.

Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) l-Artikolu 30 jitħassar.

2. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020[2]

Sabiex tiġi żgurata l-kontabbiltà preċiża tat-tranżazzjonijiet skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, is-setgħa li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dik id-Deċiżjoni bir-rekwiżiti applikabbli għar-reġistri tal-Istati Membri u l-Amministratur Ċentrali fir-rigward tal-immaniġġjar tat-tranżazzjonijiet. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

[2] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.

L-esperjenza wriet li ma huwa meħtieġ l-ebda għoti ta' setgħa fir-rigward tal-modalitajiet ta' ċerti trasferimenti.

Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, ir-raba' u l-ħames subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:

"Meta d-dejta rilevanti dwar l-emissjonijiet eżaminata u vverifikata tkun disponibbli, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-allokazzjonijiet annwali ta' emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 f'termini ta' tunnellati tal-ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(b) il-paragrafu 6 jitħassar;

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12a dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*."

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).".

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu[3]

Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tal-Unjoni bħala parti mill-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-kummerċ estern u intra-UE ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn dawk is-sustanzi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda r-Regolament (KE) Nru 1005/2009 sabiex tinkludi ċerti sustanzi fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness II;
- temenda dak ir-Regolament sabiex tkun tista' tagħmel l-adattamenti tekniċi meħtieġa għall-Anness III u għall-ammonti massimi ta' sustanzi kkontrollati;
- temenda l-Anness V għal dak ir-Regolament sabiex tissodisfa l-impenji skont il-Protokoll ta' Montreal;
- temenda l-Anness VI għal dak ir-Regolament;
- temenda l-lista ta' entrati dwar il-liċenzjar tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet;
- temenda l-Anness VII għal dak ir-Regolament sabiex tieħu kont tal-iżviluppi teknoloġiċi ġodda;
- temenda r-rekwiżiti tar-rapportar;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' prodotti u tagħmir li għalihom l-irkupru ta' sustanzi kkontrollati jew il-qirda ta' prodotti u tagħmir mingħajr l-irkupru minn qabel ta' sustanzi kkontrollati għandhom jitqiesu bħala teknikament u ekonomikament fattibbli;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'mekkaniżmu għall-allokazzjoni ta' kwoti lil produtturi u importaturi;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'regoli dwar il-forma u l-kontenut tat-tikketti ta' konteniturи għal ċerti sustanzi kkontrollati;

---

[3] ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

- tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward tal-monitoraġġ ta' kummerċ illegali;
- tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' ċerti prodotti u tagħmir li jiġu importati minn Stati li mhumiex parti għall-Protokoll;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'rekwiżiti minimi ta' kwalifika;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' teknoloġiji jew prattiki li għandhom jintużaw minn impriżi sabiex jevitaw u jnaqqsu kwalunkwe tnixxija u emissjoni ta' sustanzi kkontrollati.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar il-forma u l-kontenut tat-tikketta li trid tintuża.";

(2) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar il-forma u l-kontenut tat-tikketta li trid tintuża.";

(b) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda dawn li ġejjin, fid-dawl ta' informazzjoni ġdida jew żviluppi tekniċi ġodda jew tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Partijiet:

(a) l-Anness III;

(b) l-ammont massimu ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw bħala aġenti ta' proċess jew jiġu emessi mill-użi tal-aġenti ta' proċess kif imsemmi fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 4.";

(3) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar il-forma u l-kontenut tat-tikketta li trid tintuża.

Is-sustanzi kkontrollati msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiegħdu fis-suq u jkomplu jiġu distribwiti biss taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Anness V sabiex tissodisfa l-impenji skont il-Protokoll.";

(b) fil-paragrafu 6, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar mekkaniżmu għall-allokazzjoni ta' kwoti lil produtturi u importaturi.";

(4) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Anness VI rigward il-modifiki u l-limiti ta' żmien għall-eliminazzjoni gradwali tal-użi kritiċi billi tiddefinixxi dati limitu għall-applikazzjonijiet ġodda u dati finali għall-applikazzjonijiet eżistenti f'każ li alternattivi jew teknoloġiji teknikament u ekonomikament fattibbli li jkunu aċċettabbli mil-lat tal-ambjent u tas-saħħa ma jkunux disponibbli fil-limitu ta' żmien stabbilit f'dak l-Anness jew fejn meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali.";

(5) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-lista ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Anness IV sabiex tissodisfa l-impenji skont il-Protokoll jew tiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom.";

(6) l-Artikolu 19 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 19
Miżuri għall-monitoraġġ tal-kummerċ illegali

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar miżuri addizzjonali għall-monitoraġġ ta' sustanzi kkontrollati jew sustanzi ġodda u ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddipendu minn sustanzi kkontrollati mqiegħda taħt ħażna temporanja, ħażna doganali jew proċedura ta' żona ħielsa jew fi tranżitu mit-territorju doganali tal-Unjoni u sussegwentement esportati mill-ġdid, abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskji potenzjali ta' kummerċ illegali marbut ma' ċaqliq ta' dan it-tip, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-benefiċċji ambjentali u l-impatti soċjo-ekonomiċi ta' tali miżuri.";

(7) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar ir-regoli, skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-Partijiet, applikabbli għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' prodotti u tagħmir li jiġu importati minn kwalunkwe Stat li mhuwiex parti għall-Protokoll, li ġew manifatturati bl-użu ta' sustanzi kkontrollati, iżda li ma fihomx sustanzi li jistgħu jiġu identifikati b'mod pożittiv bħala sustanzi kkontrollati. L-identifikazzjoni ta' tali prodotti u tagħmir għandha tkun konformi mal-pariri tekniċi perjodiċi mogħtija lill-Partijiet.";

(8) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Anness VII sabiex tikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar lista ta' prodotti u tagħmir, skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-Partijiet, li għalihom l-irkupru ta' sustanzi kkontrollati jew il-qirda ta' prodotti u tagħmir mingħajr l-irkupru minn qabel ta' sustanzi kkontrollati għandhom jitqiesu bħala teknikament u ekonomikament fattibbli, billi tispeċifika, jekk ikun xieraq, it-teknoloġiji li jridu jiġu applikati.

Kwalunkwe abbozz ta' att delegat li jistabbilixxi lista bħal din għandu jkun akkumpanjat u sostnut minn valutazzjoni ekonomika sħiħa tal-ispejjeż u l-benefiċċji, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi individwali tal-Istati Membri.";

(ċ) fil-paragrafu 5, it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar dawk ir-rekwiżiti minimi ta' kwalifika, fid-dawl ta' dik l-evalwazzjoni u tal-informazzjoni teknika u informazzjoni rilevanti oħra.";

(9) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"Fid-dawl ta' evalwazzjoni ta' dawk il-miżuri meħuda mill-Istati Membri u tal-informazzjoni teknika u informazzjoni rilevanti oħra, il-Kummissjoni għandha

s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-armonizzazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti minimi ta' kwalifika.";

(ii) jitħassar it-tieni subparagrafu.

(b) il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jistabbilixxi lista ta' teknoloġiji jew prattiki li għandhom jintużaw minn impriżi sabiex jevitaw u jnaqqsu kwalunkwe tnixxija u emissjoni ta' sustanzi kontrollati.";

(10) fl-Artikolu 24, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Parti A tal-Anness II sabiex tinkludi sustanzi li huma inklużi fil-Parti B ta' dak l-Anness, li tabilħaqq jiġu esportati, importati, manifatturati jew imqiegħda fis-suq fi kwantitajiet konsiderevoli u li jinstabu mill-Bord tal-Valutazzjoni Xjentifika skont il-Protokoll li għandhom potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis tal-ożonu u, jekk ikun xieraq, tiddetermina l-eżenzjonijiet possibbli mill-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Parti B tal-Anness II sabiex tinkludi kwalunkwe sustanzi li mhumiex sustanzi kkontrollati, iżda li jinstabu mill-Bord tal-Valutazzjoni Xjentifika skont il-Protokoll jew minn awtorità rikonoxxuta oħra ta' statura ekwivalenti li għandhom potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis tal-ożonu, fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika rilevanti.";

(11) wara t-titolu tal-Kapitolu VII, jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

"Artikolu 24a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 8(3) u (5), fl-Artikolu 10(3) u (6), fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 18(9), fl-Artikolu 19, fl-Artikolu 20(2), fl-Artikolu 22(3), (4) u (5), fl-Artikolu 23(4) u (7), fl-Artikolu 24(2) u (3), fl-Artikolu 26(3) u fl-Artikolu 27(10) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 8(3) u (5), fl-Artikolu 10(3) u (6), fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 18(9), fl-Artikolu 19, fl-Artikolu 20(2), fl-Artikolu 22(3), (4) u (5), fl-Artikolu 23(4) u (7), fl-Artikolu 24(2) u (3), fl-Artikolu 26(3) u fl-Artikolu 27(10) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha

tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(3) u (5), l-Artikolu 10(3) u (6), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 18(9), l-Artikolu 19, l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 22(3), (4) u (5), l-Artikolu 23(4) u (7), l-Artikolu 24(2) u (3), l-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 27(10) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(12) fl-Artikolu 25, jitħassar il-paragrafu 3;

(13) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda r-rekwiżiti tar-rapportar stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sabiex tissodisfa l-impenji skont il-Protokoll jew tiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom.";

(14) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-emendi għar-rekwiżiti tar-rapportar stipulati fil-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu sabiex tissodisfa l-impenji skont il-Protokoll jew tiffaċilita l-applikazzjoni tagħhom.".

II. IN-NETWERKS TA' KOMUNIKAZZJONI, IL-KONTENUT U T-TEKNOLOĠIJA

4. Id-Direttiva 2002/58/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)[4]

Sabiex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' tali dejta u tat-tagħmir u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta d-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward taċ-ċirkostanzi, il-format u l-proċeduri applikabbli għar-rekwiżiti tan-notifika u l-informazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/58/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14b dwar iċ-ċirkostanzi, il-format u l-proċeduri applikabbli għar-rekwiżiti tan-notifika u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' Data Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.";

(2) jitħassar l-Artikolu 14a;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 14b li ġej:

"*Artikolu 14b*

Eżerċitar tad-delega

[4] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(5) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.".

5. Ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell .eu[5]

Sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kodiċi tal-pajjiż tal-Qasam tal-Ogħla Livell (ccTLD) .eu stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 733/2002, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bil-kriterji u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru u b'regoli tal-politika pubblika dwar l-implimentazzjoni u l-funzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell (TLD) .eu u l-prinċipji tal-politika pubblika dwar ir-reġistrazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim

5 ĠU L 113, 30.4.2002, p. 1.

Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(a) tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jistabbilixxi l-kriterji u l-proċedura għad-dożinjazzjoni tar-Reġistru.

Meta, fil-każ tal-istabbiliment tal-kriterji u l-proċedura għad-dożinjazzjoni tar-Reġistru jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 5b għandha tapplika għall-atti delegati skont dan l-Artikolu;";

(2) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Wara li tikkonsulta dan ir-Reġistru, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jistabbilixxi regoli tal-politika pubblika dwar l-implimentazzjoni u l-funzjoni tat-TLD .eu u l-prinċipji tal-politika pubblika dwar ir-reġistrazzjoni.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqajmu oġġezzjoni, fi żmien 30 jum mill-pubblikazzjoni, għal oġġett inkluż f'lista nnotifikata, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija

għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 5b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 6, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

6. Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (Deċiżjoni dwar l-MSS)[6]

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni dwar il-

[6] ĠU L 172, 2.7.2008, p. 15.

modalitajiet xierqa għall-applikazzjoni kkoordinata tar-regoli dwar l-infurzar. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "3. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, miżuri li jiddefinixxu kwalunkwe modalità għall-applikazzjoni kkoordinata tar-regoli dwar l-infurzar imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inklużi regoli għas-sospensjoni jew l-irtirar ikkoordinati tal-awtorizzazzjonijiet għal ksur tal-kundizzjonijiet komuni previsti fl-Artikolu 7(2). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(3).";

(2) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 4.

III. L-GĦAJNUNA UMANITARJA U L-PROTEZZJONI ĊIVILI

7. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja[7]

Minn mindu ġie adottat fl-1996, qatt ma kien hemm bżonn li jiġu adottati miżuri mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju sabiex jiġu emendati elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1257/96. Lanqas ma jidher li hemm ħtieġa prevedibbli li jsir dan fil-futur. Għalhekk, il-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju għandha titneħħa mir-Regolament (KE) Nru 1257/96, mingħajr ma jkun hemm ħtieġa li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 1;

(2) fl-Artikolu 17, jitħassar il-paragrafu 4.

[7] ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

IV. L-IMPJIEGI, L-AFFARIJIET SOĊJALI U L-INKLUŻJONI

8. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol[8]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Anness għad-Direttiva 89/391/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 89/391/KEE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a
Emendi għall-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17b li jemenda l-Anness b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika u l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda.";

(2) Jitħassar l-Artikolu 17;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 17b li ġej:

"Artikolu 17b
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

8 ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

9. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[9]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika tad-disinn, il-manifattura jew il-kostruzzjoni ta' partijiet mill-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tal-postijiet tax-xogħol, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Annessi għad-Direttiva 89/654/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

9 ĠU L 393, 30.12.1989, p.1.

Għaldaqstant, id-Direttiva 89/654/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 9***Emendi għall-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika tad-disinn, il-manifattura jew il-kostruzzjoni ta' partijiet mill-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tal-postijiet tax-xogħol.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 9b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 9a u 9b li ġejjin:

"Artikolu 9a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu

għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

10. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[10]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tat-tagħmir ta' protezzjoni personali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Annessi għad-Direttiva 89/656/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 89/656/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 9*

---

[10] ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika b'rabta mat-tagħmir ta' protezzjoni personali, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fil-qasam tat-tagħmir ta' protezzjoni personali.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 9b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 9a u 9b li ġejjin:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

11. Id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[11]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Annessi għad-Direttiva 90/269/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 90/269/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Annessi b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni

[11] ĠU L 156, 21.6.1990, p. 9.

l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fil-qasam tat-tqandil manwali tat-tagħbija.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 8a u 8b li ġejjin:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni

f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

12. Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[12]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tat-tagħmir li għandu display screen, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Anness għad-Direttiva 90/270/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 90/270/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 10*
Emendi għall-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Anness, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, l-iżviluppi fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fil-qasam tat-tagħmir li għandu skrin tal-wiri.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

---

12 ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14.

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

"Artikolu 10a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 10b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. _____

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

13. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti [13]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tat-tagħmir mediku abbord bastimenti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda, b'mod tekniku, l-Annessi għad-Direttiva 92/29/KEE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/29/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku jew il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda dwar it-trattament mediku abbord bastimenti.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 8a u 8b li ġejjin:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

[13] ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

14. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[14]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tal-postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness IV għad-Direttiva 92/57/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/57/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 13 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 13*
Emendi għall-Anness IV

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Annessi IV b'mod tekniku sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tal-postijiet tax-xogħol temporanji jew mobbli, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali jew l-għarfien fil-qasam tal-postijiet tax-xogħol temporanji jew mobbli.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 13a u 13b li ġejjin:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

[14] ĠU L 245, 26.8.1992, p. 6.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

15. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[15]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tas-sinjali tas-sigurtà u tas-saħħa fuq ix-xogħol, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 92/58/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/58/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 9*
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn u l-manifattura ta' sinjali jew tagħmir tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-avvanzi fl-għarfien fil-qasam tas-sinjali jew tat-tagħmir tas-sigurtà u tas-saħħa fuq ix-xogħol.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 9b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 9a u 9b li ġejjin:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

[15] ĠU L 245, 26.8.1992, p. 23.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

16. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax-il Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[16]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tal-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għad-Direttiva 92/91/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/91/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*
Emendi għall-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tal-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-għarfien fir-rigward tal-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

[16] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 9.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

17. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art (it-tnax-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[17]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għad-Direttiva 92/104/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/104/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*
Emendi għall-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

[17] ĠU L 404, 31.12.1992, p. 10.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

18. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[18]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fil-qasam tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 93/103/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 93/103/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 12*
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward ta' ċerti aspetti ta' sigurtà u saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fil-qasam tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

[18] ĠU L 307, 13.12.1993, p. 1.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

19. Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol[19]

Sabiex tinkiseb protezzjoni adegwata taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol u sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għad-Direttiva 94/33/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 94/33/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 15
Emendi tal-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda l-Anness, b'mod tekniku, fid-dawl tal-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u l-avvanzi fl-għarfien dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

[19] ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12.

Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

20. Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[20]

Sabiex tinkiseb protezzjoni adegwata tal-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda dwar l-aġenti kimiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 98/24/KE b'mod tekniku u sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva billi tistabbilixxi jew tirrevedi l-valuri limiti indikattivi tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 98/24/KE hija emendata kif ġej:

---

20 ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

(1) fl-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a dwar l-istabbiliment jew ir-reviżjoni ta' valuri limiti indikattivi tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni d-disponibbiltà tat-tekniki tal-kejl.

L-Istati Membri għandhom iżommu lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem informati bil-valuri limiti indikattivi tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol iffissati fil-livell tal-Unjoni.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli u eċċezzjonali għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu."

(2) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tal-aġenti kimiċi, kif ukoll il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-aġenti kimiċi.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 12(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 12(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 12(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

21. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/92/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-ħtiġiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi (il-15-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[21]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda dwar il-prevenzjoni ta' u l-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 1999/92/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-

---

21 ĠU L 23, 28.1.2000, p. 57.

Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 1999/92/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 10*
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-prevenzjoni ta' u l-protezzjoni kontra l-isplużjonijiet.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 10b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu

2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

22. Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[22]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 2000/54/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-

---

22 ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.

esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2000/54/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 19 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 19*
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex tadattahom għall-progress tekniku, għall-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u għas-sejbiet ġodda fil-qasam tal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 19b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 19a u 19b li ġejjin:

"Artikolu 19a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta'

xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 19b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 19a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

23. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-sittax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[23]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol u tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet ġodda dwar il-vibrazzjoni mekkanika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għad-Direttiva 2002/44/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/44/KE hija emendata kif ġej:

---

[23] ĠU L 177, 6.7.2002 p. 13.

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*
Emendi għall-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol u tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet ġodda dwar il-vibrazzjoni mekkanika.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-

perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 12.

24. Id-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (is-sbatax-il Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[24]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol u tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet ġodda dwar il-ħoss, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda d-Direttiva 2003/10/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/10/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 12*

Emendi għad-Direttiva

[24] ĠU L 042, 15.2.2003, p. 38.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda din id-Direttiva b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol u tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet ġodda dwar il-ħoss.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 13.

25. Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[25]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-karċinoġeni jew il-mutaġeni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness II għad-Direttiva 2004/37/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/37/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 17 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 17*

Emenda tal-Anness II

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda l-Anness II, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-

---

25 ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.

ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda fir-rigward tal-karċinoġeni jew tal-mutaġeni.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 17b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 17a u 17b li ġejjin:

"Artikolu 17a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni

f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

26. Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali) (id-19-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[26]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol jew tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet xjentifiċi ġodda dwar l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għar-radjazzjoni ottika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 2006/25/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/25/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 10*

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Annessi, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tad-disinn, il-bini, il-manifattura jew il-kostruzzjoni tat-tagħmir tax-xogħol jew tal-postijiet tax-xogħol, il-progress tekniku, il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-

---

[26] ĠU L 114, 27.4.2006, p. 38.

istandards Ewropej armonizzati u s-sejbiet xjentifiċi ġodda dwar l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għar-radjazzjoni ottika.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu."

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 10b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni

f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 11.

27. Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[27]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika, il-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali jew l-għarfien fil-qasam tat-tagħmir tax-xogħol, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għad-Direttiva 2009/104/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/104/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Annessi I u II, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni teknika fir-rigward tat-tagħmir tax-xogħol, kif ukoll il-progress tekniku u l-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali jew l-għarfien fil-qasam tat-tagħmir tax-xogħol.

---

27 ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-

Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

28. Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol[28]

Sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għad-Direttiva 2009/148/KE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/148/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 9 jitħassar;

(2) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Għandha tkun disponibbli valutazzjoni tal-istat tas-saħħa ta' kull ħaddiem qabel ma jibda jkun espost għat-trab li jiġi mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi eżami speċifiku tas-sider. L-Anness I jagħti rakkomandazzjonijiet prattiċi li l-Istati Membri jistgħu jirriferu għalihom għas-sorveljanza klinika tal-ħaddiema. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Anness I, b'mod tekniku, sabiex tadattah għall-progress tekniku.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jirriżultaw minn espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 18b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

Valutazzjoni ġdida għandha tkun disponibbli mill-anqas darba kull 3 snin sakemm tkompli l-espożizzjoni.

28 ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28.

Għandu jiġi stabbilit rekord individwali tas-saħħa f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali għal kull ħaddiem imsemmi fl-ewwel subparagrafu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

"Artikolu 18a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 18(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.”.

V. L-ENERĠIJA

29. Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE[29]

Sabiex jiġi żgurat suq intern tal-gass naturali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f’konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta d-Direttiva 2009/73/KE bil-linji gwida meħtieġa li jistabbilixxu d-dettalji ta’ għadd ta’ proċeduri li jikkonċernaw ir-regoli dwar is-suq tal-gass. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016. B’mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta’ atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/73/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b’li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida għal kooperazzjoni reġjonali fi spirtu ta’ solidarjetà.”;

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 10 jiġi sostitwit b’li ġej:

“10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li trid tiġi segwita għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu.”;

(3) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b’li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa u effettiva tas-sid tas-sistema ta’ trażmissjoni u tal-operatur tas-sistema tal-ħażna mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.”;

(4) fl-Artikolu 36, il-paragrafu 10 jiġi sostitwit b’li ġej:

[29] ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.

"10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li jistabbilixxi l-proċedura li trid tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3, 6, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu.";

(5) fl-Artikolu 42, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida dwar il-firxa tad-doveri tal-awtoritajiet regolatorji sabiex jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija.";

(6) fl-Artikolu 43, il-paragrafu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li trid tiġi segwita mill-awtoritajiet regolatorji, mill-Aġenzija u mill-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet regolatorji mal-Linji Gwida msemmija f'dan l-Artikolu.";

(7) fl-Artikolu 44, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jistabbilixxi Linji Gwida li jispeċifikaw il-metodi u l-arranġamenti għaż-żamma tar-rekords, kif ukoll il-forma u l-kontenut tad-dejta li għandha tinżamm.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu 50a li ġej:

"Artikolu 50a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 11(10), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 36(10), fl-Artikolu 42(5), fl-Artikolu 43(9) u fl-Artikolu 44(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 11(10), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 36(10), fl-Artikolu 42(5), fl-Artikolu 43(9) u fl-Artikolu 44(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 11(10), l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 36(10), l-Artikolu 42(5), l-Artikolu 43(9) u l-Artikolu 44(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(9) fl-Artikolu 51, jitħassar il-paragrafu 3.

30. Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005[30]

Sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2009 bil-linji gwida meħtieġa li jistabbilixxu d-dettalji proċedurali, miżuri li jkopru arranġamenti tekniċi kumplessi ħafna u miżuri li jispeċifikaw id-dettalji ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jistabbilixxi Linji Gwida li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li trid tiġi segwita għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 6(11), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

---

30 ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.

"Meta l-Kummissjoni tipproponi l-adozzjoni ta' kodiċi ta' network fuq inizjattiva tagħha, hija għandha tikkonsulta mal-Aġenzija, mal-ENTSO għall-Gass u mal-partijiet interessati rilevanti kollha dwar l-abbozz ta' kodiċi tan-network matul perijodu ta' mhux anqas minn xahrejn. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jadotta tali kodiċijiet ta' network.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a sabiex tistabbilixxi emendi għal kwalunkwe kodiċi tan-netwerk adottat skont l-Artikolu 6, wara li tikkunsidra l-proposti tal-Aġenzija.";

(4) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Għall-finijiet tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jiddetermina ż-żona ġeografika koperta minn kull struttura ta' kooperazzjoni reġjonali, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Aġenzija u mal-ENTSO tal-Gass.

Kull Stat Membru għandu jkun jista' jippromwovi l-kooperazzjoni f'aktar minn żona ġeografika waħda.";

(5) fl-Artikolu 23(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jistabbilixxi Linji Gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li jemenda l-Linji Gwida msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) tiegħu.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 27a li ġej:

"Artikolu 27a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(11), fl-Artikolu 7(3), fl-Artikolu 12(3) u fl-Artikolu 23(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(11), fl-Artikolu 7(3), fl-Artikolu 12(3) u fl-Artikolu 23(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 6(11), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 12(3) u l-Artikolu 23(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) jitħassar l-Artikolu 28.

31. Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra[31]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-adattamenti tekniċi għar-Regolament (KE) Nru 1222/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 11

Emendi u adattamenti għall-progress tekniku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda dan ir-Regolament fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

---

31 ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46.

(a) l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab tat-tajers C2 u C3, dment li jkunu disponibbli metodi ta' ttestjar armonizzati adatti;

(b) l-adattament, fejn rilevanti, tal-klassifikazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' tajers iddisinjati primarjament biex f'kundizzjonijiet ta' silġ u/jew ta' borra, jagħtu prestazzjoni aqwa minn dik ta' tajer normali fir-rigward tal-abbiltà tagħhom li jibdew, imantnu, jew iwaqqfu l-moviment tal-vettura;

(c) l-adattament tal-Annessi I sa V għall-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 13.

VI. L-AMBJENT

32. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi[32]

Sabiex id-Direttiva 91/271/KEE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 91/271/KEE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "2. Is-sistemi tal-ġbir imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-taqsima A tal-Anness I.
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda dawk ir-rekwiżiti.";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament tal-ilma urban mormi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-taqsima B tal-Anness I.
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda dawk ir-rekwiżiti.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament tal-ilma urban mormi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-taqsima B tal-Anness I.
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda dawk ir-rekwiżiti.";

(4) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

---

[32] ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

"2. Ir-regolamenti u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-taqsima Ċ tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda dawk ir-rekwiżiti.";

(5) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Ir-regolamenti preċedenti u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi tal-iskariki minn impjanti ta' trattament tal-ilma urban mormi magħmula skont il-paragrafu 2 fi ħdan agglomerazzjonijiet ta' bejn 2000 u 10000 e.p. fil-każ ta' skariki f'ilma ħelu u estwarji u fi ħdan agglomerazzjonijiet ta' 10000 e.p. jew aktar fir-rigward tal-skariki kollha għandhom jinkludu kundizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-taqsima B tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda dawk ir-rekwiżiti.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 17a li ġej:

"Artikolu 17a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 4(3), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 12(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 4(3), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 12(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 12(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(7) fl-Artikolu 18, jitħassar il-paragrafu 3.

33. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli[33]

Sabiex id-Direttiva 91/676/KEE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 91/676/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

33 ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 3.

34. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/63/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOC) li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz[34]

Sabiex jiġi żgurat li l-ispeċifikazzjonijiet għat-tagħmir ta' tagħbija mill-qiegħ stipulati fid-Direttiva 94/63/KE jiġu riveduti, fejn xieraq, u sabiex l-Annessi jiġu adattati għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 94/63/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(1), is-sitt subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"It-terminals kollha b'faċilitajiet ta' tagħbija għall-bawżers għandhom ikunu mgħammra b'mill-anqas struttura ta' rfid waħda li tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet għat-tagħmir ta' tagħbija mill-qiegħ stipulati fl-Anness IV. Il-Kummissjoni

---

34 ĠU L 365, 31.12.1994, p. 24.

għandha terġa' teżamina dawk l-ispeċifikazzjonijiet f'intervalli regolari u għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jemenda l-Anness IV fid-dawl tar-riżultat ta' dak ir-rieżami.";

(2) l-Artikolu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 7*
Adattament għall-progress tekniku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku, bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu stipulati fil-punt 2 tal-Anness II.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 7 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 7 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1. ";

(4) Jitħassar l-Artikolu 8.

35. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT)[35]

Sabiex jiġu stabbiliti r-regoli tekniċi addizzjonali meħtieġa għar-rimi ta' PCB u PCT skont id-Direttiva 96/59/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi:

- tiffissa l-metodi ta' referenza għall-kejl sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' PCB;
- tiddetermina, għal ċerti skopijiet, sostituti anqas perikolużi għall-PCBs;
- tiffissa, għal ċerti skopijiet, standards tekniċi għall-metodi l-oħrajn tar-rimi tal-PCBs.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, b'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 96/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10b:

(a) sabiex tiffissa l-metodi ta' referenza għall-kejl sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' PCB tal-materjali kkontaminati;

(b) jekk ikun meħtieġ, sabiex tiddetermina, għall-finijiet tal-punti (b) u (ċ) tal-Artikolu 9(1) biss, sostituti anqas perikolużi oħrajn għall-PCBs;

(ċ) sabiex tiffissa standards tekniċi għall-metodi l-oħrajn tar-rimi tal-PCBs imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 8(2).

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-kejl effettwat qabel id-determinazzjoni tal-metodi ta' referenza għandu jibqa' validu.";

(2) fl-Artikolu 10a, jitħassar il-paragrafu 3;

35 ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.

(3) jiddaħħal l-Artikolu 10b li ġej:

"*Artikolu 10b*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016. p.1.".

36. Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[36]

Sabiex id-Direttiva 98/83/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi II u III għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess

---

36 ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.

sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Is-setgħa mogħtija stipulata fl-Anness I, il-parti Ċ, Nota 10 sabiex jiġu stabbiliti l-frekwenzi tal-monitoraġġ u l-metodi ta' monitoraġġ għal sustanza radjuattiva ma għadhiex tapplika minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/EURATOM[37].

Safejn hija kkonċernata s-setgħa mogħtija stipulata fit-tieni paragrafu tal-parti A tal-Anness III, il-possibbiltà li l-Anness III jiġi emendat permezz tal-atti delegati hija diġà prevista skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/83/KE.

Għaldaqstant, id-Direttiva 98/83/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Annessi II u III, fejn meħtieġ, sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

[37] Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

* ĠU L 123,12.5.2016. p.1.";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) fl-Anness I, il-Parti Ċ hija emendata kif ġej:

(a) titħassar il-parti tat-tabella intitolata "Radjuattività";

(b) jitħassru n-noti 8, 9 u 10;

(5) fil-Parti A tal-Anness III, jitħassar it-tieni paragrafu.

37. Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw[38]

Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2000/53/KE tibqa' aġġornata u sabiex jiġu stabbiliti miżuri tekniċi addizzjonali fir-rigward tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat:

- sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva;
- sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva b'rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikat tal-qirda;
- sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva bir-regoli meħtieġa sabiex tikkontrolla l-konformità tal-Istati Membri mal-miri u l-istandards għall-kodifikazzjoni tal-materjal u l-komponenti.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2000/53/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(b) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Anness II fuq bażi regolari sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku, bil-għan li:

38 ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

(i) skont kif ikun meħtieġ, tistabbilixxi valuri ta' konċentrazzjoni massima safejn għandha tiġi ttollerata l-eżistenza tas-sustanzi msemmija fil-punt (a) f'materjali u komponenti speċifiċi tal-vetturi;

(ii) teżenta ċerti materjali u komponenti tal-vetturi mill-punt (a), jekk l-użu ta' dawk is-sustanzi huwa inevitabbli;

(iii) tħassar materjali u komponenti tal-vetturi mill-Anness II jekk l-użu ta' dawn is-sustanzi ikun inevitabbli;

(iv) skont il-punti (i) u (ii), issemmi dawk il-materjali u l-komponenti tal-vetturi li jistgħu jiżżarmaw qabel kwalunkwe trattament ieħor u tesiġi li ; jkollhom tikketta jew ikunu magħmula identifikabbli b'mezzi oħrajn xierqa. ";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu b'mod reċiproku u jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-qirda maħruġa fi Stati Membri oħrajn f'konformità mal-paragrafu 3.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar ir-rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikat tal-qirda.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Anness I sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(4) fl-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri mal-miri stabbiliti fl-ewwel subparagrafu. Meta tħejji tali regoli, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi rilevanti kollha, *inter alia*, id-disponibbiltà tad-dejta u l-kwistjoni tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.";

(5) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar l-istandards imsemmija fil-paragrafu 1. Meta tħejji tali standards, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra x-xogħol li qed isir f'dan il-qasam fil-fora internazzjonali rilevanti u tikkontribwixxi għal dan ix-xogħol kif xieraq.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2)(b), fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2)(b), fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2)(b), l-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 3.

38. Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma[39]

Sabiex id-Direttiva 2000/60/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku u sabiex jiġu stabbiliti regoli tekniċi addizzjonali meħtieġa għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-ilma, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

---

39 ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

- sabiex temenda l-Annessi I u III u t-taqsima 1.3.6 tal-Anness V għal dik id-Direttiva;
- sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva bi speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma;
- sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva billi tistabbilixxi r-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni u tistabbilixxi l-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Istati Membri.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2000/60/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma.";

(2) fl-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Annessi I u III u t-taqsima 1.3.6 tal-Anness V sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, wara li tikkunsidra l-perjodi għar-reviżjoni u l-aġġornar tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imsemmija fl-Artikolu 13.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"Artikolu 20a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(3), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1) u fl-Anness V, il-paragrafu 1.4.1., il-punt (ix) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1) u fl-Anness V, il-paragrafu 1.4.1, il-punt (ix), tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata minn dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(3), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1) u l-Anness V, il-paragrafu 1.4.1., il-punt (ix), għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016. p.1. ";

(4) fl-Artikolu 21, jitħassar il-paragrafu 3;

(5) fl-Anness V, il-paragrafu 1.4.1., il-punt (ix) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ix) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jistabbilixxi r-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni u li jistabbilixxi l-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Istati Membri f'konformità mal-punti (i) sa (viii). Dawn għandhom jiġu ppubblikati fi żmien sitt xhur mit-tlestija tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni."

39. Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali[40]

Sabiex id-Direttiva 2002/49/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż

40 ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/49/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-Anness II sabiex tistabbilixxi metodi ta' valutazzjoni komuni għad-determinazzjoni ta' L*den* u L*night*.";

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-Anness III sabiex tistabbilixxi metodi ta' valutazzjoni komuni għad-determinazzjoni tal-effetti perikoluż i.";

(2) l-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 12
Adattament għall-progress tekniku u xjentifiku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-punt 3 tal-Anness I u l-Annessi II u III sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) u (3) u fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2) u (3) u fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal*

Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) u (3) u l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1";

(4) fl-Artikolu 13, jitħassar il-paragrafu 3;

(5) fl-Anness III, l-ewwel sentenza tal-kliem introduttorju tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Ir-relazzjonijiet tal-effett tad-doża introdotti mir-reviżjonijiet futuri ta' dan l-Anness jikkonċernaw, b'mod partikolari:".

40. Id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċerti żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi u li temenda d-Direttiva 1999/13/KE[41]

Sabiex jiġi żgurat l-użu ta' metodi analitiċi aġġornati għad-determinazzjoni tal-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kontenut ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE sabiex tadattah għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/42/KE hija emendata kif ġej:

---

41 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*
Adattament għall-progress tekniku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness III sabiex tadattah għall-progress tekniku."

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016. p.1.";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3.

41. Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali[42]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda d-Direttiva 2004/107/KE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/107/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"15. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jemenda dan l-Artikolu, it-Taqsima II tal-Anness II, III, IV u V, rispettivament, u t-Taqsima V tal-Anness V sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

Madankollu, l-emendi ma jistgħu jirriżultaw f'ebda bidla diretta jew indiretta fil-valuri fil-mira.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(15) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(15) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

[42] ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(15) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 6, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) fl-Anness V, it-Taqsima V tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Fil-preżent, it-tekniki ta' referenza tal-immudellar għall-kwalità tal-arja ma jistgħux jiġu speċifikati.".

42. Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE[43]

Sabiex id-Direttiva 2006/7/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva fir-rigward tal-metodi ta' analiżi għall-parametri stabbiliti f'dak l-Anness;
- temenda l-Anness V għal dik id-Direttiva;
- tissupplimenta dik id-Direttiva billi tispeċifika l-istandard tal-EN/ISO fuq l-ekwivalenza tal-metodi mikrobijoloġiċi.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/7/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a:

43 ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.

(a) li jispeċifika l-istandard tal-EN/ISO fuq l-ekwivalenza tal-metodi mikrobijoloġiċi għall-finijiet tal-Artikolu 3(9);

(b) li jemenda l-Anness I, fejn meħtieġ fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, fir-rigward tal-metodi ta' analiżi għall-parametri stabbiliti f'dak l-Anness;

(ċ) li jemenda l-Anness V, fejn meħtieġ fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 16, jitħassar il-paragrafu 3.

43. Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE[44]

Sabiex jiġu żviluppati aktar id-dispożizzjonijiet tekniċi tad-Direttiva 2006/21/KE u sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'rekwiżiti tekniċi għall-finijiet tal-Artikolu 13(6);
- tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tikkompleta r-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart li jinsabu fl-Anness II u tissupplimenta dik id-Direttiva b'interpretazzjoni tad-definizzjoni fil-punt 3 tal-Artikolu 3,
- tissupplimenta dik id-Direttiva bi kriterji għall-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet tal-iskart f'konformità mal-Anness III,
- tissupplimenta dik id-Direttiva bi standards armonizzati għall-metodi tal-analiżi u tal-kampjunar,

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/21/KEE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 22, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

> "2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22a kif meħtieġ għal dawn li ġejjin:
>
> (a) l-elaborazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-finijiet tal-Artikolu 13(6), inklużi rekwiżiti tekniċi li jirrigwardjaw id-definizzjoni ta' ċjanur dissoċjabbli b'aċidu dgħajjef u l-metodu ta' kejl tiegħu;
>
> (b) l-ikkompletar tar-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart li jinsabu fl-Anness II;
>
> (ċ) l-interpretazzjoni tad-definizzjoni li tinsab fil-punt 3 tal-Artikolu 3;
>
> (d) id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet tal-iskart f'konformità mal-Anness III;

[44] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

(e) id-determinazzjoni ta' kwalunkwe standards armonizzati għall-metodi tal-analiżi u tal-kampjunar meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika ta' din id-Direttiva.

Meta teżerċita d-delega tas-setgħa prevista fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-attivitajiet imsemmija fil-punti (b), (ċ) u (d).

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku. Dawk l-emendi għandhom isiru bil-għan li jinkiseb livell għoli ta' ħarsien ambjentali.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"Artikolu 22a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 22(2) u (3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 22(2) u (3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 22(2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 23, jitħassar il-paragrafu 3.

44. Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament[45]

Sabiex id-Direttiva 2006/118/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi II, III u IV għal dik id-Direttiva u sabiex iżżid inkwinanti jew indikaturi ġodda. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/118/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*

Adattamenti tekniċi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Partijiet A u Ċ tal-Anness II, kif ukoll l-Annessi III u IV sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-perjodu għar-reviżjoni u l-aġġornar tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imsemmija fl-Artikolu 13(7) tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Parti B tal-Anness II sabiex iżżid inkwinanti jew indikaturi ġodda.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

[45] ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata minn dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123,12.5.2016, p. 1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 9.

45. Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE[46]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 jiġi adattat għall-progress tekniku u għall-evoluzzjoni tal-liġi internazzjonali u sabiex jiġi żgurat rapportar aħjar, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi II u III għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku jew xjentifiku jew bħala riżultat tal-adozzjoni mil-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' kwalunkwe emenda tal-Annessi għall-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti, kif ukoll tissupplimenta dak ir-Regolament billi tibda rapportar dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti rilevanti minn sors diffuż wieħed jew aktar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa

46 ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Meta tiddetermina li ma teżisti ebda dejta dwar ir-rilaxxi minn sorsi diffużi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a sabiex tibda rapportar dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti rilevanti minn sors diffuż wieħed jew aktar billi jintużaw, fejn ikunu xierqa, metodoloġiji approvati f'livell internazzjonali.";

(2) l-Artikolu 18 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 18
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Annessi II u III għall-finijiet li ġejjin:

(a) sabiex tadattahom għall-progress tekniku jew xjentifiku;

(b) sabiex tadattahom bħala riżultat tal-adozzjoni mil-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' kwalunkwe emenda tal-Annessi għall-Protokoll.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 18 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 18 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal*

Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 18 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 3.

46. Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)[47]

Sabiex jiġu aġġornati u żviluppati aktar ir-regoli tekniċi applikabbli għall-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Unjoni, kif stabbilit fid-Direttiva 2007/2/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda d-deskrizzjoni tat-temi tad-dejta eżistenti fl-Annessi I, II u III għal dik id-Direttiva;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, għall-armonizzazzjoni tas-servizzi u s-settijiet ta' dejta;
- tissupplimenta dik id-Direttiva bi speċifikazzjonijiet tekniċi għal ċerti servizzi u kriterji ta' prestazzjoni minimi għal servizzi ta' dejta spazjali;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'ċerti obbligi;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'kundizzjonijiet armonizzati għall-aċċess għal servizzi u settijiet ta' dejta spazjali.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-

---

47 ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2007/2/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jemenda d-deskrizzjoni tat-temi tad-dejta eżistenti stabbiliti fl-Annessi I, II u III, sabiex tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu għad-dejta spazjali b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw l-ambjent.";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jistipula arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, għall-armonizzazzjoni tas-servizzi u s-settijiet ta' dejta spazjali. Ir-rekwiżiti rilevanti tal-utenti, l-inizjattivi eżistenti u l-istandards internazzjonali għall-armonizzazzjoni ta' settijiet ta' dejta spazjali, kif ukoll il-fattibbiltà u l-kunsiderazzjonijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-iżvilupp ta' dawk l-arranġamenti.
Meta l-organizzazzjonijiet stabbiliti skont il-liġi internazzjonali jkunu adottaw standards rilevanti sabiex jiżguraw l-interoperabbiltà jew l-armonizzazzjoni ta' servizzi u settijiet ta' dejta spazjali, dawk l-istandards għandhom jiġu integrati u għandha ssir referenza għall-mezzi tekniċi eżistenti, jekk ikun xieraq, fl-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu.";

(3) l-Artikolu 16 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 16*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a dwar ir-regoli li jistipulaw, b'mod partikolari, dawn li ġejjin sabiex jissupplimentaw dan il-Kapitolu:

(a) speċifikazzjonijiet tekniċi għas-servizzi msemmija fl-Artikoli 11 u 12 u kriterji minimi ta' prestazzjoni għal dawk is-servizzi, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti eżistenti ta' rapportar u r-rakkomandazzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-servizzi eżistenti ta' kummerċ elettroniku u l-progress teknoloġiku;

(b) l-obbligi msemmija fl-Artikolu 12.";

(4) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni b'aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta spazjali f'konformità ma' kundizzjonijiet armonizzati.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jistipula regoli li jirregolaw dawk il-kundizzjonijiet. Dawk ir-regoli għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

"Artikolu 21a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(7), fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 16 u fl-Artikolu 17(8) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(7), fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 16 u fl-Artikolu 17(8) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(7), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 16 u l-Artikolu 17(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 22, jitħassar il-paragrafu 3.

47. Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar[48]

Sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għad-Direttiva 2007/60/KE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2007/60/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-perjodi għar-reviżjoni u l-aġġornar stabbiliti fl-Artikolu 14.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata minn dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

[48] ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3.

48. Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja aktar nadifa għall-Ewropa[49]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa VI, VIII, IX, X u XV għad-Direttiva 2008/50/KE sabiex tadattahom għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/50/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi sostitwit b'li ġej:

"**Emendi u miżuri ta' implimentazzjoni**";

(b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28a li jemenda l-Annessi I sa VI, VIII, IX, X u XV sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 28a li ġej:

---

[49] ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1.

"Artikolu 28a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 28(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 28(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 28(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 29, jitħassar il-paragrafu 3.

49. Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)[50]

Sabiex id-Direttiva 2008/56/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u sabiex ikun permess li jsir paragun bejn ir-reġjuni jew is-subreġjuni marini, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi III, IV u V għal dik id-Direttiva u tissupplimenta dik id-Direttiva bi kriterji u speċifikazzjonijiet u standards metodoloġiċi u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni li għandhom jintużaw mill-Istati Membri. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-

---

50 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/56/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jistipula, sal-15 ta' Lulju 2010, il-kriterji u l-istandards metodoloġiċi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri, abbażi tal-Annessi I u III, b'tali mod li tiġi żgurata l-konsistenza u jkun permess li jsir paragun bejn ir-reġjuni jew is-subreġjuni marini sabiex jiġi stabbilit kemm qed jintlaħaq status ambjentali tajjeb.

Qabel tipproponi tali kriterji u standards, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.";

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jistipula speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-impenji eżistenti u jiżguraw il-komparabbiltà bejn ir-riżultati tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni.";

(3) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Annessi III, IV u V sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-perjodi għar-reviżjoni u l-aġġornar tal-istrateġiji marini stipulati fl-Artikolu 17(2).";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

"Artikolu 24a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(3), fl-Artikolu 11(4) u fl-Artikolu 24(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(3), fl-Artikolu 11(4) u fl-Artikolu 24(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 24(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) fl-Artikolu 25, jitħassar il-paragrafu 3.

50. Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[51]

Sabiex jiġi żgurat li r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jiġi aġġornat regolarment, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Anness VI għal dak ir-Regolament sabiex tarmonizza l-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi;
- temenda dak ir-Regolament billi żżid Anness li jirrigwardja r-rispons tas-saħħa f'każ ta' emerġenza;
- temenda ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament u l-Annessi I sa VIII għal dak ir-Regolament sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 37, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

---

[51] ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

"5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati mingħajr dewmien bla bżonn, f'konformità mal-Artikolu 53a, fejn hija ssib li l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanza kkonċernata hija xierqa, sabiex temenda l-Anness VI permezz tal-inklużjoni ta' dik is-sustanza flimkien mal-elementi rilevanti ta' klassifikazzjoni u tikkettar fit-Tabella 3.1 tal-Parti 3 tal-Anness VI u, fejn ikunu xierqa, il-limiti speċifiċi ta' konċentrazzjoni jew il-fatturi-M.

Entrata korrispondenti għandha tiġi inkluża fit-Tabella 3.2 tal-Parti 3 tal-Anness VI soġġetta għall-istess kundizzjonijiet, sal-31 ta' Mejju 2015.

Meta, fil-każ tal-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni u tat-tikkettar tas-sustanzi, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 53b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 45, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Sal-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi sabiex tivvaluta l-possibbiltà li tarmonizza l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż billi tistabbilixxi format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni mill-importaturi u l-utenti downstream lill-korpi maħtura. Abbażi ta' dan ir-rieżami u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, bħall-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Ċentri għal Kontra l-Velenu u ta' Tossikoloġisti Kliniċi (EAPCCT), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta Regolament delegat f'konformità mal-Artikolu 53a li jemenda dan ir-Regolament permezz taż-żieda ta' Anness.";

(3) fl-Artikolu 53, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 53a li jemenda l-Artikolu 6(5), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12, l-Artikolu 14, l-Artikolu 18(3)(b), l-Artikolu 23, l-Artikoli 25 sa 29, it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 35(2) u l-Annessi I sa VIII sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-iżvilupp ulterjuri tal-GHS, b'mod partikolari kwalunkwe emendi tan-NU li jirrigwardjaw l-użu ta' informazzjoni dwar taħlitiet simili u billi jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fi programmi kimiċi rikonoxxuti f'livell internazzjonali u tad-dejta minn bażijiet ta' dejta dwar l-aċċidenti.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 53b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 53a u 53b li ġejjin:

"Artikolu 53a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 37(5), fl-Artikolu 45(4) u fl-Artikolu 53(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 37(5), fl-Artikolu 45(4) u fl-Artikolu 53(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 45(4) u l-Artikolu 53(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 53b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 53a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) fl-Artikolu 54, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

51. Id-Direttiva 2009/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz[52]

---

52 ĠU L 285, 31.10.2009, p. 36.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-istandards rilevanti mħejjija mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/126/KE sabiex tadattahom għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/126/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Adattamenti tekniċi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Artikoli 4 u 5 sabiex tadattahom għall-progress tekniku, fejn meħtieġ, sabiex tiżgura l-konsistenza ma' kwalunkwe standard rilevanti mħejji mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).
Id-delega tas-setgħa msemmija fl-ewwel paragrafu ma għandhiex tapplika għall-effikaċja tal-qbid tal-fwar tal-petrol u l-proporzjon ta' fwar/petrol speċifikati fl-Artikolu 4 u għall-perjodi ta' żmien speċifikati fl-Artikolu 5.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 9.

52. Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[53]

Sabiex id-Direttiva 2009/147/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u V għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/147/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 15

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda l-Annessi I u V sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

---

53 ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 16.

53. Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE[54]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jiġi aġġornat u sabiex jiġu stabbiliti proċeduri ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament u tissupplimentah bi proċeduri għat-twettiq tal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-Korpi Kompetenti tal-EMAS. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-

---

54 ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-armonizzazzjoni ta' ċerti proċeduri u b'rabta mad-dokumenti ta' referenza settorjali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Dokument ta' gwida li jirreferu għall-proċeduri ta' armonizzazzjoni approvati mill-Forum ta' Korpi Kompetenti għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

Dawk id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.";

(2) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 48a dwar il-proċeduri għat-twettiq tal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-Korpi Kompetenti tal-EMAS, inklużi proċeduri ta' appelli xierqa kontra deċiżjonijiet meħuda bħala riżultat tal-evalwazzjoni bejn il-pari.";

(3) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-dokumenti ta' gwida li jirreferu għall-proċeduri ta' armonizzazzjoni approvati mill-Forum tal-Korpi ta' Akkreditazzjoni u Ħruġ ta' Liċenzji permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).
Dawk id-dokuementi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. ";

(4) fl-Artikolu 46, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-dokumenti ta' referenza settorjali msemmija fil-paragrafu 1 u l-gwida msemmija fil-paragrafu 4 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).";

(5) l-Artikolu 48 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 48
Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 48a li jemenda l-Annessi, fejn xieraq, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fit-tħaddim tal-EMAS, b'rispons għall-ħtiġijiet identifikati għal gwida dwar ir-

rekwiżiti tal-EMAS u fid-dawl ta' kwalunkwe bidliet fl-istandards internazzjonali jew standards ġodda li huma ta' rilevanza għall-effettività ta' dan ir-Regolament.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 48a li ġej:

"Artikolu 48a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 48 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 48 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 48 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(7) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 3.

54. Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE[55]

[55] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jiġi aġġornat u sabiex jiġu stabbiliti regoli tekniċi addizzjonali meħtieġa għall-Ekotikketta tal-UE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'miżuri li jagħtu ċerti derogi;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'miżuri li jistabbilixxu kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Fir-rigward tal-iżvilupp tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-ikel u l-għalf, fl-2011 il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' kriterji tal-Ekotikketta għal prodotti ta' ikel u għalf. Abbażi tar-rapport finali ta' dak l-istudju dwar il-fattibbiltà u tal-opinjoni tal-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea, f'dan il-mument, il-Kummissjoni ma għandhiex il-ħsieb li tiżviluppa kriterji tal-Ekotikketta għal prodotti ta' ikel u għalf. Għalhekk, mhuwiex neċessarju li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiddeċiedi għal liema gruppi ta' ikel u għalf huwa fattibbli l-iżvilupp ta' kriterji tal-Ekotikketta.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jitħassar it-tieni subparagrafu;

(b) il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"7. Għal kategoriji speċifiċi ta' oġġetti li fihom is-sustanzi msemmija fil-paragrafu 6, u biss fejn ma jkunx teknikament fattibbli li dawn ikunu sostitwiti bħala tali, jew permezz tal-użu ta' materjali jew disinji alternattivi, jew fil-każ ta' prodotti li għandhom prestazzjoni ambjentali b'mod ġenerali ferm ogħla meta mqabbla ma' oġġetti oħrajn tal-istess kategorija, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jagħti derogi mill-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

Ma għandha tingħata ebda deroga fir-rigward ta' sustanzi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jkunu identifikati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 59(1) ta' dak ir-Regolament, preżenti f'taħlitiet, f'oġġett jew fi kwalunkwe parti omoġenja ta' oġġett kumpless f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % (piż skont il-piż).";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jistipula, sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-konsultazzjoni mal-EUEB, miżuri maħsuba biex jistabbilixxu kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Fl-eżerċitar tas-setgħa delegata msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-kummenti tal-EUEB u għandha tenfasizza b'mod ċar, tiddokumenta u tagħti spjegazzjonijiet għar-raġunament wara kwalunkwe bidliet fil-proposta finali tagħha mqabbla mal-proposta għal abbozz ta' kriterji wara l-konsultazzjoni tal-EUEB.";

(3) l-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 15*
Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda l-Annessi.
Fir-rigward tal-modifiki tal-ħlasijiet massimi previsti fl-Anness III, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li l-ħlasijiet ikopru l-ispejjeż sabiex titħaddem l-iskema.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(7), fl-Artikolu 8(2) u fl-Artikolu 15 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(7), fl-Artikolu 8(2) u fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(7), l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) Jitħassar l-Artikolu 16.

VII. L-EUROSTAT

55. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali[56]

Sabiex ir-Regolament (KEE) Nru 3924/91 jiġi adattat għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi:

- taġġorna l-lista ta' Prodcom u l-informazzjoni effettivament miġbura għal kull intestatura;
- tadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3(3);
- tiddeċiedi li, għal ċerti intestaturi fil-lista ta' Prodcom, għandu jitwettaq stħarriġ ta' kull xahar jew kull tliet xhur;
- tiddefinixxi l-arranġamenti relatati mal-kontenut tal-kwestjonarji tal-istħarriġ u r-regoli dettaljati li f'konformità magħhom l-Istati Membri għandhom jipproċessaw il-kwestjonarji kkompletati jew l-informazzjoni minn sorsi oħrajn.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 3924/91 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jaġġorna l-lista ta' Prodcom u l-informazzjoni effettivament miġbura għal kull intestatura.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż għall-aġġustament għall-progress tekniku.";

(3) fl-Artikolu 4, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

---

56 ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1.

"Madankollu, għal ċerti intestaturi fil-lista ta' Prodcom, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jistabbilixxi li għandu jitwettaq stħarriġ ta' kull xahar jew kull tliet xhur.";

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. L-informazzjoni meħtieġa għandha tinġabar mill-Istati Membri bl-użu ta' kwestjonarji ta' stħarriġ, li l-kontenut tagħhom għandu jkun konformi mal-arranġamenti definiti mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar dawk l-arranġamenti.";

(5) l-Artikolu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 6
L-ipproċessar tar-riżultati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar ir-regoli dettaljati li f'konformità magħhom l-Istati Membri għandhom jipproċessaw il-kwestjonarji kkompletati msemmija fl-Artikolu 5(1) jew l-informazzjoni minn sorsi oħrajn imsemmija fl-Artikolu 5(3).";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4, fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 6 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4, fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(6), l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-

notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 3.

56. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità[57]

Sabiex ir-Regolament (KEE) Nru 696/93 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-unitajiet tal-istatistika tas-sistema ta' produzzjoni, il-kriterji użati u d-definizzjonijiet speċifikati fl-Anness għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 696/93 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 6

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda b'mod partikolari l-unitajiet tal-istatistika tas-sistema ta' produzzjoni, il-kriterji użati u d-definizzjonijiet speċifikati fl-Anness sabiex tadattahom għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

---

57 ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3.

57. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir[58]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament sabiex taġġorna l-lista ta' varjabbli, id-definizzjonijiet u l-forom xierqa tal-varjabbli trażmessi;
- temenda l-lista ta' attivitajiet;
- tissupplimenta dak ir-Regolament dwar l-approvazzjoni u l-applikazzjoni tal-iskemi ta' kampjuni Ewropej;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bil-kriterji għall-kejl tal-kwalità;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bil-kundizzjonijiet għall-iżgurar tal-kwalità tad-dejta meħtieġa;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddetermina t-termini għall-applikazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bl-użu ta' unitajiet ta' osservazzjoni oħrajn;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bil-lista ta' varjabbli li għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bit-termini tal-allokazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea.

58 ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Diversi setgħat mogħtija meħtieġa biss għal miżuri tranżitorji issa ma għadhomx japplikaw.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

> "3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Annessi sabiex taġġorna l-lista ta' varjabbli, id-definizzjonijiet u l-forom xierqa tal-varjabbli trażmessi.";

(2) fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

> "Id-dettalji tal-iskemi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu kif speċifikat fl-Annessi. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-approvazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom.";

(3) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

> "5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar il-kriterji għall-kejl tal-kwalità.";

(4) jitħassar l-Artikolu 17;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 10, fil-punti (a), (b) 3, (ċ) 2, (ċ) 10, (d) 2, (f) 8 u 9 tal-Anness A, fil-punti (b) 4 u (d) 2 tal-Anness B, fil-punti (b) 2, (d) 2 u (g) 2 tal-Anness Ċ u fil-punti (b) 2 u (d) 2 tal-Anness D għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 10, fil-punti (a), (b) 3, (ċ) 2, (ċ) 10, (d) 2, (f) 8 u 9 tal-Anness A, fil-punti (b) 4 u (d) 2

tal-Anness B, fil-punti (b) 2, (d) 2 u (g) 2 tal-Anness Ċ u fil-punti (b) 2 u (d) 2 tal-Anness D tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 10, il-punti (a), (b) 3, (ċ) 2, (ċ) 10, (d) 2, (f) 8 u 9 tal-Anness A, il-punti (b) 4 u (d) 2 tal-Anness B, il-punti (b) 2, (d) 2 u (g) 2 tal-Anness Ċ u l-punti (b) 2 u (d) 2 tal-Anness D għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1. ".

(6) L-Anness A huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(a) Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha elenkati fit-Taqsimiet minn B sa E ta' NACE Rev. 2, jew, kif jista' jkun il-każ, għall-prodotti kollha elenkati fit-Taqsimiet minn B sa E tas-CPA. L-informazzjoni mhijiex meħtieġa għall-punti 37, 38.1, 38.2 u 39 ta' NACE Rev. 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-lista ta' attivitajiet.";

(ii) il-punt 3 (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-użu ta' unitajiet ta' osservazzjoni oħrajn.";

(iii) il-punt 2 (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. L-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-produzzjoni għas-swieq mhux domestiċi (Nru 312) u l-prezzijiet tal-importazzjoni (Nru 340) tista' tiġi kkompilata billi jintużaw il-valuri tal-unità għall-prodotti li joriġinaw mill-kummerċ barrani jew sorsi oħrajn biss jekk ma jkun hemm ebda deterjorament sinifikanti fil-kwalità, meta mqabbla ma' informazzjoni speċifika dwar il-prezzijiet. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar il-kundizzjonijiet għall-iżgurar tal-kwalità tad-dejta meħtieġa.";

(iv) il-punt 4(ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Mill-bidu tal-ewwel perjodu ta' referenza, l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata min-numru ta' impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hija permessa għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.";

(v) il-punt 10(ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"10. L-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-importazzjoni (Nri 310, 311, 312 u 340) mhijiex meħtieġa għall-gruppi jew għall-klassijiet li ġejjin tan-NACE Rev. 2, rispettivament, CPA: 07.21, 24.46, 25.4, 30.1, 30.3, 30.4 u 38.3. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni (Nru 340) mhijiex meħtieġa għad-diviżjonijiet 09, 18, 33 u 36 tas-CPA. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-lista ta' attivitajiet.";

(vi) il-punt 2(d) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Barra minn hekk, il-varjabbli tal-produzzjoni (Nru 110) u l-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Kull fejn varjabbli oħrajn juru effetti ta' jiem tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu wkoll jittrażmettu dawk il-varjabbli f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-emenda tal-lista ta' varjabbli li għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol.";

(vii) il-punt 8(f) jiġi sostitwit b'li ġej:

"8. Għall-varjabbli tal-prezz tal-importazzjoni (Nru 340), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar id-determinazzjoni tat-termini għall-applikazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea kif definita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2).";

(viii) il-punt 9(f) jiġi sostitwit b'li ġej:

"9. Il-varjabbli dwar is-swieq mhux domestiċi (Nri 122 u 312) għandhom jiġu trażmessi skont id-distinzjoni bejn iż-żona tal-euro u ż-żona mhux tal-euro. Id-distinzjoni għandha tiġi applikata għall-industrija totali definita bħala t-Taqsimiet minn B sa E tan-NACE Rev. 2, l-MIGs, il-livell tat-Taqsima (ittra waħda) u tad-Diviżjoni b'żewġ ċifri tan-NACE Rev. 2. L-informazzjoni dwar it-Taqsimiet D u E tan-NACE Rev. 2 mhijiex meħtieġa għall-varjabbli Nru 122. Barra minn hekk, il-varjabbli tal-prezz tal-importazzjoni (Nru 340) għandu jkun trażmess skont id-distinzjoni bejn iż-żona tal-euro u ż-żona mhux tal-euro. Id-distinzjoni għandha tiġi applikata għall-industrija totali definita bħala t-Taqsimiet minn B sa E tas-CPA, l-MIGs, il-livell tat-Taqsima (ittra waħda) u tad-Diviżjoni b'żewġ ċifri tas-CPA. Għad-distinzjoni bejn iż-żona tal-euro u ż-żona mhux tal-euro, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar id-determinazzjoni tat-termini għall-applikazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea kif definita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2). L-iskema ta' kampjuni Ewropea tista' tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-varjabbli tal-prezz tal-importazzjoni għall-importazzjoni ta'

prodotti minn pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro. Id-distinzjoni bejn iż-żona tal-euro u ż-żona mhux tal-euro għall-varjabbli 122, 312 u 340 ma hemmx bżonn li tkun trażmessa minn dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom.";

(7) l-Anness B huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 4(b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-użu ta' unitajiet ta' osservazzjoni oħrajn.";

(ii) il-punt 3(ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Mill-bidu tal-ewwel perjodu ta' referenza, l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata min-numru ta' impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hija permessa għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. ";

(iii) fil-punt 6(ċ), jitħassar ir-raba' subparagrafu.

(iv) il-punt 2(d) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Barra minn hekk, il-varjabbli tal-produzzjoni (Nri 110, 115, 116) u l-varjabbli tas-sigħat maħduma (Nru 220) għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol.

Kull fejn varjabbli oħrajn juru effetti ta' jiem tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu wkoll jittrażmettu dawk il-varjabbli f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-emenda tal-lista ta' varjabbli li għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol.";

(9) l-Anness Ċ huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 2(b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-użu ta' unitajiet ta' osservazzjoni oħrajn.";

(ii) il-punt 3(ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Mill-bidu tal-ewwel perjodu ta' referenza, l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata min-numru ta' impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hija permessa għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament;

(iii) fil-punt 4(ċ), jitħassar l-aħħar paragrafu;

(iv) il-punt 2(d) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-varjabbli tal-fatturat (Nru 120) u l-varjabbli tal-volum tal-bejgħ (Nru 123) għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Kull fejn varjabbli oħrajn juru effetti ta' jiem tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu wkoll jittrażmettu dawk il-varjabbli f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-

Artikolu 18a dwar l-emenda tal-lista ta' varjabbli li għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol.";

(v) il-punt 2(g) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-varjabbli għandhom jiġu trażmessi għall-fatturat (Nru 120) u d-deflatur tal-bejgħ/il-volum tal-bejgħ (Nru 330/123) fi żmien xahar għal-livell ta' dettall speċifikat fil-paragrafu 3 taħt l-intestatura (f) ta' dan l-Anness. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw għall-varjabbli tal-fatturat u tad-deflatur tal-bejgħ jew tal-volum tal-bejgħ Nri 120 u 330/123 b'kontribuzzjonijiet skont l-allokazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea kif definita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2). Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar it-termini tal-allokazzjoni ta' skema ta' kampjuni Ewropea.";

(10) l-Anness D huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 2(b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-użu ta' unitajiet ta' osservazzjoni oħrajn.";

(ii) il-punt 2(ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Mill-bidu tal-ewwel perjodu ta' referenza, l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata min-numru ta' impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hija permessa għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

(iii) fil-punt 4(ċ), jitħassar it-tielet subparagrafu.

(iv) il-punt 2(d) jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-varjabbli tal-fatturat (Nru 120) għandu jiġi trażmess f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Kull fejn varjabbli oħrajn juru effetti ta' jiem tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu wkoll jittrażmettu dawk il-varjabbli f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar l-emenda tal-lista ta' varjabbli li għandhom jiġu trażmessi f'forma aġġustata għall-jiem tax-xogħol, li tista' tiġi emendata mill-Kummissjoni.";

(v) fil-punt (e), jitħassar ir-raba' subparagrafu.

(vi) jitħassar il-punt 6(f).

58. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol[59]

[59] ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6.

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 530/1999 jiġi adattat bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bidliet tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bid-definizzjoni u t-tqassim tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-kriterji tal-evalwazzjoni tal-kwalità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 530/1999 dwar il-format tekniku għat-trażmissjoni tar-riżultati, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 530/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a dwar id-definizzjoni u t-tqassim tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta taħt il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati għal kull perjodu ta' referenza mill-inqas disa' xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.";

(2) l-Artikolu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 9
It-trażmissjoni tar-riżultati

Ir-riżultati għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) f'perijodu ta' 18-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-format tekniku xieraq għat-trażmissjoni ta' dawn ir-riżultati permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).";

(3) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a dwar il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kwalità. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati għal kull perjodu ta' referenza mill-inqas disa' xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 10(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 10(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 10(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) jitħassar l-Artikolu 11;

(6) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 jitħassar.

59. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart[60]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 jiġi aġġornat bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi fil-ġbir u l-ipproċessar statistiku tal-istatistika tal-iskart, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dak ir-Regolament sabiex taġġustah għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi fil-ġbir u l-ipproċessar statistiku tad-dejta;
- temenda l-ipproċessar u t-trażmissjoni tar-riżultati u l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet elenkati fl-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament;

---

60 ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddefinixxi r-rekwiżit minimu għall-kopertura skont l-Annessi I u II, it-Taqsima 7, il-punt 1;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi tabella ta' ekwivalenza bejn in-nomenklatura statistika tal-Anness III għal dak ir-Regolament u l-lista ta' skart stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE[61] u billi tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tal-preċiżjoni u l-kwalità.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw il-miżuri ta' tranżizzjoni ma għadhomx japplikaw.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar il-produzzjoni tar-riżultati, il-format xieraq għat-trażmissjoni tar-riżultati u l-kontenut tar-rapporti ta' kwalità, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5b dwar it-twaqqif ta' tabella ta' ekwivalenza bejn in-nomenklatura tal-istatistika tal-Anness III għal dan ir-Regolament u l-lista ta' skart stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE.*

* Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3). ";

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5b dwar id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kwalità u tal-preċiżjoni.";

(b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

[61] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

"Għal kull oġġett elenkat fit-Taqsima 8 (attivitajiet u djar) tal-Anness I, kif ukoll għall-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 3 u għal kull oġġett fost it-tipi ta' operazzjonijiet elenkati fit-Taqsima 8(2) tal-Anness II, l-Istati Membri għandhom jindikaw il-perċentwal li għalih l-istatistika kkompilata tirrappreżenta l-univers tal-iskart tal-oġġett rispettiv. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5b li jissupplimenta dan ir-Regolament permezz ta' definizzjoni tar-rekwiżit minimu għall-kopertura.";

(3) jitħassru l-Artikoli 4 u 5;

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a
Aġġustament għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5b dwar l-aġġustament għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi fil-ġbir u l-ipproċessar statistiku tad-dejta, kif ukoll l-ipproċessar u t-trażmissjoni tar-riżultati u l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet elenkati fl-Annessi.

Artikolu 5b
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(5), fl-Artikolu 3(1) u (4) u fl-Artikolu 5a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(5), fl-Artikolu 3(1) u (4) u fl-Artikolu 5a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(5), l-Artikolu 3(1) u (4) u l-Artikolu 5a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament

Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) L-Artikolu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 6
Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari, dwar:

(a) il-produzzjoni tar-riżultati f'konformità mal-Artikolu 3(2), (3) u (4), billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istrutturi ekonomiċi u l-kundizzjonijiet tekniċi fi Stat Membru. Tali atti ta' implimentazzjoni jistgħu jippermettu li Stat Membru individwali ma jirrapportax ċerti entrati fit-tqassim, bil-kundizzjoni li jiġi pprovat li l-impatt fuq il-kwalità tal-istatistika jkun limitat. Fil-każijiet kollha fejn jingħataw eżenzjonijiet, għandu jiġi kkumpilat l-ammont totali ta' skart għal kull oġġett elenkat fit-Taqsimiet 2(1) u 8(1) tal-Anness I;
(b) il-format xieraq għat-trażmissjoni tar-riżultati mill-Istati Membri fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
(ċ) il-kontenut tar-rapporti ta' kwalità msemmija fit-Taqsima 7 tal-Anness I u fit-Taqsima 7 tal-Anness II.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).";

(6) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3;

(7) fl-Artikolu 8, jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(8) fl-Anness I, jitħassar il-punt 1 tat-Taqsima 7;

(9) fl-Anness II, jitħassar il-punt 1 tat-Taqsima 7.

60. Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru[62]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 jiġi aġġornat bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-

---

62 ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1.

setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-karatteristiċi tal-ġbir tad-dejta u l-ispeċifikazzjonijiet fl-Annessi għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi standards oħrajn ta' preċiżjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 437/2003 dwar il-fajls tad-dejta għat-trażmissjoni, id-deskrizzjoni tal-kodiċijiet tad-dejta u l-mezz li jrid jintuża għat-trażmissjoni tad-dejta, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jiġbor dejta statistika li tirrigwardja l-varjabbli li ġejjin:
(a) il-passiġġieri;
(b) il-merkanzija u l-posta;
(ċ) l-istadji tat-titjiriet;
(d) il-postijiet disponibbli għall-passiġġieri;
(e) il-movimenti tal-inġenji tal-ajru.

Il-varjabbli tal-istatistika f'kull żona, in-nomenklaturi għall-klassifikazzjoni tagħhom, il-perjodiċità tal-osservazzjoni u d-definizzjonijiet huma stabbiliti fl-Annessi.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-karatteristiċi tal-ġbir tad-dejta u l-ispeċifikazzjonijiet fl-Annessi.";

(2) l-Artikolu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 5
Il-preċiżjoni tal-istatistika

Il-ġbir tad-dejta għandu jkun ibbażat fuq redditi kompleti.
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delgati f'konformità mal-Artikolu 10a dwar l-istabbiliment ta' standards oħrajn ta' preċiżjoni.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Ir-riżultati għandhom jiġu trażmessi skont il-fajls tad-dejta murija fl-Anness I, li d-deskrizzjoni għalihom għandha tiġi speċifikata mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tispeċifika wkoll, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, id-deskrizzjoni tal-kodiċijiet tad-dejta u l-mezz li jrid jintuża għat-trażmissjoni.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(4) jitħassar l-Artikolu 10;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 3.

61. Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol[63]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 jiġi aġġornat bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dak ir-Regolament billi terġa' tiddefinixxi l-ispeċifikazzjoni teknika tal-indiċi u tirrevedi l-istruttura tal-ponderazzjoni, permezz tal-inklużjoni ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tidentifika l-attivitajiet ekonomiċi li fihom għandha tinqasam id-dejta u l-attivitajiet ekonomiċi li fihom għandu jinqasam l-indiċi;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi kriterji ta' kwalità separati u l-metodoloġija għall-ikkatenar tal-indiċi.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2003 dwar il-kontenut tar-rapporti ta' kwalità, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar l-emendi għad-definizzjoni mill-ġdid tal-ispeċifikazzjoni teknika tal-indiċi u r-reviżjoni tal-istruttura ta' ponderazzjoni.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar l-emendi għall-inklużjoni tal-attivitajiet ekonomiċi definiti mit-taqsimiet O sa S ta' NACE Rev. 2 fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istudji tal-fattibbiltà definiti fl-Artikolu 10.";

(3) l-Artikolu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

[63] ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1.

"Artikolu 4
Tqassim tal-varjabbli

1. Billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ispejjeż totali tal-impjiegi u tax-xogħol fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar l-identifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi definiti mit-taqsimiet ta' NACE Rev. 2 u minn diżaggreggazzjonijiet ulterjuri, mhux 'lil hinn mil-livell tad-diviżjonijiet ta' NACE Rev. 2 (livell ta' 2 ċifri) jew gruppi ta' diviżjonijiet li fihom għandha tinqasam id-dejta, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali.

L-indiċijiet tal-ispejjeż tax-xogħol għandhom jiġu pprovduti separatament għall-kategoriji tal-ispejjeż tax-xogħol li ġejjin:

(a) l-ispejjeż totali tax-xogħol;
(b) il-pagi u s-salarji, definiti b'referenza għall-entrata D.11 fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1726/1999;
(ċ) il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem miżjuda bit-taxxi mħallsa minn min iħaddem u mnaqqsa bis-sussidji riċevuti minn min iħaddem, kif definiti bis-somma tal-entrati D.12 u D.4 nieqes D.5 fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1726/1999.

2. Indiċi li jistma l-ispejjeż totali tax-xogħol, minbarra l-bonuses, fejn il-bonuses huma definiti minn D.11112 fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1726/1999, għandu jiġi pprovdut maqsum skont l-attivitajiet ekonomiċi ddeterminati mill-Kummissjoni u għandu jkun ibbażat fuq il-klassifikazzjoni ta' NACE Rev. 2.
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar id-determinazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istudji tal-fattibbiltà definiti fl-Artikolu 10.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar l-istabbiliment tal-metodoloġija għall-ikkatenar tal-indiċi.";

(4) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 8
Il-Kwalità

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar id-definizzjoni ta' kriterji ta' kwalità separati. Id-dejta attwali u d-dejta b'lura trażmessi għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' kwalità.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti annwali tal-kwalità lill-Kummissjoni, li jibdew fl-2003. Il-kontenut tar-rapporti għandu jiġi definit mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).";

(5) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri skont ir-riżultati tal-istudji tal-fattibbiltà permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2). Dawk il-miżuri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-kosteffettività, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, inkluża l-minimizzazzjoni tal-oneru tar-risposta.";

(b) jitħassar il-paragrafu 6;

(6) jitħassar l-Artikolu 11;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(4), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 4 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(4), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 4 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(4), l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3;

(9) fl-Anness, jitħassar il-punt 3.

62. Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni[64]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontenut tal-moduli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tas-supplimentazzjoni tal-moduli ta' dak ir-Regolament dwar l-għażla u l-ispeċifikazzjoni, l-aġġustament u l-modifika tas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, il-kopertura, il-perjodi ta' referenza u t-tqassim tal-karatteristiċi, il-perjodiċità u t-twaqqit tal-provvista tad-dejta u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[*]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 8
Setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jissupplimenta l-moduli ta' dan ir-Regolament dwar l-għażla u l-ispeċifikazzjoni, l-aġġustament u l-modifika tas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, il-kopertura, il-perjodi ta' referenza u t-tqassim tal-karatteristiċi, il-perjodiċità u t-twaqqit tal-provvista tad-dejta u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati.

Dawk l-atti delegati għandhom jieħdu kont tal-bidliet tekniċi u ekonomiċi u jieħdu f'kunsiderazzjoni r-riżorsi tal-Istati Membri u l-oneru tar-risposta, il-fattibbiltà teknika u metodoloġika u l-affidabbiltà tar-riżultati.

2. L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas disa' xhur qabel il-bidu ta' perjodu ta' ġbir tad-dejta.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a
Eżerċitar tad-delega

64 ĠU L 143, 30.4.2004, p.49.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 9;

(4) fl-Anness I, il-punt 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. *It-tul ta' żmien u l-perjodiċità tal-provvista tad-dejta*

L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena sa massimu ta' 15-il sena ta' referenza mill-20 ta' Mejju 2004. Mhux il-karatteristiċi kollha bilfors iridu jiġu pprovduti kull sena; il-perjodiċità tal-provvista għal kull karatteristika għandha tiġi speċifikata u maqbula bħala parti mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8(1)."

(5) fl-Anness II, il-punt 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. (ċ) It-tul ta' żmien u l-perjodiċità tal-provvista tad-dejta

L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena sa massimu ta' 15-il sena ta' referenza mill-20 ta' Mejju 2004. Mhux il-karatteristiċi kollha bilfors iridu jiġu

pprovduti kull sena; il-perjodiċità tal-provvista għal kull karatteristika għandha tiġi speċifikata u maqbula bħala parti mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8(1).”.

63. Ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2005 dwar il-kumpilazzjoni ta’ kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skont is-settur istituzzjonali[65]

Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-kontijiet trimestrali mhux finanzjarji għall-Unjoni u għaż-żona tal-euro kkumpilati skont ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f’konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dak ir-Regolament sabiex tadatta l-perjodu ta’ żmien tat-trażmissjoni għal ċerti entrati;
- temenda dak ir-Regolament sabiex tadatta l-proporzjon tat-total tal-Unjoni;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bi skeda ta’ żmien għat-trażmissjoni ta’ ċerti entrati speċifikati fl-Anness, b’deċiżjonijiet li jitolbu li jsir tqassim tat-tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness skont is-settur tal-kontroparti u bi standards komuni ta’ kwalità.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016. B’mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta’ atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b’li ġej:

“2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 7a dwar l-iskeda ta’ żmien għat-trażmissjoni tal-entrati P.1, P.2, D.42, D.43, D.44, D.45 u B.4G u kwalunkwe deċiżjoni li titlob li jsir tqassim tat-tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness skont is-settur tal-kontroparti. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tiġi adottata biss wara li l-Kummissjoni tkun irrapportat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament skont l-Artikolu 9.”;

(b) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b’li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 7a li jemenda l-paragrafu 3 sabiex taġġusta, b’massimu ta’ ħamest ijiem, iż-żmien tat-trażmissjoni speċifikat f’dak il-paragrafu.”;

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b’li ġej:

[65] ĠU L 191, 22.7.2005, p. 22.

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jemenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-proporzjon tat-total tal-Unjoni." ;

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a dwar l-adozzjoni ta' standards ta' kwalità komuni.
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-kwalità tad-dejta trażmessa titjieb matul iż-żmien sabiex jintlaħqu dawn l-istandards ta' kwalità komuni.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2) u (4), fl-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 6(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2) u (4), fl-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 6(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) u (4), l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 6(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) fl-Artikolu 8, jitħassar il-paragrafu 3.

64. Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi[66]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 jiġi aġġornat bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament:

- billi testendi d-definizzjoni ta' unità ta' statistika;
- billi tiddetermina r-rekwiżiti tal-kampjunar u tal-preċiżjoni, id-daqsijiet tal-kampjuni meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati tan-NACE Rev. 2 u l-kategoriji tad-daqsijiet li fihom jistgħu jinqasmu r-riżultati;
- billi tiddetermina d-dejta speċifika li trid tinġabar fir-rigward tal-intrapriżi li joffru taħriġ u dawk li ma joffrux taħriġ u l-forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali;
- billi tispeċifika r-rekwiżiti tal-kwalità għad-dejta li trid tinġabar u tiġi trażmessa għall-istatistika Ewropea dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi u kwalunkwe miżuri meħtieġa għall-valutazzjoni jew għat-titjib tal-kwalità tad-dejta;
- billi tiddetermina l-ewwel sena ta' referenza u l-miżuri meħtieġa fir-rigward tal-ġbir, it-trażmissjoni u l-ipproċessar tad-dejta.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1552/2005 dwar l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. B'kont meħud tad-distribuzzjoni speċifika, skont id-daqs, ta' intrapriżi f'livell nazzjonali u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-politika, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-definizzjoni ta' unità ta' statistika f'pajjiżhom.
Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar l-estensjoni ta' dik id-definizzjoni, jekk tali estensjoni ttejjeb sostanzjalment ir-rappreżentattività u l-kwalità tar-riżultat tal-istħarriġ fl-Istati Membri kkonċernati.";

[66] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1.

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jiddetermina r-rekwiżiti tal-kampjunar u tal-preċiżjoni, id-daqsijiet tal-kampjuni meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati tan-NACE Rev. 2 u l-kategoriji tad-daqsijiet li fihom jistgħu jinqasmu r-riżultati.";

(3) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar id-dejta speċifika li trid tinġabar fir-rigward tal-intrapriżi li joffru taħriġ u dawk li ma joffrux taħriġ u l-forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali.";

(4) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità għad-dejta li trid tinġabar u tiġi trażmessa għall-istatistika Ewropea dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi u kwalunkwe miżuri meħtieġa għall-valutazzjoni jew għat-titjib tal-kwalità tad-dejta.";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).";

(5) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar id-determinazzjoni tal-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tinġabar id-dejta.";

(6) fl-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi dwar il-ġbir, it-trażmissjoni u l-ipproċessar tad-dejta.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 7(3), fl-Artikolu 8(2), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 13 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 7(3), fl-Artikolu 8(2), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) fl-Artikolu 14, jitħassar il-paragrafu 3.

65. Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90, kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika[67]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 jiġi adattat għall-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi u sabiex NACE Rev. 2 tiġi allinjata ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil

---

67 ĠU L 393, 30.12.2006, p.1.

Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda l-Anness sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi jew sabiex tallinjah ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħrajn.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3.

66. Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS)[68]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 jiġi adattat għall-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament billi taġġorna r-regoli dwar id-disseminazzjoni u sabiex tissupplimentah billi tistabbilixxi l-ewwel sena li għaliha għandha tingħabar dejta sħiħa u billi tadotta miżuri li jirrigwardjaw il-klassifikazzjoni ddettaljata tad-dejta koperta u d-definizzjonijiet li għandhom jintużaw. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 2.

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jistabbilixxi l-ewwel sena li għaliha għandha tingħabar id-dejta sħiħa u li jadotta miżuri li jirrigwardjaw il-klassifikazzjoni dettaljata tad-dejta koperta u d-definizzjonijiet li jridu jintużaw.
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jemenda dan ir-Regolament sabiex taġġorna r-regoli għat-tixrid.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(3) u fil-punt 1.1.2.4. tal-Anness I għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

68 ĠU L 113, 30.4.2007, p. 3.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(3) u fil-punt 1.1.2.4. tal-Anness I tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(3) u l-punt 1.1.2.4. tal-Anness I għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 8, jitħassar il-paragrafu 3;

(5) fl-Anness I, il-punt "1.1.2.4. Rikavati oħrajn" jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a sabiex tipprovdi d-dejta koperta (b'referenza għall-klassifikazzjoni dettaljata)."

67. Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin[69]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda d-definizzjonijiet fl-Annessi I u II u l-livell ta' dettall fl-Anness III u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'miżuri li jikkonċernaw l-istatistika inward u outward dwar l-affiljati barranin.
Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

---

69 ĠU L 171, 29.6.2007, p.17

jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 716/2007, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi l-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

> "Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda d-definizzjonijiet fl-Annessi I u II u l-livell ta' dettall fl-Anness III.
>
> Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prinċipju li l-benefiċċji ta' tali miżuri għandhom jissuperaw l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll lill-prinċipju li kwalunkwe piż finanzjarju addizzjonali fuq l-Istati Membri jew l-intrapriżi għandu jinżamm f'limitu raġonevoli.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri meħtieġa għall-istatistika inward u outward dwar l-affiljati barranin, abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudji pilota.
>
> Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prinċipju li l-benefiċċji ta' tali miżuri għandhom jissuperaw l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll lill-prinċipju li kwalunkwe piż finanzjarju addizzjonali fuq l-Istati Membri jew l-intrapriżi għandu jinżamm f'limitu raġonevoli.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar l-istandards ta' kwalità komuni.";

(4) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
  (i) bejn il-punt (a) u l-punt (b), titħassar il-kelma "u";
  (ii) jiżdied il-punt (ċ) li ġej:

"(ċ) id-definizzjoni tal-kontenut u tal-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità.";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 6(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 6(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2, l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 6(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(6) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 3.

68. Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin[70]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 jiġi adattat għall-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament billi taġġorna ċerti definizzjonijiet u sabiex tissupplimentah billi tiddetermina l-gruppi ta' dejta u diżaggregazzjonijiet addizzjonali u tistipula regoli dwar l-istandards tal-kwalità u l-

---

70 ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

preċiżjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1).

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a:
(a) id-definizzjoni tal-kategoriji ta' gruppi ta' pajjiżi tat-twelid, gruppi ta' pajjiżi ta' residenza abitwali preċedenti u sussegwenti u gruppi ta' ċittadinanza kif previst fl-Artikolu 3(1);
(b) id-definizzjoni tal-kategoriji tar-raġunijiet għall-permess kif previst fl-Artikolu 6(1)(a);
(ċ) id-definizzjoni tad-diżaggregazzjonijiet addizzjonali u l-livelli ta' diżaggreggazzjonijiet li għandhom jiġu applikati għall-varjabbli kif previst fl-Artikolu 8;
(d) l-istipular tar-regoli dwar l-istandards tal-kwalità u l-preċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 2;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 3.

69. Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom[71]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 jiġi aġġornat bil-għan li jiġu kkunsidrati l-bidliet tekniċi u ekonomiċi għall-kalkolu u t-tixrid tal-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament bil-għan li tadatta d-definizzjonijiet u sabiex temenda l-intestaturi bażiċi fl-Anness II u tissupplimenta dak ir-Regolament bi kriterji ta' kwalità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1445/2007, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

---

71 ĠU L 336, 20.12.2007, p. 1.

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda d-definizzjonijiet u li jemenda l-lista ta' intestaturi bażiċi fl-Anness II sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet tekniċi u ekonomiċi, sakemm dan ma jkunx jinvolvi żieda sproporzjonata fl-ispejjeż għall-Istati Membri.";

(2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a dwar il-kriterji komuni li fuqhom huwa bbażat il-kontroll tal-kwalità.";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità, kif speċifikat fil-punt 5.3 tal-Anness I, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 7(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 7(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu

għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 3;

(5) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3.

70. Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93[72]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-lista ta' karatteristiċi tar-reġistri, id-definizzjoni tagħhom u r-regoli ta' kontinwità tagħhom fl-Anness għal dak ir-Regolament u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bi standards ta' kwalità komuni u regoli għall-aġġornament tar-reġistri u billi tiddetermina l-firxa ta' kemm ċerti intrapriżi u gruppi ta' intrapriżi għandhom jiġu inklużi fir-reġistri, billi tispeċifika unitajiet konsistenti ma' dawk għall-istatistika agrikola. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 177/2008, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jiddetermina l-firxa safejn l-intrapriżi b'inqas minn nofs persuna impjegata u l-gruppi ta' intrapriżi residenti kollha mingħajr ebda importanza statistika għall-Istati Membri għandhom jiġu inklużi fir-reġistri, u d-definizzjoni ta' unitajiet konsistenti ma' dawk għall-istatistika agrikola.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

---

72 ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda l-Anness sabiex taġġorna l-lista ta' karatteristiċi tar-reġistri u d-definizzjoni tagħhom, kif ukoll ir-regoli ta' kontinwità tagħhom, billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-prinċipju li l-benefiċċji tal-aġġornament għandhom jissuperaw l-ispiża tiegħu u l-prinċipju li r-riżorsi addizzjonali involuti għall-Istati Membri jew għall-intrapriżi jibqgħu raġonevoli.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a dwar l-istandards ta' kwalità komuni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).".

Il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-ispiża tal-kompilazzjoni tad-dejta.";

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a dwar ir-regoli għall-aġġornament tar-reġistri.";

(5) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 1;

(6) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(6), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 8(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ tal-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(6), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 8(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(6), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

_____-

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(6) fl-Artikolu 16, jitħassar il-paragrafu 3.

71. Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali[73]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament:

- fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-lista ta' karatteristiċi, il-perjodu ta' referenza, l-attivitajiet li għandhom jiġu koperti u r-rekwiżiti tal-kwalità tal-modulu flessibbli;
- bil-miżuri meħtieġa abbażi tal-evalwazzjoni tal-istudji pilota;
- bir-riżultati tal-komponenti nazzjonali prodotti mill-Istati Membri;
- fir-rigward tal-perjodu ta' referenza għal ċerti moduli;
- bir-rieżami tar-regoli għall-bandiera CETO u r-raggruppament tal-Istati Membri;
- permezz ta' aġġornar tal-listi ta' karatteristiċi u r-riżultati preliminari;
- fir-rigward tal-frekwenza tal-kumpilazzjoni tal-istatistika;
- fir-rigward tal-ewwel sena ta' referenza għall-kumpilazzjoni tar-riżultati;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bid-diviżjoni 66 tan-NACE Rev. 2, bit-trażmissjoni tar-riżultati preliminari jew bl-estimi;
- fir-rigward tat-tqassim tar-riżultati, b'mod partikolari l-klassifikazzjonijiet li għandhom jintużaw u l-kombinazzjonijiet tad-daqs;
- billi taġġorna l-perjodi ta' żmien għat-trażmissjoni tad-dejta;
- billi tadatta t-tqassim tal-attivitajiet għall-emendi jew għar-reviżjonijiet tan-NACE u t-tqassim tal-prodotti għall-emendi jew għar-reviżjonijiet tas-CPA, kif ukoll it-tibdil tal-limitu aktar baxx għall-popolazzjoni referenzjarja;
- bi kriterji għall-evalwazzjoni tal-kwalità.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

73 ĠU L 97, 9.4.2008 p. 13.

jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"L-użu tal-modulu flessibbli msemmi fil-punt (j) tal-paragrafu 2 għandu jkun ippjanat b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-lista ta' karatteristiċi, il-perjodu ta' referenza, l-attivitajiet li jridu jiġu koperti u r-rekwiżiti tal-kwalità. L-att delegat għandu jiġi adottat mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.
Il-Kummissjoni għandha wkoll tispeċifika l-ħtieġa għall-informazzjoni u l-impatt tal-ġbir tad-dejta fir-rigward tal-piż fuq in-negozji u l-ispejjeż għall-Istati Membri.";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-miżuri meħtieġa abbażi tal-evalwazzjoni tal-istudji pilota.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Sabiex ikunu jistgħu jiġu kkumpilati l-aggregati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jipproduċu riżultati nazzjonali kompetenti skont il-livelli ta' NACE Rev. 2 stipulati fl-Annessi għal dan ir-Regolament jew fl-atti delegati. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b.";

(4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Ir-riżultati għandhom jiġu trażmessi f'format tekniku xieraq, f'perijodu ta' żmien li jibda mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-perjodu ta' referenza għall-moduli previsti fl-Artikolu 3(2)(a) sa (h) u (j) u dan il-perjodu ma għandux ikun itwal minn 18-il xahar. Għall-modulu previst fl-Artikolu 3(2)(i), il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn 30 xahar jew 18-il xahar, kif stipulat fit-Taqsima 9 tal-Anness IX. Barra minn hekk, numru żgħir ta' estimi ta' riżultati preliminari għandhom ikunu trażmessi f'perjodu ta' żmien li jibda mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, li għandu jkun stipulat f'konformità ma' dik il-proċedura għall-moduli previsti fl-Artikolu 3(2)(a) sa (g) u ma għandux ikun itwal minn 10 xhur.
Għall-modulu previst fl-Artikolu 3(2)(i), il-perjodu ta' żmien għar-riżultati preliminari ma għandux ikun itwal minn 18-il xahar.";

(b) fil-paragraph 3, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar ir-reviżjoni tar-regoli għall-bandiera CETO u r-raggruppament tal-Istati Membri sad-29 ta' April 2013 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem.";

(5) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 2;

(6) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"*Artikolu 11a*
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar:
(a) l-aġġornament tal-listi tal-karatteristiċi u r-riżultati preliminari, sakemm tali aġġornament, wara valutazzjoni kwantitattiva, ma jimplikax żieda fin-numru ta' unitajiet mistħarrġa jew piż fuq l-unitajiet li jkun sproporzjonat għar-riżultati mistennija (l-Artikoli 4 u 8 u l-Anness I, it-Taqsima 6, l-Anness II, it-Taqsima 6, l-Anness III, it-Taqsima 6, l-Anness IV, it-Taqsima 6);
(b) il-frekwenza tal-kumpilazzjoni tal-istatistika (l-Artikolu 3);
(ċ) l-ewwel sena ta' referenza għall-kumpilazzjoni tar-riżultati (l-Artikolu 8 u t-Taqsima 5 tal-Anness I);
(d) it-tqassim tar-riżultati, b'mod partikolari l-klassifikazzjonijiet li jridu jintużaw u l-kombinazzjonijiet tal-klassijiet tad-daqs (l-Artikolu 7 u l-Anness VIII, it-Taqsima 4, il-paragrafi 2 u 3, l-Anness IX, it-Taqsima 8, il-paragrafi 2 u 3 u t-Taqsima 10 tal-Anness IX);
(e) l-aġġornament tal-perjodi ta' żmien għat-trażmissjoni tad-dejta (l-Artikolu 8 u Anness I, it-Taqsima 8, il-paragrafu 1 u t-Taqsima 7 tal-Anness VI);
(f) l-adattament tat-tqassim tal-attivitajiet għall-emendi jew għar-reviżjonijiet tan-NACE u t-tqassim tal-prodotti għall-emendi jew għar-reviżjonijiet tas-CPA;
(g) it-tibdil tal-limitu l-aktar baxx għall-popolazzjoni ta' referenza (l-Anness VIII, it-Taqsima 3);
(h) u l-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kwalità (l-Artikolu 6 u l-Anness I, it-Taqsima 6, l-Anness II, it-Taqsima 6, l-Anness III, it-Taqsima 6 u l-Anness IV, it-Taqsima 6)."

Artikolu 11b
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 8(2) u (3), fl-Artikolu 11a, fit-Taqsimiet 5, 6, 8(1) u (2) tal-Anness I, fit-Taqsima 6 tal-Annessi II, III u IV, fit-Taqsima 7 tal-Anness VI, fit-Taqsimiet 3, 4(2) u (3) tal-Anness VIII u fit-Taqsimiet 8(2) u (3) u 10(2) tal-Anness IX għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 8(2) u (3), fl-Artikolu 11a, fit-Taqsimiet 5, 6, 8(1) u (2) tal-Anness I, fit-

Taqsima 6 tal-Annessi II, III u IV, fit-Taqsima 7 tal-Anness VI, fit-Taqsimiet 3, 4(2) u (3) tal-Anness VIII, fit-Taqsimiet 8(2) u (3) u 10(2) tal-Anness IX tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2) u (3), l-Artikolu 11a, it-Taqsimiet 5, 6, 8(1) u (2) tal-Anness I, it-Taqsima 6 tal-Annessi II, III u IV, it-Taqsima 7 tal-Anness VI, it-Taqsimiet 3, 4(2) u (3) tal-Anness VIII, it-Taqsimiet 8(2) u (3) u 10(2) tal-Anness IX għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3;

(8) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-taqsimiet 5 u 6 jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"TAQSIMA 5
L-ewwel sena ta' referenza
L-ewwel sena ta' referenza li għaliha tiġi kkompilata l-istatistika hija s-sena kalendarja 2008. Id-dejta se tiġi kkompilata skont it-tqassim fit-Taqsima 9. Madankollu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar l-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tiġi kkumpilata l-istatistika dwar il-klassijiet ta' attività koperti mill-gruppi 64.2, 64.3 u 64.9 u d-diviżjoni 66 ta' NACE Rev. 2.

TAQSIMA 6
Rapport dwar il-kwalità tal-istatistika
Għal kull waħda mill-karatteristiċi ewlenin, l-Istati Membri se jindikaw il-grad ta' preċiżjoni b'referenza għal livell ta' fiduċja ta' 95 %, li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport previst fl-Artikolu 13, wara li jittieħed kont tal-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-karatteristiċi ewlenin."

(b) it-taqsima 8 hija emendata kif ġej:

(i) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:
"1. Ir-riżultati għandhom jiġu trażmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza, ħlief għall-klassijiet ta' attività 64.11 u 64.19 ta' NACE Rev. 2. Għall-klassijiet ta' attività 64.11 u 64.19 ta' NACE Rev. 2, id-dewmien fit-trażmissjoni huwa ta' 10 xhur. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar id-dewmien fit-trażmissjoni tar-riżultati dwar il-klassijiet ta' attività koperti mill-gruppi 64.2, 64.3 u 64.9 u d-diviżjoni 66 ta' NACE Rev. 2.";

(ii) fil-paragrafu 2, l-aħħar paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Dawn l-estimi jew ir-riżultati preliminari għandhom jinqasmu fil-livell bi 3 ċifri (grupp) ta' NACE Rev. 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar id-diviżjoni 66 ta' NACE Rev. 2, it-trażmissjoni tal-estimi jew tar-riżultati preliminari.";

(9) fl-Anness II, it-taqsima 6 tiġi sostitwita b'li ġejja:

"TAQSIMA 6
"Rapport dwar il-kwalità tal-istatistika
Għal kull karatteristika ewlenija, l-Istati Membri se jindikaw il-grad ta' preċiżjoni b'referenza għal livell ta' fiduċja ta' 95 %, li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport previst fl-Artikolu 13, wara li jittieħed kont tal-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-karatteristiċi ewlenin.";

(10) fl-Anness III, it-taqsima 6 tiġi sostitwita b'li ġejja:

"TAQSIMA 6
Rapport dwar il-kwalità tal-istatistika
Għal kull karatteristika ewlenija, l-Istati Membri se jindikaw il-grad ta' preċiżjoni b'referenza għal livell ta' fiduċja ta' 95 %, li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport previst fl-Artikolu 13, wara li jittieħed kont tal-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-karatteristiċi ewlenin.";

(11) fl-Anness IV, it-taqsima 6 tiġi sostitwita b'li ġejja:

"TAQSIMA 6
Rapport dwar il-kwalità tal-istatistika
Għal kull karatteristika ewlenija, l-Istati Membri se jindikaw il-grad ta' preċiżjoni b'referenza għal livell ta' fiduċja ta' 95 %, li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport previst fl-Artikolu 13, wara li jittieħed kont tal-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar il-karatteristiċi ewlenin.";

(12) fl-Anness VI, it-taqsima 7 tiġi sostitwita b'li ġejja:

"TAQSIMA 7
Trażmissjoni tar-riżultati
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar id-dewmien fit-trażmissjoni tar-riżultati li ma jkunx itwal minn 10 xhur mit-tmiem tas-sena ta' referenza.";

(13) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 3, il-ħames sentenza tiġi sostitwita b'li ġejja:
"Abbażi ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar it-tibdil tal-limitu l-aktar baxx.";

(b) fit-taqsima 4, fil-paragrafi 2 u 3, fit-tabella "Tqassim tal-fatturat skont it-tip ta' prodott", is-sentenza fil-kolonna "Kumment" tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar id-determinazzjoni tat-tqassim tal-prodotti.";

(14) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima 8, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar xi riżultati li għandhom jitqassmu wkoll fi klassijiet ta' daqsijiet għal-livell ta' dettall elenkat fit-Taqsima 10, ħlief għat-Taqsimiet L, M u N tan-NACE Rev. 2, fejn it-tqassim ikun meħtieġ biss għal-livell tal-grupp.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar xi riżultati li għandhom jitqassmu wkoll skont il-forma legali għal-livell ta' dettall elenkat fit-Taqsima 10, ħlief għat-Taqsimiet L, M u N tan-NACE Rev. 2, fejn it-tqassim ikun meħtieġ biss għal-livell tal-grupp.";

(b) fit-taqsima 10, fl-aħħar tal-paragrafu 2, is-subtaqsima "Aggregati speċjali" tiġi sostitwita b'li ġejja:

"**Aggregati speċjali**
Sabiex tkun tista' tiġi kkompilata l-istatistika tal-Unjoni dwar id-demografija tan-negozju għas-settur tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11b dwar għadd ta' aggregati speċjali tan-NACE Rev. 2 li jridu jiġu trażmessi.".

72. Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93[74]

[74] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 jiġi adattat għall-iżviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi u jiġi allinjat ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda l-Anness:

(a) sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi;

(b) sabiex jiġi allinjat ma' klassifikazzjonjiet ekonomiċi u soċjali oħrajn.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk,

qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3.

73. Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja[75]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 jiġi adattat għall-iżviluppi tekniċi jew tal-politika, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tagħżel u tispeċifika s-suġġetti tal-istatistika, il-karatteristiċi tagħhom, it-tqassim tal-karatteristiċi, il-perjodu ta' osservazzjoni u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-kwalità, inkluża l-preċiżjoni meħtieġa. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 452/2008, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-qafas tar-rapportar ta' kwalità. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a dwar:

(a) l-għażla u l-ispeċifikazzjoni tas-suġġetti koperti mill-oqsma u l-karatteristiċi tagħhom b'reazzjoni għall-ħtiġijiet tekniċi jew ta' politika;
(b) it-tqassim tal-karatteristiċi;
(ċ) il-perjodu ta' osservazzjoni u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati;
(d) ir-rekwiżiti tal-kwalità, inkluża l-preċiżjoni meħtieġa;

Meta dawk l-atti delegati jkunu jeħtieġu tkabbir sinifikanti tal-ġabriet tad-dejta eżistenti jew ġabriet ta' dejta ġodda, jew inkella tal-istħarriġ, l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji bħala parti minn analiżi komprensiva tal-effetti u l-implikazzjonijiet, billi jittieħdu

75 ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.

f'kunsiderazzjoni l-benefiċċju tal-miżuri, l-ispejjeż għall-Istati Membri u l-oneru tar-risposta.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jikkonċernaw il-qafas tar-rapportar ta' kwalità permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3.

74. Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità[76]

[76] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234.

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 jiġi aġġornat bil-għan li tiġi pprovduta statistika regolari ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddefinixxi l-kunċetti ta' "attivament jieħu passi sabiex isib il-kandidat adatt" u "perjodu ta' żmien speċifiku", billi tiddetermina ċerti dati ta' referenza, billi tistabbilixxi l-qafas għall-istudji ta' fattibbiltà u billi tadotta kwalunkwe atti xierqa abbażi tar-riżultati ta' dawk l-istudji. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 453/2008 dwar il-format għat-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. "post tax-xogħol vakanti" għandu jfisser post tax-xogħol bi ħlas maħluq ġdid, mhux okkupat jew li dalwaqt isir vakanti:
(a) li għalih, min iħaddem qiegħed attivament jieħu passi u huwa lest li jieħu aktar passi sabiex isib il-kandidat adatt minn barra l-intrapriża kkonċernata; u

(b) li min iħaddem bi ħsiebu jimlieh immedjatament jew inkella f'perjodu ta' żmien speċifiku.
L-istatistika pprovduta għandha tagħmel distinzjoni, fuq bażi fakultattiva, bejn il-postijiet tax-xogħol vakanti għal terminu fiss u l-impjiegi permanenti.";

(b) jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt 1 tal-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jiddefinixxi l-kunċetti "passi attivi sabiex jinstab kandidat addattat" u "perjodu ta' żmien speċifiku.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jikkumpilaw id-dejta trimestrali b'referenza għad-dati ta' referenza speċifiċi. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jiddetermina dawk id-dati ta' referenza speċifiċi.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jiddetermina d-data tal-ewwel kwart tas-sena ta' referenza, kif ukoll l-iskadenzi tat-trażmissjoni. Kwalunkwe reviżjoni tad-dejta trimestrali għal kwarti tas-sena preċedenti għandha tintbagħat fl-istess żmien.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-dejta u l-metadejta lill-Kummissjoni (l-Eurostat) skont format iddeterminat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(3).";

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1, 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a dwar il-qafas xieraq għall-istabbiliment ta' serje ta' studji tal-fattibbiltà. Dawk l-istudji għandhom jitwettqu minn dawk l-Istati Membri li jsibu diffikultajiet sabiex jipprovdu dejta għal:

(a) unitajiet b'inqas minn 10 impjegati; u/jew
(b) l-attivitajiet li ġejjin:
(i) l-amministrazzjoni pubblika u d-difiża; is-sigurtà soċjali obbligatorja;
(ii) l-edukazzjoni;
(iii) l-attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali;
(iv) l-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni;
(v) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija, it-tiswija tal-kompjuters u ta' oġġetti għal użu personali u domestiku u attivitajiet oħrajn ta' servizz personali.

2. L-Istati Membri li jwettqu studji ta' fattibbiltà għandhom jissottomettu rapport dwar ir-riżultati ta' dawk l-istudji fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-miżuri meħtieġa mill-aktar fis possibbli wara li jsiru disponibbli r-riżultati tal-istudji tal-fattibbiltà, fi djalogu mal-Istati Membri, u f'perjodu ta' żmien raġonevoli.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 3(1), fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7(1) u (3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 3(1), fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7(1) u (3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 7(1) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 2.

75. Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar[77]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 jiġi aġġornat, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi s-snin ta' referenza sussegwenti u tadotta l-programm tad-dejta statistika u tal-metadejta. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

---

77 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14.

"1. Kull Stat Membru għandu jiddetermina data ta' referenza. Id-data ta' referenza għandha taqa' f'sena speċifikata abbażi ta' dan ir-Regolament (sena ta' referenza). L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2011.
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a dwar l-istabbiliment tas-snin ta' referenza sussegwenti. Is-snin ta' referenza għandhom jaqgħu matul il-bidu ta' kull deċennju";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a dwar l-istabbiliment ta' programm tad-dejta statistika u tal-metadejta li trid tiġi trażmessa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.";

(2) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 2;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1) u (3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1) u (3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(1) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jitħassar.

76. Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija[78]

Sabiex ikun żgurat li r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 jiġi adattat għall-progress tekniku u għall-ħtiġijiet ġodda, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat

- sabiex temenda l-lista ta' sorsi tad-dejta u l-kjarifiki jew id-definizzjonijiet applikabbli f'dak ir-Regolament;
- sabiex temenda l-arranġamenti għat-trażmissjoni tad-dejta nazzjonali f'dak ir-Regolament;
- sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bl-istatistika nukleari annwali;
- sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bl-istatistika dwar l-enerġija rinnovabbli, kif ukoll bl-istatistika dwar il-konsum tal-enerġija finali.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-lista ta' sorsi tad-dejta.";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

> "2. Il-kjarifiki jew id-definizzjonijiet applikabbli tat-termini tekniċi użati huma pprovduti fl-Annessi individwali, kif ukoll fl-Anness A (Kjarifiki tat-terminoloġija).
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jikkjarifika aktar it-terminoloġija permezz taż-żieda ta' referenzi rilevanti għal NACE wara d-dħul fis-seħħ ta' reviżjoni tal-klassifikazzjoni ta' NACE.
>
> 3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda d-dejta li trid tintbagħat u l-kjarifiki jew id-definizzjonijiet applikabbli.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

[78] ĠU L 304, 14.11.2008, p.1.

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-arranġamenti għat-trażmissjoni tal-istatistika nazzjonali.";

(4) fl-Artikolu 8, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a rigward is-sett ta' statistika nukleari annwali.";

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a rigward is-sett ta' statistika dwar l-enerġija rinnovabbli u s-sett ta' statistika dwar il-konsum finali tal-enerġija.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(6) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 1;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4(2) u (3), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 9(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4(2) u (3), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 9(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(2) u (3), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda

oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 2;

(9) fl-Anness A, titħassar in-"Nota" fil-punt 2.

77. Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol[79]

Sabiex tittejjeb l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistipula l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti, imsemmija fl-Annessi I sa V u t-tqassim tagħhom, kif ukoll il-perjodi referenzjarji, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta u għall-provvista tal-metadejta. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Kull meta l-adozzjoni ta' att delegat tkun prevista f'konformità mal-Artikolu 9a, għandha titwettaq analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tieħu f'kunsiderazzjoni l-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta b'rabta mal-ispiża tal-ġbir tad-dejta u l-oneru fuq l-Istati Membri.";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta u l-metadejta meħtieġa minn dan ir-Regolament f'forma elettronika, f'konformità ma' standard ta' skambju maqbul bejn il-Kummissjoni (l-Eurostat) u l-Istati Membri.
Id-dejta għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-limiti ta' żmien stabbiliti, fl-intervalli previsti u fir-rigward tal-perjodi ta' referenza li huma indikati fl-Annessi jew f'atti delegati. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta tali atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a.";

79 ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

(3) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar:

(a) il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti, imsemmija fl-Annessi minn I sa V;

(b) it-tqassim ta' dawk il-karatteristiċi;

(ċ) il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta;

(d) il-provvista ta' metadejta.

Dawk l-atti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(2) u (3) u tal-Artikolu 7(1), kif ukoll id-disponibbiltà, l-adegwatezza u l-kuntest legali tas-sorsi tad-dejta eżistenti tal-Unjoni wara eżaminazzjoni tas-sorsi kollha relatati mal-oqsma u s-suġġetti rispettivi.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 9(1) u fil-punti (ċ), (d) u (e) tal-Annessi I, II, III, IV u V għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 9(1) u fil-punti (ċ), (d) u (e) tal-Annessi I, II, III, IV u V tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 9(1) u fil-punti (ċ), (d) u (e) tal-Annessi I, II, III, IV u V għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu

għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 2;

(6) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) *Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta*
L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull ħames snin mill-EHIS; tista' tkun meħtieġa frekwenza differenti għal ġabriet ta' dejta oħrajn, bħal dawk dwar il-morbidità jew l-aċċidenti u l-korrimenti, kif ukoll għal xi moduli speċifiċi tal-istħarriġ. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw l-ewwel sena ta' referenza, l-intervall u l-limitu ta' żmien għall-provvista tad-dejta.";

(b) fil-punt (d), it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Mhux is-suġġetti kollha għandhom neċessarjament ikunu koperti ma' kull forniment ta' dejta. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti elenkati hawn fuq, kif ukoll it-tqassim tal-karatteristiċi.";

(ċ) il-punt (e) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(e) *Metadejta*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-provvista ta' metadejta, inkluża metadejta dwar il-karatteristiċi tal-istħarriġ u ta' sorsi oħrajn użati, il-popolazzjoni koperta u informazzjoni dwar kwalunkwe speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kumpilazzjoni tal-istatistika u l-indikaturi komparabbli.";

(7) l-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) *Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta*
L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw l-ewwel sena ta' referenza, l-intervall u l-limitu ta' żmien għall-provvista tad-dejta.";

(b) fil-punt (d), ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti elenkati hawn fuq, kif ukoll it-tqassim tal-karatteristiċi.";

(ċ) il-punt (e) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(e) *Metadejta*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-provvista ta' metadejta, inkluża metadejta dwar il-karatteristiċi tas-sorsi u tal-kumpilazzjonijiet użati, il-popolazzjoni koperta u informazzjoni dwar kwalunkwe speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kumpilazzjoni tal-istatistika u l-indikaturi komparabbli.";

(8) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) *Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta*
L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw l-ewwel sena ta' referenza. Id-dejta għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 24 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza. Id-dejta stmata jew provviżorja tista' tiġi pprovduta aktar kmieni. Fil-każ ta' inċidenti fis-settur tas-saħħa pubblika, jistgħu jiġu stabbiliti ġabriet ta' dejta speċjali addizzjonali, jew għall-imwiet kollha jew inkella għal kawżi speċifiċi ta' mewt.";

(b) fil-punt (d), ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti elenkati hawn fuq, kif ukoll it-tqassim tal-karatteristiċi.";

(ċ) il-punt (e) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(e) *Metadejta*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-provvista ta' metadejta, inkluża metadejta dwar il-popolazzjoni koperta u informazzjoni dwar kwalunkwe speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kumpilazzjoni tal-istatistika u l-indikaturi komparabbli.";

(9) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) *Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta*

L-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw l-ewwel sena ta' referenza. Id-dejta għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.";

(b) fil-punt (d), ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti elenkati hawn fuq, kif ukoll it-tqassim tal-karatteristiċi.";

(ċ) il-punt (e) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(e) *Metadejta*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-provvista ta' metadejta, inkluża metadejta dwar il-popolazzjoni koperta, ir-rati tad-dikjarazzjoni għall-aċċidenti fuq ix-xogħol u, meta jkunu rilevanti, il-karatteristiċi tal-kampjunar, kif ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kumpilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.";

(10) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) *Il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta*
Għall-marda okkupazzjonali, l-istatistika għandha tiġi pprovduta kull sena u tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 15-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tal-ġabriet tad-dejta l-oħrajn.";

(b) fil-punt (d), ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-karatteristiċi, jiġifieri l-varjabbli, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tas-suġġetti elenkati hawn fuq, kif ukoll it-tqassim tal-karatteristiċi.";

(ċ) il-punt (e) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(e) Metadejta
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a dwar il-miżuri li jirrigwardjaw il-provvista ta' metadejta, inkluża metadejta dwar il-popolazzjoni koperta u informazzjoni dwar kwalunkwe speċifiċità nazzjonali essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kumpilazzjoni tal-istatistika u l-indikaturi komparabbli.".

78. Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi[80]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 jiġi aġġornat, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda r-rekwiżiti li jirrigwardjaw il-provvista tar-rapporti ta' kwalità msemmija fit-Taqsima 6 tal-Annessi I u II, rispettivament, u l-lista ta' sustanzi li għandhom jiġu koperti u l-klassifikazzjoni tagħhom f'kategoriji ta' prodotti u klassijiet ta' sustanzi kimiċi kif stabbiliti fl-Anness III u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'definizzjoni tal-"qasam ittrattat" kif imsemmi fit-Taqsima 2 tal-Anness II. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassar it-tieni subparagrafu;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jemenda r-rekwiżiti li jirrigwardjaw il-provvista tar-rapporti ta' kwalità msemmija fit-Taqsima 6 tal-Annessi I u II, rispettivament."

(ċ) il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jissupplimenta t-Taqsima 2 tal-Anness II fir-rigward tad-definizzjoni ta' "qasam ittrattat".

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jemenda l-lista ta' sustanzi li għandhom jiġu koperti u l-klassifikazzjoni tagħhom f'kategoriji ta' prodotti u klassijiet ta' sustanzi kimiċi kif stabbiliti fl-Anness III fuq bażi regolari u mill-anqas kull ħames snin.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

[80] ĠU L 324, 10.10.2009, p. 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1a), (2) u (3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1a), (2) u (3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(1a), (2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 6, jitħassar il-paragrafu 3;

VIII. L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA, IS-SERVIZZI FINANZJARJI U L-UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI

79. Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità[81]

Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-applikabbiltà fi ħdan l-Unjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità żviluppati mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1606/2002. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a dwar l-applikabbiltà fi ħdan l-Unjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità.

Meta, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għall-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 5b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm

[81] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 5b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassru l-Artikoli 6 u 7.

80. Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE [82]

Sabiex id-Direttiva 2009/110/KE tiġi adattata bil-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-inflazzjoni jew l-iżviluppi tas-suq u dawk teknoloġiċi, kif ukoll sabiex tkun żgurata applikazzjoni konverġenti ta' ċerti eżenzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-

---

82 ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.

esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/110/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 14 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 14*
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a:

a) li jemenda din id-Direttiva sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-inflazzjoni jew l-iżviluppi tas-suq u dawk teknoloġiċi;

b) li jemenda l-Artikolu 1(4) u (5) sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konverġenti tal-eżenzjonijiet imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

*"Artikolu 14a***Eżerċitar tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 15.

IX. IS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMES

81. Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers[83]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ġodda fit-teknoloġija tal-aerosol dispensers u jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda d-Direttiva 75/324/KEE bil-għan li tadattaha għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 75/324/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Anness sabiex tadattah għall-progress tekniku.";

(2) jitħassru l-Artikoli 6 u 7;

(3) fl-Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda din id-Direttiva sabiex tiżgura li jsiru l-adattamenti tekniċi meħtieġa fir-rigward tal-analiżi tal-perikli, il-karatteristiċi tekniċi tal-aerosol dispensers, il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-kontenut, ir-rekwiżiti tat-tikkettar u tal-fjammabbiltà u l-metodi u l-proċeduri tal-ittestjar għall-aerosol dispensers.

(4) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 10(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

---

[83] ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 10(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 10(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.".

82. Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel[84]

Sabiex id-Direttiva 76/211/KE tiġi adattata għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 76/211/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 6

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku."

84 ĠU L 46, 21.2.1976, p. 1.

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.".

83. Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE[85]

Sabiex id-Direttiva 80/181/KEE tiġi adattata għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dik id-Direttiva u tissupplimenta dik id-Direttiva b'indikazzjonijiet supplimentari. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-

---

85 ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40.

esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 80/181/KEE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 6a jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 6a*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6ċ li jistabbilixxi indikazzjonijiet supplimentari.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6ċ li jemenda l-Kapitolu I tal-Anness sabiex tadattah għall-progress tekniku.

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6ċ li ġej:

"*Artikolu 6ċ*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.".

84. Id-Direttiva Nru 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz[86]

Sabiex jiġi żgurat l-adattament tekniku malajr tal-istandards tal-kwalità tas-servizz, b'mod partikolari fuq il-ħinijiet tar-rotta u fuq ir-regolarità u l-affidabbiltà tas-servizzi transkonfinali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għad-Direttiva 97/67/KE bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku, kif ukoll sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva b'kundizzjonijiet standardizzati għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 97/67/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 16, it-tielet u r-raba' paragrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

> "Dawk l-istandards għandhom jiġu stabbiliti minn:
>
> (a) l-Istati Membri fil-każ ta' servizzi nazzjonali;
> (b) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-każ ta' servizzi transkonfinali intra-Komunitarji (ara l-Anness II).
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jemenda l-Anness II sabiex tadatta l-istandards għas-servizzi transkonfinali intra-Komunitarji għall-progress tekniku jew għall-iżviluppi tas-suq.
>
> Għandu jitwettaq monitoraġġ tal-prestazzjoni indipendenti mill-anqas darba fis-sena minn korpi esterni li ma jkollhom ebda rabta mal-forniturі ta' servizzi universali taħt kundizzjonijiet standardizzati u għandhom ikunu s-suġġett ta' rapporti ppubblikati mill-anqas darba fis-sena.
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jispeċifika tali kundizzjonijiet standardizzati.";

(2) it-titolu tal-Kapitolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "Atti delegati u ta' implimentazzjoni";

(3) wara t-titolu tal-Kapitolu 8, jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

> *"Artikolu 20a*

[86] ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14.

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 21, jitħassar it-tieni paragrafu.

85. Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra[87]

Sabiex id-Direttiva 2000/14/KE tiġi adattata għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness III għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2000/14/KE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 17a li ġej:

"Artikolu 17a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 18a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu

[87] ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1.

għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12. 5. 2016, p.1.";

(2) fl-Artikolu 18, jitħassar il-paragrafu 2;

(3) L-Artikolu 18a jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 18a
Emendi għall-Anness III

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a li jemenda l-Anness III sabiex tadattah għall-progress tekniku. Dawk l-atti delegati ma għandu jkollhom ebda impatt dirett fuq il-livell imkejjel tal-potenza akustika tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 12, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' referenzi għall-istandards Ewropej rilevanti.";

(4) fl-Artikolu 19, jitħassar il-punt (b).

86. Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti[88]

Sabiex jiġu adottati l-adattamenti tekniċi meħtieġa għar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa IV għal dak ir-Regolament għall-iskop li tadatta u timmodernizza l-metodi ta' kejl, kampjunar u analiżi u tispeċifika l-miżuri ta' kontroll, kif ukoll sabiex temenda l-Anness I għal dak ir-Regolament bil-għan li tinkludi tipi ġodda ta' fertilizzanti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi I sa IV għall-fini tal-adattament u l-immodernizzar tal-metodi tal-kejl, tal-kampjunar u tal-analiżi u, kull fejn ikun possibbli, għandha tuża l-istandards Ewropej.

---

88 ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

Il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi I sa IV għall-fini tal-ispeċifikazzjoni tal-miżuri ta' kontroll previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 8, 26 u 27. B'mod partikolari, tali atti għandhom jindirizzaw il-kwistjoni tal-frekwenza li biha jeħtieġ li jiġu mtennija t-testijiet, kif ukoll il-miżuri li huma maħsuba sabiex jiżguraw li l-fertilizzant imqiegħed fis-suq huwa identiku għall-fertilizzant ittestjat.";

(2) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Anness I sabiex tinkludi tipi ġodda ta' fertilizzanti.";

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 31a li ġej:

*"Artikolu 31a***Eżerċitar tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29(4) u fl-Artikolu 31(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 29(4) u fl-Artikolu 31(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 31(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

87. Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u l-verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji (GLP)[89]

Sabiex jiġi adottat l-adattament tekniku meħtieġ għad-Direttiva 2004/9/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dik id-Direttiva sabiex issolvi n-nuqqas ta' qbil b'rabta mal-konformità mal-GLP;
- temenda l-formula tal-approvazzjoni f'dik id-Direttiva;
- temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva sabiex tikkunsidra l-progress tekniku.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/9/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda din id-Direttiva sabiex issolvi l-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 8(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 8(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta'

[89] ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28.

revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 8(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6a li jemenda:

(a) il-formula fl-Artikolu 2(2);

(b) l-Anness I, sabiex tikkunsidra l-progress tekniku.".

88. Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi[90]

Sabiex jiġu żgurati l-adattamenti tekniċi meħtieġa għad-Direttiva 2004/10/KE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattah għall-progress tekniku fir-rigward tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u sabiex temenda dik id-Direttiva bil-għan li tintroduċi l-adattamenti tekniċi meħtieġa. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż

---

[90] ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44.

fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/10/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 3a jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 3a

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 3b li jemenda l-Anness I sabiex tadattah għall-progress tekniku, fir-rigward tal-prinċipji tal-GLP.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 3b li ġej:

"*Artikolu 3b*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3a u fl-Artikolu 5(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3a u fl-Artikolu 5(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3a u l-Artikolu 5(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 4;

(4) fl-Artikolu 5(2), it-tielet u r-raba' subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 3b li jemenda din id-Direttiva sabiex tintroduċi l-adattamenti tekniċi meħtieġa.".

89. Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE [91]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi ġodda, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-lista indikattiva ta' komponenti tas-sikurezza fl-Anness V għad-Direttiva 2006/42/KE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2006/42/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għat-trattament ta' makkinarju potenzjalment perikoluż. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/42/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jemenda l-Anness V sabiex taġġorna l-lista indikattiva ta' komponenti tas-sikurezza.";

(2) fl-Artikolu 9(3), it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Filwaqt li tieħu kont dovut tar-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(3).";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

[91] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

"Artikolu 21a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).".

90. Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [92]

Sabiex jiġi żgurat l-adattament tekniku malajr tad-Direttiva 2006/123/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex

[92] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36

tissupplimenta dik id-Direttiva bi kriterji komuni u ċerti limiti ta' żmien. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/123/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2), tistabbilixxi lista ta' servizzi li juru l-karatteristiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39a li jistabbilixxi kriterji komuni sabiex jiġi definit, għall-finijiet tal-assigurazzjoni jew tal-garanziji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, x'inhu xieraq għan-natura u l-firxa tar-riskju.";

(2) l-Artikolu 36 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 36
Atti delegati u ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 39a sabiex tispeċifika l-limiti ta' żmien previsti fl-Artikoli 28 u 35.

Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà għas-sistemi ta' informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 40(2).";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 39a li ġej:

"Artikolu 39a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 23(4) u fl-Artikolu 36 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23(4) u fl-Artikolu 36 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta'

revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23(4) u l-Artikolu 36 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 40, jitħassar il-paragrafu 3.

91. Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni[93]

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 sabiex tvarja l-perċentwal tad-dossiers magħżula għall-verifika tal-konformità u sabiex temenda jew tinkludi kriterji ulterjuri għall-għażla tagħhom;
- temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament f'ċerti każijiet;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'regoli dwar il-metodi tal-ittestjar.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

93 ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"2. Il-metodi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu riveduti u mtejba regolarment bil-għan li jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali vertebrati u jitnaqqas l-għadd ta' annimali involuti. Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, il-Kummissjoni għandha temenda, mill-aktar fis possibbli u jekk ikun xieraq, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008* u l-Annessi għal dan ir-Regolament, jekk dan ikun rilevanti, sabiex tissostitwixxi, tnaqqas jew tirfina l-ittestjar fuq l-annimali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a sabiex temenda dak ir-Regolament tal-Kummissjoni u sabiex temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament.

3. Fejn ikunu meħtieġa testijiet fuq sustanzi sabiex tiġi ġġenerata informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi, dawn għandhom isiru f'konformità mal-metodi tal-ittestjar stipulati f'Regolament tal-Kummissjoni jew f'konformità ma' metodi tal-ittestjar internazzjonali oħrajn rikonoxxuti bħala adegwati mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jistipula metodi tal-ittestjar.

L-informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi tista' tiġi ġġenerata f'konformità ma' metodi ta' testijiet oħrajn, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI.

* Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1)";

(2) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a, wara li tikkonsulta mal-Aġenzija, sabiex tvarja l-perċentwal tad-dossiers magħżula u sabiex temenda jew tinkludi kriterji ulterjuri fil-paragrafu 5.";

(3) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda l-Anness XIV sabiex tinkludi s-sustanzi msemmija fl-Artikolu 57. Dawk l-atti għandhom jispeċifikaw għal kull sustanza:";

(b) il-paragrafu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda l-Anness XIV sabiex tneħħi s-sustanzi li, bħala riżultat ta' informazzjoni ġdida, ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57.";

(4) fl-Artikolu 68, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda l-Anness XVII sabiex tintroduċi restrizzjonijiet ġodda jew tadatta r-restrizzjonijiet attwali għall-manifattura, għall-użu jew għat-tqegħid fis-suq tas-sustanzi weħidhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 69 sa 73, meta jkun hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jirriżulta mill-manifattura, mill-użu jew mit-tqegħid fis-suq ta' tali sustanzi u li jeħtieġ li jiġi indirizzat madwar l-Unjoni kollha. Kwalunkwe att bħal dan għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-impatt soċjo-ekonomiku tar-restrizzjoni, inkluża d-disponibbiltà ta' alternattivi.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-użu ta' sustanza bħala sustanza intermedja iżolata fuq il-post.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda l-Anness XVII b'rabta mar-restrizzjonijiet fuq l-użu mill-konsumaturi fir-rigward ta' sustanza weħidha, f'taħlita jew f'oġġett li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassijiet ta' periklu karċinoġeniċità, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali jew tossiċità riproduttiva, tal-kategorija 1A jew 1B, u li tista' tintuża mill-konsumaturi. L-Artikoli 69 sa 73 ma għandhomx japplikaw.";

(5) L-Artikolu 131 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 131
Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda l-Annessi.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 131a li ġej:

"Artikolu 131a
Eżerċitar tad-Delega

"1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13(2) u (3), fl-Artikolu 41(7), fl-Artikolu 58(1) u (8), fl-Artikolu 68(1) u (2), fl-Artikolu 131 u fl-Artikolu 138(9) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13(2) u (3), fl-Artikolu 41(7), fl-Artikolu 58(1) u (8), fl-Artikolu 68(1) u (2), fl-Artikolu 131 u fl-Artikolu 138(9) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(2) u (3), l-Artikolu 41(7), l-Artikolu 58(1) u (8), l-Artikolu 68(1) u (2), l-Artikolu 131 u l-Artikolu 138(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 133, jitħassar il-paragrafu 4;

(8) l-Artikolu 138 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 5;

(b) fil-paragrafu 9, it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 131a li jemenda dawk ir-rekwiżiti tal-ittestjar abbażi ta' dik ir-reviżjoni, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa u tal-ambjent.".

92. Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (tfassil mill-ġdid)[94]

Sabiex jiġi żgurat li jsiru l-adattamenti tekniċi meħtieġa għad-Direttiva 2009/34/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

[94] ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7.

Safejn hija kkonċernata s-setgħa mogħtija fl-Artikolu 5(3), li tistabbilixxi li l-Istati Membri li taw l-approvazzjoni limitata ta' mudell KE għandhom japplikaw għal aġġustament għall-progress tekniku tal-Annessi I u II, tali approvazzjonijiet limitati ta' mudell KE ma għadhomx jeżistu. Għalhekk, is-setgħa mogħtija msemmija fl-Artikolu 5(3) għandha titħassar.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/34/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 3;

(2) l-Artikolu 16 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 16

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) Jitħassar l-Artikolu 17.

93. Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità[95]

Sabiex jiġi żgurat li l-lista ta' prodotti relatati mad-difiża stabbilita fl-Anness għad-Direttiva 2009/43/KE tkun tikkorrespondi strettament għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak l-Anness u sabiex temenda dik id-Direttiva fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[*]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/43/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-paragrafu 2, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, sabiex tinkludi każijiet fejn:

(a) it-trasferiment isir taħt kundizzjonijiet li ma jaffettwawx l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika;

(b) l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel ikun sar inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva;

(ċ) ikun meħtieġ għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4).";

(2) l-Artikolu 13 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 13*
Emenda tal-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-lista ta' prodotti relatati mad-difiża stabbilita fl-Anness, sabiex b'hekk din tkun tikkorrespondi strettament għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

95 ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

Meta r-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 13a u 13b li ġejjin:

*"Artikolu 13a***Eżerċitar tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 13 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) Jitħassar l-Artikolu 14.

94. Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli [96]

Sabiex jiġu armonizzati l-livelli ta' sikurezza tal-ġugarelli madwar l-Unjoni kollha u sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ tal-ġugarelli bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda:

- l-Anness I, il-punti 11 u 13 tal-Parti III tal-Anness II u l-Anness V għad-Direttiva 2009/48/KE; sabiex tadattahom għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi;
- l-Appendiċi Ċ tal-Anness II għal dik id-Direttiva sabiex jiġu stipulati valuri ta' limitu speċifiċi għas-sustanzi kimiċi użati fil-ġugarelli maħsuba biex jintużaw minn tfal ta' taħt is-36 xahar jew f'ġugarelli oħrajn maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq;
- l-Appendiċi A tal-Anness II għal dik id-Direttiva sabiex jiġu stipulati l-użi permessi fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għal riproduzzjoni tal-kategorija 1A, 1B jew 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/48/KE hija emendata kif ġej:

(1)l-Artikolu 46 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 46
Emendi għall-Annessi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46a li jemenda l-Anness I, il-punti 11 u 13 tal-Parti III tal-Anness II u l-Anness V sabiex tadattahom għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46a li jemenda l-Appendiċi Ċ tal-Anness II sabiex jiġu stipulati valuri ta' limitu speċifiċi għas-sustanzi kimiċi użati fil-ġugarelli maħsuba biex jintużaw minn tfal ta' taħt is-36 xahar jew f'ġugarelli oħrajn maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, billi tieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-imballaġġ għall-ikel kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u l-miżuri speċifiċi relatati għal materjali partikolari, kif ukoll id-differenzi bejn il-ġugarelli u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46a li jemenda l-Appendiċi A tal-Anness II sabiex tiddeċiedi fuq l-użi

[96] ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

permessi fil-ġugarelli ta' sustanzi jew taħlitiet li huma kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għal riproduzzjoni tal-kategorija 1A, 1B jew 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u li kienu evalwati mill-Kumitat Xjentifiku rilevanti.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 46a li ġej:

"Artikolu 46a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 46 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 46 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 46 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 47.

95. Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE[97]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 jiġi adattat għall-progress tekniku fir-rigward tas-sikurezza ta' vettura motorizzata li taħdem bl-idroġenu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'rekwiżiti tekniċi għal tali vetturi, kif ukoll b'dispożizzjonijiet amministrattivi, mudelli għad-dokumenti amministrattivi u mudelli għall-immarkar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 12*
Setgħat delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a fid-dawl tal-progress tekniku dwar:

(a) regoli dettaljati għall-proċeduri tal-ittestjar stabbiliti fl-Annessi II sa V;
(b) regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti għall-installazzjoni tal-komponenti u tas-sistemi tal-idroġenu stabbiliti fl-Anness VI;
(ċ) regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti għall-funzjonament sikur u affidabbli tal-komponenti u tas-sistemi tal-idroġenu stabbiliti fl-Artikolu 5;
(d) l-ispeċifikazzjonijiet għar-rekwiżiti li jirrigwardjaw kwalunkwe wieħed mill-punti li ġejjin:
  (i) l-użu ta' idroġenu pur jew ta' taħlita ta' idroġenu u gass naturali/bijometanu;
  (ii) forom ġodda ta' ħażna jew użu tal-idroġenu;
  (iii) il-protezzjoni tal-vetturi mill-impatti fir-rigward tal-integrità tal-komponenti u tas-sistemi tal-idroġenu;
  (iv) ir-rekwiżiti tas-sikurezza ta' sistema integrata, li jkopru mill-anqas l-individwazzjoni ta' tnixxija u r-rekwiżiti li jirrigwardjaw il-gass mitiganti;
  (v) l-iżolament elettriku u s-sikurezza elettrika;
(e) dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi fir-rigward tal-propulsjoni bl-idroġenu u ta' komponenti u sistemi tal-idroġenu;
(f) regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-ispezzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4) u (5);

[97] ĠU L 35, 4.2.2009, p. 32.

(g) regoli dettaljati għall-ittikkettar jew mezzi oħrajn ta' identifikazzjoni ċara u rapida tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu msemmija fil-punt 16 tal-Anness VI; u

(h) miżuri oħrajn meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(2) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"*Artikolu 12a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 13.

96. Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE[98]

Sabiex id-Direttiva 2009/81/KE tiġi adattata għall-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u regolatorji, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-ammonti ta' limitu għall-kuntratti bil-għan li tallinjahom ma' dawk stipulati fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[99], sabiex temenda r-referenzi għall-Vokabularju Komuni tal-Akkwist (nomenklatura tas-CPV) u sabiex temenda ċerti numri ta' referenza fin-nomenklatura tas-CPV u l-proċeduri għar-referenza fl-avviżi għal ċerti intestaturi fin-nomenklatura tas-CPV. Minħabba li d-dettalji tekniċi u l-karatteristiċi tal-apparat għal irċevuta elettronika għandhom jinżammu aġġornati mal-iżviluppi teknoloġiċi, jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda d-dettalji tekniċi u l-karatteristiċi tal-apparat għal irċevuta elettronika. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/81/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 68(1) huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66a li jemenda l-limiti stabbiliti previsti fl-ewwel subparagrafu.";

(b) jiddaħħal it-tielet subparagrafu li ġej:

"Meta jkun meħtieġ li jiġu riveduti l-limiti stabbiliti previsti fl-ewwel subparagrafu, filwaqt li l-limitazzjonijiet taż-żmien jipprevjenu l-użu tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 66a u, għalhekk, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 66b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

98 ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76

99 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(2) fl-Artikolu 69, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66a li jemenda:

(a) in-numri ta' referenza għan-nomenklatura CPV stabbiliti fl-Annessi I u II, safejn dan ma jbiddilx il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva, u l-proċeduri għal referenza fl-avviżi għal intestaturi partikolari fin-nomenklatura CPV fi ħdan il-kategoriji ta' servizzi elenkati f'dawk l-Annessi;

(b) id-dettalji u l-karatteristiċi tekniċi tat-tagħmir għar-riċeviment elettroniku msemmija fil-punti (a), (f) u (g) tal-Anness VIII.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 66a u 66b li ġejjin:

"Artikolu 66a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 68(1) u fl-Artikolu 69(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 68(1) u fl-Artikolu 69(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 68(1) u l-Artikolu 69(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 66b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 66a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 67, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

97. Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija[100]

Sabiex jittejjeb l-impatt ambjentali tal-prodotti relatati mal-enerġija u jinkiseb iffrankar ta' enerġija, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta d-Direttiva 2009/125/KE b'rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn għal aspetti ambjentali magħżula li għandhom impatt ambjentali sinifikanti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/125/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Meta prodott jissodisfa l-kriterji elenkati fil-paragrafu 2, huwa għandu jiġi kopert minn att delegat jew minn miżura ta' awtoregolamentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3(b).

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta tali atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a.";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Meta tkun qed tħejji att delegat, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni:
(a) il-prijoritajiet ambjentali tal-Unjoni, bħal dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE jew fil-Programm Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ECCP) tal-Kummissjoni;

---

100 ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

(b) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u l-awtoregolamentazzjoni, bħal ftehimiet volontarji, li, wara valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17, huma mistennija li jilħqu l-objettivi politiċi aktar malajr jew bi spiża aktar baxxa mir-rekwiżiti obbligatorji.";

(ċ) il-paragrafu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"10. Fejn ikun xieraq, att delegat li jistipula rekwiżiti għall-ekodisinn għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-ibbilanċjar tad-diversi aspetti ambjentali.";

(2) fl-Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a
Atti delegati

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15(1) u fl-Artikolu 16(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15(1) u fl-Artikolu 16(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 16(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 19, jitħassar it-tielet paragrafu.

98. Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom[101]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jiġi adattat għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda ċerti valuri ta' limitu u l-Anness IV u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'rekwiżiti tekniċi għall-vetturi bil-mutur, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll b'dispożizzjonijiet amministrattivi, mudelli għad-dokumenti amministrattivi u mudelli għall-immarkar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat kif ġej:

it-titolu tal-Kapitolu IV jiġi sostitwit b'li ġej:

"Delega tas-setgħat";

(2) l-Artikolu 14 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 14*
Setgħat delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a meħtieġa fid-dawl tal-progress tekniku fir-rigward ta':

(a) regoli dettaljati rigward il-proċeduri, it-testijiet u r-rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, it-trejlers u komponenti tagħhom u unitajiet tekniċi separati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 12;

(b) regoli dettaljati rigward ir-rekwiżiti ta' sikurezza speċifiċi għal vetturi intenzjonati għat-trasport ta' merkanzija perikoluża fit-toroq fl-Istati Membri jew bejn Stat Membru u ieħor, filwaqt li jitqies ukoll ir-Regolament UNECE 105;

(ċ) definizzjoni aktar preċiża tal-karatteristiċi fiżiċi u tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni li tajer għandu jissodisfa sabiex jiġi definit bħala "tajer ta' użu speċjali", "tajer professjonali għas-sewqan off-road", "tajer imsaħħaħ", "tajer extra load", "tajer għas-sewqan fil-borra", "spare tajer tat-tip T għal użu temporanju" jew "tajer tat-trazzjoni" f'konformità mal-punti 8 sa 13 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3;

[101] ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.

(d) miżuri li jemendaw il-valuri ta' limitu fuq ir-reżistenza tad-tidwir u l-ħsejjes tad-tidwir stipulati fil-Partijiet B u Ċ tal-Anness II safejn dan ikun meħtieġ bħala riżultat tal-bidliet fil-proċeduri tat-testijiet u mingħajr ma jitbaxxa l-livell tal-ħarsien tal-ambjent;

(e) regoli dettaljati dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-livelli tal-ħoss imsemmija fil-punt 1 tal-Parti Ċ tal-Anness II;

(f) miżuri li jemendaw l-Anness IV sabiex jiġu inklużi r-Regolamenti UNECE li huma obbligatorji skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 97/836/KE;

(g) dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw il-proċeduri, it-testijiet u r-rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, it-trejlers u l-komponenti tagħhom u unitajiet tekniċi separati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 12;

(h) miżuri li jeżentaw ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3 mill-obbligu li jinstallaw is-sistemi avvanzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 10, wara analiżi tal-ispejjeż/benefiċċji u wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aspetti rilevanti kollha tas-sikurezza, l-applikazzjoni ta' dawk is-sistemi turi li ma tkunx xierqa għall-vettura jew għall-klassi ta' vetturi kkonċernata;

(i) miżuri oħrajn meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"*Artikolu 14a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn

li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 15.

99. Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi[102]

Sabiex ikun żgurat li r-Regolament (UE) Nru 1223/2009 jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda d-definizzjoni tan-nanomaterjali f'dak ir-Regolament;
- temenda dak ir-Regolament fir-rigward tar-rekwiżiti ta' notifika;
- temenda dak ir-Regolament sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness IV jiġi estiż għall-prodotti li jagħtu kulur lix-xagħar;
- temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament fir-rigward tas-sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni;
- temenda l-informazzjoni dwar in-notifika f'dak ir-Regolament u temenda l-Annessi II u III fir-rigward tan-nanomaterjali;
- temenda l-Annessi II sa VI għal dak ir-Regolament fejn ikun hemm riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi fi prodotti kożmetiċi u li jeħtieġ li jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni;
- temenda l-Annessi III sa VI u VIII għal dak ir-Regolament bl-iskop li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku;
- tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' kriterji komuni għall-pretensjonijiet.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar id-derogi b'rabta mal-ittestjar fuq l-annimali, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta deċiżjonijiet li jawtorizzaw derogi mill-projbizzjoni fuq l-ittestjar fuq l-annimali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 1223/2009 huwa emendat kif ġej:

[102] ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Fid-dawl tad-diversi definizzjonijiet ta' nanomaterjali ppubblikati minn korpi differenti u l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi kostanti fil-qasam tan-nanoteknoloġiji, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-paragrafu 1(k) sabiex taġġusta u tadatta dak il-punt għall-progress tekniku u xjentifiku u għad-definizzjonijiet sussegwentement maqbula f'livell internazzjonali.";

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu billi żżid rekwiżiti, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku u xjentifiku u l-ħtiġijiet speċifiċi relatati mas-sorveljanza tas-suq.";

(3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness IV għall-prodotti li jagħtu kulur lix-xagħar, tali prodotti ma għandux ikun fihom koloranti maħsuba biex jagħtu kulur lix-xagħar, minbarra dawk elenkati fl-Anness IV u koloranti maħsuba biex jagħtu kulur lix-xagħar li huma elenkati hemmhekk iżda li ma jintużawx f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Sabiex tadotta d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Anness IV.";

(4) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. L-użu fil-prodotti kożmetiċi ta' sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR, tal-kategorija 2, skont il-Parti 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandu jiġi pprojbit.

Madankollu, sustanza kklassifikata fil-kategorija 2 tista' tintuża fil-prodotti kożmetiċi fejn is-sustanza tkun ġiet evalwata mis-SCCS (Scientific Committee on Consumer Safety – Il-Kumitat Xjentifiku għas-Sikurezza tal-Konsumatur) u misjuba sikura għall-użu fil-prodotti kożmetiċi.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a sabiex jiġu emendati l-Annessi għal dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 2, ir-raba' u l-ħames subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a sabiex temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament fi żmien 15-il xahar mill-inklużjoni tas-sustanzi kkonċernati fil-Parti 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Fejn, f'każ ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi fil-prodotti kożmetiċi, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 31b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(5) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 6 u 7 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi II u III, billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-SCCS u fejn ikun hemm riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, inkluż meta ma jkunx hemm biżżejjed dejta.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-paragrafu 3 billi żżid rekwiżiti, wara li tieħu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku u xjentifiku.";

(b) jitħassar il-paragrafu 8;

(ċ) il-paragrafu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

"9. Meta, f'każ ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi fil-prodotti kożmetiċi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 31b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont il-paragrafi 6 u 7.";

(6) fl-Artikolu 18(2), id-disa' subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-miżuri msemmija fis-sitt subparagrafu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 32(2).";

(7) fl-Artikolu 20(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistabbilixxi lista ta' kriterji komuni għall-pretensjonijiet li jistgħu jintużaw fir-rigward tal-prodotti kożmetiċi, wara li tikkonsulta mal-SCCS jew ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn u wara li tieħu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE.";

(8) l-Artikolu 31 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 31*
Emenda tal-Annessi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi II sa VI, wara li tikkonsulta mal-SCCS, meta jkun hemm riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi fil-prodotti kożmetiċi u li jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni.

Fejn, f'każ ta' riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta mill-użu ta' sustanzi fil-prodotti kożmetiċi, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu

dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 31b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi III sa VI u VIII, wara li tikkonsulta mal-SCCS, bl-iskop li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Anness I, wara li tikkonsulta mal-SCCS u meta dan jidher li jkun neċessarju, sabiex tiżgura s-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq.";

(9) jiddaħħlu l-Artikoli 31a u 31b li ġejjin:

"Artikolu 31a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(3), fl-Artikolu 13(8), fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(1) u (2), fl-Artikolu 16(8) u (9), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 31(1), (2) u (3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), fl-Artikolu 13 (8), fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(1) u (2), fl-Artikolu 16(8) u (9), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 31(1), (2) u (3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3), l-Artikolu 13(8), l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 15(1) u (2), l-Artikolu 16(8) u (9), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 31(1), (2) u (3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 31b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 31a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(10) fl-Artikolu 32, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

X. IL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI

100. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[103]

Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għad-Direttiva 92/85/KEE b'mod tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 92/85/KEE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Anness I, b'mod tekniku, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku, il-bidliet fir-regolamenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u s-sejbiet ġodda.
>
> Fejn, fil-każ ta' riskji imminenti possibbli għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-ħaddiema nisa tqal, tal-ħaddiema nisa li welldu riċentament jew tal-ħaddiema nisa li jkunu qegħdin ireddgħu, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 13a u 13b li ġejjin:

> *"Artikolu 13a***Eżerċitar tad-delega**
>
> 1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
>
> 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

[103] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

101. Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE[104]

Sabiex id-Direttiva 2008/48/KE tiġi aġġornata, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dik id-Direttiva bil-għan li żżid suppożizzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali jew timmodifika s-suppożizzjonijiet eżistenti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/48/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "5. Fejn meħtieġ, is-suppożizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness I jistgħu jintużaw fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposta.
>
> Jekk is-suppożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Parti II tal-Anness I ma jkunux biżżejjed sabiex ir-rata perċentwali annwali tal-imposta tiġi kkalkolata b'mod uniformi jew ma jkunux għadhom adatti għas-sitwazzjonijiet kummerċjali fis-suq, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda dan l-Artikolu u l-Anness I sabiex iżżid is-suppożizzjonijiet addizzjonali meħtieġa għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposta jew sabiex timmodifika dawk eżistenti.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

> *"Artikolu 24a*
> **Eżerċitar tad-delega**
>
> 1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
>
> 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(5) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].
>
> 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew

[104] ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 25.

XI. IL-MOBBILTÀ U T-TRASPORT

102. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili[105]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 3922/91 jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness III għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness III sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

---

105 ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12b(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

103. Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq[106]

Sabiex id-Direttiva 95/50/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva, b'mod partikolari sabiex tikkunsidra l-emendi għad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[107]. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 95/50/KE hija emendata kif ġej:

---

106 ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35.

107 Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

(1) l-Artikolu 9a jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 9a

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9aa li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari sabiex tikkunsidra l-emendi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 9aa li ġej:

"*Artikolu 9aa*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9a għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 9b.

104. Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar[108]

Sabiex id-Direttiva 97/70/KE tiġi adattata għall-evoluzzjoni tal-liġi internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dik id-Direttiva bil-għan li tapplika l-emendi sussegwenti għall-Protokoll ta' Torremolinos. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 97/70/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta dispożizzjonijiet għal interpretazzjoni armonizzata ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Anness għall-Protokoll ta' Torremolinos li tħallew għad-diskrezzjoni tal-amministrazzjonijiet ta' partijiet kontraenti individwali, safejn meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom fl-Unjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Direttiva 97/70/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Atti delegati u ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Artikoli 2, 3, 4, 6 u 7 u l-Annessi sabiex tapplika, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, emendi sussegwenti għall-Protokoll ta' Torremolinos.

2. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi interpretazzjoni armonizzata ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Anness għall-Protokoll ta' Torremolinos li tħallew għad-diskrezzjoni tal-amministrazzjonijiet ta' partijiet kontraenti individwali, safejn meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom fl-Unjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. L-emendi għall-istrument internazzjonali msemmi fl-Artikolu 2(4) jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

---

* Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).";

---

108 ĠU L 34, 9.2.1998, p. 1.

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 3.

105. Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija[109]

Sabiex jittejjeb ir-reġim stabbilit mid-Direttiva 2000/59/KE u sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-evoluzzjoni ta' strumenti internazzjonali u tal-Unjoni oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dik id-Direttiva sabiex tadatta r-referenzi għall-istrumenti tal-OMI u tal-Unjoni bil-għan li ġġibhom f'konformità mal-miżuri tal-OMI jew tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ;

- temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2000/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

[109] ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(2) jitħassar l-Artikolu 14;

(3) l-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 15*
Emendi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda r-referenzi għall-istrumenti tal-OMI u tal-Unjoni f'din id-Direttiva sabiex iġġibhom f'konformità mal-miżuri tal-OMI jew tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ, sakemm tali emendi ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Annessi, fejn meħtieġ, sabiex ittejjeb ir-reġim stabbilit minn din id-Direttiva, sakemm tali emendi ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).".

106. Id-Direttiva 2001/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet u l-proċeduri armonizzati għat-tagħbija u l-ħatt b'sigurtà ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa[110]

Sabiex id-Direttiva 2001/96/KE tiġi adattata għall-evoluzzjoni tar-regoli internazzjonali u tal-Unjoni u sabiex jittejbu l-proċeduri applikabbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dik id-Direttiva fir-rigward ta':

- ċerti definizzjonijiet;
- ir-referenzi għal konvenzjonijiet u kodiċijiet internazzjonali u għar-Riżoluzzjonijiet u ċ-Ċirkolari tal-OMI, ir-referenzi għall-istandards tal-ISO u r-referenzi għall-istrumenti tal-Unjoni u l-Annessi għalihom;
- il-proċeduri ta' bejn il-bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u t-terminals;
- ċerti obbligi ta' rapportar.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2001/96/KE hija emendata kif ġej:

(1) jitħassar l-Artikolu 14;

(2) l-Artikolu 15 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 15*
Emendi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda d-definizzjonijiet stabbiliti fil-punti (1) sa (6) u (15) sa (18) tal-Artikolu 3, ir-referenzi għal konvenzjonijiet u kodiċijiet internazzjonali u għar-Riżoluzzjonijiet u ċ-Ċirkolari tal-OMI, ir-referenzi għall-istandards tal-ISO u r-referenzi għall-istrumenti tal-Unjoni sabiex iġġibhom f'konformità mal-istrumenti internazzjonali u tal-Unjoni li ġew adottati, emendati jew imdaħħla fis-seħħ wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm dan ma jwassalx biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a li jemenda l-Artikolu 8 dwar il-proċeduri ta' bejn it-trasportaturi ta'

[110] ĠU L 13, 16.1.2002, p. 9.

tagħbija bl-ingrossa u t-terminals, kif ukoll l-obbligi ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 11(2) u fl-Annessi, sakemm tali atti ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"Artikolu 15a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

107. Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE[111]

Sabiex id-Direttiva 2002/59/KE tiġi adattata għall-evoluzzjoni tal-liġi internazzjonali u tal-Unjoni u għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda:

- ir-referenzi għall-istrumenti tal-OMI u tal-Unjoni f'dik id-Direttiva, sabiex iġġibhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali jew tal-Unjoni;
- ċerti referenzi f'dik id-Direttiva, sabiex iġġibhom f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi internazzjonali jew tal-Unjoni;
- l-Annessi I, III u IV għal dik id-Direttiva fid-dawl tal-progress tekniku u l-esperjenza miksuba b'dik id-Direttiva.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 27*
Emendi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jemenda r-referenzi għall-istrumenti tal-OMI u tal-Unjoni f'din id-Direttiva u d-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 u l-Annessi sabiex iġġibhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali jew tal-Unjoni li ġew adottati jew emendati jew li daħlu fis-seħħ, sakemm tali emendi ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jemenda l-Annessi I, III u IV fid-dawl tal-progress tekniku u tal-esperjenza miksuba b'din id-Direttiva, sakemm tali emendi ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.";

[111] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.

(2) jiddaħħal l-Artikolu 27a li ġej:

"Artikolu 27a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 27 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 27 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 27 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 28.

108. Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti[112]

Sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' atti tal-Unjoni li jirreferu għall-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) fir-Regolament (KE) Nru 2099/2002, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament bil-għan li tinkludi referenza

112 ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.

għall-atti tal-Unjoni li jagħtu setgħat lis-COSS illi daħlu fis-seħħ. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jitħassar il-paragrafu 3;

(2) l-Artikolu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 7*
Is-setgħat tas-COSS u l-emendi

Is-COSS għandu jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu permezz tal-leġiżlazzjoni marittima tal-Unjoni fis-seħħ.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7a li jemenda l-Artikolu 2(2) sabiex tinkludi referenza għall-atti tal-Unjoni li jagħtu setgħat lis-COSS illi daħlu fis-seħħ wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

109. Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifici għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro[113]

Sabiex id-Direttiva 2003/25/KE tiġi adattata għall-progress tekniku, għall-iżviluppi fil-livell internazzjonali u għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/25/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 10

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Annessi sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), u sabiex ittejjeb l-effettività ta' din id-Direttiva fid-dawl tal-esperjenza u l-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a

Eżerċitar tad-delega

113 ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 11.

110. Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE[114]

Sabiex id-Direttiva 2003/59/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 11*

Adattament għall-progess xjentifiku u tekniku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

114 ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 12.

111. Ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti[115]

Sabiex jiġi żviluppat aktar il-kontroll tas-sistemi ta' antifouling li jagħmlu l-ħsara fuq il-bastimenti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda r-referenzi għall-Konvenzjoni tal-AFS, għaċ-Ċertifikat tal-AFS, għad-Dikjarazzjoni tal-AFS u għad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-AFS fir-Regolament (KE) Nru 782/2003;
- temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament, inklużi l-linji gwida rilevanti tal-OMI fir-rigward tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-AFS sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u, b'mod partikolari, fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), jew sabiex ittejjeb l-effettività ta' dak ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza;
- tissupplimenta dak ir-Regolament bi stħarriġ armonizzat u reġim ta' ċertifikazzjoni għal ċerti bastimenti.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

115 ĠU L 115, 9.5.2003, p. 1.

(1) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(ii) il-punt (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

" (b) Bastimenti b' tul ta' 24 metru jew aktar, iżda ta' inqas minn 400 tunnellata gross, minbarra pjattaformi fissi jew li jżommu f' wiċċ l-ilma, FSUs u FPSOs, għandu jkollhom fuqhom Dikjarazzjoni tal-AFS sabiex juru l-konformità mal-Artikoli 4 u 5.";

(ii) jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a dwar l-istabbiliment ta' stħarriġ armonizzat u reġim ta' ċertifikazzjoni għall-bastimenti msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, jekk ikun meħtieġ.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(2) fl-Artikolu 7, jitħassar it-tieni paragrafu;

(3) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Emendi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda r-referenzi għall-Konvenzjoni tal-AFS, għaċ-Ċertifikat tal-AFS, għad-Dikjarazzjoni tal-AFS u għad-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-AFS, kif ukoll l-Annessi għal dan ir-Regolament, inklużi l-linji gwida rilevanti tal-OMI fir-rigward tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-AFS sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u, b'mod partikolari, fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), jew sabiex ittejjeb l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal*

Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) jitħassar l-Artikolu 9.

112. Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità[116]

Sabiex jiġu adattati u żviluppati aktar ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Anness għad-Direttiva 2004/52/KE sabiex tadattah għall-progress tekniku;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'deċiżjonijiet li jirrigwardjaw id-definizzjoni tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi tat-toroq u deċiżjonijiet tekniċi li jirrigwardjaw it-twettiq ta' dak is-servizz.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/52/KE hija emendata kif ġej:

116 ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124.

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4a li jemenda l-Anness sabiex tadattah għall-progress tekniku.";

(b) il-paragrafi 4 u 5 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4a dwar id-definizzjoni tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi tat-toroq. Tali atti għandhom jiġu adottati biss jekk ikun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet kollha, evalwati abbażi ta' studji xierqa, sabiex l-interoperabbiltà tkun tista' taħdem mill-aspetti kollha, inklużi l-kundizzjonijiet tekniċi, ġuridiċi u kummerċjali.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4a dwar id-deċiżjonijiet tekniċi li jirrigwardjaw it-twettiq tas-servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir tat-taxxi tat-toroq.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

"Artikolu 4a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), (4) u (5) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), (4) u (5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), (4) u (5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 2.

113. Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq[117]

Sabiex id-Direttiva 2004/54/KE tiġi adattata għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/54/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 16 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 16*
Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha

117 ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39.

ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 17, jitħassar il-paragrafu 3.

114. Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet[118]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jiġi adattat għall-evoluzzjoni tal-liġi internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament bil-għan li tintegra l-emendi għal ċerti strumenti internazzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi l-proċeduri armonizzati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Kodiċi ISPS, mingħajr ma jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

---

118 ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

> "2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda dan ir-Regolament sabiex tintegra l-emendi għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 fir-rigward tal-vapuri li joperaw servizzi domestiċi u l-faċilitajiet tal-port li jservuhom, li għalihom japplika dan ir-Regolament, safejn huma jikkostitwixxu aġġornament tekniku tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni SOLAS u l-Kodiċi ISPS.
>
> Meta, fil-każ tal-miżuri msemmija fis-subparagrafu preċedenti, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu. Il-proċedura għall-verifika tal-konformità stabbilita fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika f'dawn il-każijiet.
>
> 3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri armonizzati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Kodiċi ISPS, mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

> *"Artikolu 10a*
> **Eżerċitar tad-delega**
>
> 1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
>
> 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].
>
> 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.
>
> 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.
>
> 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
>
> 6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk,

qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 10b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 11, jitħassru l-paragrafi 4 u 5.

115. Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani[119]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 jiġi adattat għall-evoluzzjoni tal-liġi internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati l-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' temenda ċerti valuri f'dak ir-Regolament fid-dawl tal-emendi fil-ftehimiet internazzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-valuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, meta l-emendi għall-ftehimiet internazzjonali rilevanti jagħmlu dan neċessarju.";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

[119] ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1.

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-valuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-emendi għall-ftehimiet internazzjonali rilevanti jagħmlu dan neċessarju.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 7(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 7(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 3.

116. Ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-trasferiment tal-bastimenti tat-tagħbija u tal-passiġġieri bejn ir-reġistri ġewwa l-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 613/91[120]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 jiġi adattat għall-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, u sabiex tittejjeb l-effettività ta' dak ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza u l-progress tekniku, il-

120 ĠU L 138, 30.4.2004, p. 19.

Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda ċerti definizzjonijiet f'dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, jitħassar il-paragrafu 3;

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), u sabiex ittejjeb l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza u l-progress tekniku, sakemm tali emendi ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu

għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

117. Ir-Regolament Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea[121]

Sabiex tittejjeb id-detezzjoni ta' prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 868/2004 b'metodoloġija dettaljata sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a dwar metodoloġija dettaljata għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi. Din il-metodoloġija għandha tkopri, fost l-oħrajn, il-mod ta' kif għandhom jiġu vvalutati l-prezzijiet normali kompetittivi, l-ispejjeż reali u l-marġini ta' profitt raġonevoli fil-kuntest speċifiku tas-settur tal-avjazzjoni.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka

121 ĠU L 162, 30.4.2004, p. 1.

għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 4.

118. Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità[122]

Sabiex id-Direttiva 2005/44/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u tittieħed f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2005/44/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 10
Emendi għall-Annessi I u II

122 ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Annessi I u II fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex tadatta dawk l-Annessi għall-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 4.

119. Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet[123]

Sabiex jiġu aġġornati l-miżuri tekniċi meħtieġa bil-għan li tkun żgurata s-sigurtà fil-portijiet fuq bażi regolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa IV għad-Direttiva 2005/65/KE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li

123 ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.

dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2005/65/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 14 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 14
Emendi għall-Annessi I sa IV

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda l-Annessi I sa IV sabiex tadattahom għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħhom mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Meta, fil-każ tal-emendi meħtieġa għall-adattament tal-Annessi I sa IV, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 14b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 14a u 14b li ġejjin:

"Artikolu 14a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu

għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 15.

120. Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE[124].

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku u sabiex jiġu speċifikati aktar il-proċeduri applikabbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament b'regoli dettaljati fir-rigward ta' ċerti proċeduri. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "2. Il-kriterji komuni sabiex tiġi imposta projbizzjoni operattiva fuq trasportatur tal-ajru, li għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards rilevanti tas-sikurezza, huma stabbiliti fl-Anness u minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala "kriterji komuni".
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda l-Anness sabiex timmodifika l-kriterji komuni bil-għan li tikkunsidra l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi.";

(2) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "*Artikolu 8*
> **Regoli dettaljati**
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jistipula regoli dettaljati fir-rigward tal-proċeduri msemmija f'dan il-Kapitolu, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ħtieġa li jittieħdu deċiżjonijiet malajr fuq l-aġġornament tal-lista Komunitarja.
>
> Meta, fil-każ tal-miżuri msemmija fil- paragrafu 1, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 14b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 14a u 14b li ġejjin:

---

[124] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

"Artikolu 14a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 4.

121. Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan[125]

Sabiex jissaħħu l-miżuri meħtieġa li jiggarantixxu s-sigurtà tal-liċenzji tas-sewqan, sabiex tiġi garantita l-interoperabbiltà futura u sabiex id-Direttiva 2006/126/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa VI għal dik id-Direttiva u tissupplimenta dik id-Direttiva bi speċifikazzjonijiet għall-protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2006/126/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a dwar ir-rekwiżiti għall-mikroċippa msemmija fl-Anness I. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jipprevedu approvazzjoni tat-tip tal-KE, li għandha tingħata biss meta tintwera l-abbiltà ta' reżistenza għal attentati ta' tbagħbis jew tibdil tad-dejta.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu mezz ta' ħażna (mikroċippa) bħala parti mil-liċenzja tas-sewqan, hekk kif dawk l-atti delegati jkunu fis-seħħ.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Anness I sabiex tiggarantixxi l-interoperabbiltà fil-ġejjieni.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-materjal użat għal-liċenzja tas-sewqan, kif stabbilit fl-Anness I, għandu jkun protett kontra l-falsifikazzjoni.

[125] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a sabiex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet xierqa kontra l-falsifikazzjoni.

L-Istati Membri huma liberi li jintroduċu karatteristiċi ta' sikurezza addizzjonali.";

(3) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Emenda tal-Annessi I sa VI

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Annessi I sa VI sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(2) u (3), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(2) u (3), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2) u (3), l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) jitħassar l-Artikolu 9.

122. Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95[126]

Sabiex jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 336/2006. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Anness II sabiex tikkunsidra l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u, b'mod partikolari, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), jew sabiex ittejjeb l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

> *"Artikolu 11a*
> **Eżerċitar tad-delega**
>
> 1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
>
> 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

126 OJ L 64, 4.3.2006, p. 1.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3.

123. Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità[127].

Sabiex jiġu adottati l-miżuri tekniċi meħtieġa għall-funzjonament xieraq tad-Direttiva 2007/59/KE u sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, kif ukoll sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva:

- billi tistabbilixxi l-mudell għal-liċenzja, iċ-ċertifikat u l-kopja attestata taċ-ċertifikat u billi tiddetermina l-karatteristiċi fiżiċi tagħhom, filwaqt li tikkunsidra l-miżuri kontra l-falsifikazzjoni fihom;
- billi tadotta l-Kodiċi tal-Komunità għat-tipi differenti fil-kategoriji A u B;
- billi tadatta l-parametri bażiċi tar-reġistri għall-progress;
- billi tadotta l-kriterji komuni għad-definizzjoni tal-kompetenzi vokazzjonali u l-valutazzjoni tal-persunal;
- billi tadotta kriterji tal-Unjoni dwar l-għażla tal-eżaminaturi u tal-eżamijiet;

---

127 ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51.

- billi tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi u operattivi għall-ismart cards.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2007/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistabbilixxi, abbażi ta' abbozz imħejji mill-Aġenzija, mudell tal-Komunità għal-liċenzja, iċ-ċertifikat u l-kopja attestata taċ-ċertifikat, kif ukoll tiddetermina l-karatteristiċi fiżiċi tagħhom, filwaqt li tikkunsidra l-miżuri kontra l-falsifikazzjoni fihom.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistabbilixxi, abbażi ta' rakkomandazzjoni mħejjija mill-Aġenzija, il-Kodiċijiet tal-Komunità għat-tipi differenti fil-kategoriji A u B imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. ";

(2) fl-Artikolu 22(4), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistabbilixxi, abbażi ta' abbozz imħejji mill-Aġenzija, il-parametri bażiċi tar-reġistri li jridu jiġu stabbiliti, bħad-dejta li trid tiġi rreġistrata, il-format tagħhom u l-protokoll dwar l-iskambju tad-dejta, id-drittijiet ta' aċċess, it-tul ta' żmien taż-żamma tad-dejta u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet ta' falliment. ";

(3) l-Artikolu 23(3) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(b) il-kriterji proposti mill-Aġenzija skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 2016/796.";

(b) jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a sabiex tistabbilixxi dawk il-kriterji.";

(4) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. L-għażla tal-eżaminaturi u tal-eżamijiet tista' tkun soġġetta għal kriterji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistabbilixxi tali kriterji tal-Unjoni abbażi ta' abbozz imħejji mill-Aġenzija.

Meta, fil-każ tal-istabbiliment tal-kriterji tal-Unjoni għall-għażla tal-eżaminaturi u tal-eżamijiet, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 31b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

Fin-nuqqas ta' tali kriterji tal-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu kriterji nazzjonali.";

(5) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

Meta, fil-każ tal-Annessi li jridu jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 31b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(6) jiddaħħlu l-Artikoli 31a u 32b li ġejjin:

"Artikolu 31a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 22(4), fl-Artikolu 23(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 31(1) u fl-Artikolu 34 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 22(4), fl-Artikolu 23(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 31(1) u fl-Artikolu 34 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 22(4), l-Artikolu 23(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 34 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 31b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 31a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(7) fl-Artikolu 32, jitħassru l-paragrafi 3 u 4;

(8) fl-Artikolu 34, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operattivi għal smart card.".

124. Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji[128]

Sabiex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa bil-għan li r-Regolament (KE) Nru 1371/2007 jiġi adattat għall-progress tekniku u għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Annessi II u III għal dak ir-Regolament;
- temenda dak ir-Regolament billi taġġusta l-ammonti finanzjarji f'konformità mal-inflazzjoni;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tieħu azzjoni xierqa jekk l-eżenzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri jitqiesu li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2;

---

128 ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet telematiċi għall-passiġġieri;
- tissupplimenta dak ir-Regolament billi tadotta l-miżuri maħsuba biex jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji jkollhom assigurazzjoni adegwata jew jagħmlu arranġamenti ekwivalenti għal kopertura tal-obbligazzjonijiet tagħhom skont dak ir-Regolament.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikoli 33 u 34 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Artikolu 33
Emenda tal-Annessi II u III

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a li jemenda l-Annessi II u III fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-Regolament.

Artikolu 34
Atti delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a dwar il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2, 10 u 12.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a sabiex temenda dan ir-Regolament billi taġġusta l-ammonti finanzjarji msemmija fih, minbarra fl-Anness I, fid-dawl tal-inflazzjoni.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 34a li ġej:

Artikolu 34a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 33 u fl-Artikolu 34 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 33 u fl-Artikolu 34 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 33 u l-Artikolu 34 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 35.

125. Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż[129]

Sabiex id-Direttiva 2008/68/KE tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, inkluż l-użu ta' teknoloġiji għal traċċar u rintraċċar, fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-emendi għal ADR, RID u ADN.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

129 ĠU L 260, 30.9.2008 p. 13.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 3.

126. Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq[130]

Sabiex id-Direttiva 2008/96/KE tiġi adattata għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva u tissupplimenta dik id-Direttiva billi tiddetermina kriterji komuni dwar ir-rapportar tas-severità tal-inċidenti.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-

130 ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59.

esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/96/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jiddetermina kriterji komuni li abbażi tagħhom trid tiġi rrapportata s-severità ta' aċċident, inkluż in-numru ta' fatalitajiet u persuni korruti.";

(2) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 2;

(3) l-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 12*
Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(1a) u fl-Artikolu 12 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(1a) u fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(1a) u l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-

Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(5) jitħassar l-Artikolu 13;

(6) fl-Anness IV, il-punt (5) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(5) is-severità ta' aċċident".

127. Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002[131]

Sabiex jittejbu l-kontenut u l-funzjonament tal-istandards bażiċi komuni għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza mhux skont il-liġi li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290:

- sabiex temenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 billi tadotta anness addizzjonali relatat mal-ispeċifikazzjonijiet għall-programm nazzjonali għall-kontroll tal-kwalità;
- sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'miżuri ġenerali li jirrigwardjaw ċerti elementi tal-istandards bażiċi komuni;
- sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bi kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jistipula ċerti elementi tal-istandards bażiċi komuni.";

(ii) it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Meta, fil-każ tal-adozzjoni ta' miżuri ġenerali li jirrigwardjaw ċerti standards bażiċi komuni, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 18b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel u t-tieni subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jiffissa kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-

[131] ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

istandards bażiċi komuni msemmija fil-paragrafu 1 u jadottaw miżura ta' sigurtà alternattivi li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju lokali. Tali miżuri alternattivi għandhom jiġu ġustifikati b'raġunijiet marbutin mad-daqs tal-inġenju tal-ajru, jew b'raġunijiet marbutin man-natura, l-iskala jew il-frekwenza tal-operazzjonijiet jew ta' attivitajiet rilevanti oħrajn.

Meta, fil-każ tal-iffissar ta' kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 18b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 11(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda dan ir-Regolament billi żżid Anness relatat mal-ispeċifikazzjonijiet għall-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità.

Meta, fil-każ tal-ispeċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità, ir-raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 18b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 18a u 18b li ġejjin:

"Artikolu 18a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u (4) u fl-Artikolu 11(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) u (4) u fl-Artikolu 11(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u (4) u l-Artikolu 11(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se

joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 19, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

128. Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi[132]

Sabiex id-Direttiva 2009/15/KE tiġi adattata għall-evoluzzjoni tal-istrumenti internazzjonali rilevanti u sabiex jiġu mmodifikati l-ammonti massimi pagabbli sabiex jikkumpensaw lil dawk korruti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dik id-Direttiva bil-għan li:

- tinkorpora l-emendi sussegwenti għal ċerti konvenzjonijiet internazzjonali, protokolli, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet relatati magħhom illi daħlu fis-seħħ;
- tbiddel ċerti ammonti speċifikati fihom.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/15/KE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

132 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47.

"Artikolu 5a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(2) fl-Artikolu 6, jitħassar il-paragrafu 3;

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a li jemenda din id-Direttiva, mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, sabiex:

(a) tinkorpora, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-emendi sussegwenti għall-konvenzjonijiet, il-protokolli, il-kodiċijiet u r-riżoluzzjonijiet internazzjonali relatati magħha msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu (2), fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5(2), li jkunu daħlu fis-seħħ;

(b) tbiddel l-ammonti speċifikati fil-punti (ii) u (iii) tal-Artikolu 5(2)(b).".

129. Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti

fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[133]

Sabiex id-Direttiva 2009/18/KE tiġi adattata għall-evoluzzjoni tar-regoli internazzjonali u tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dik id-Direttiva sabiex taġġorna d-definizzjonijiet u r-referenzi magħmula għall-atti tal-Unjoni u għall-istrumenti tal-OMI bil-għan li ġġibhom f'konformità mal-miżuri tal-OMI jew tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ;
- temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva sabiex tadattahom għall-progress tekniku u għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħhom;
- tissupplimenta dik id-Direttiva bil-metodoloġija komuni għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji u l-inċidenti fuq il-baħar.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/18/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "4. Meta jkun qed iwettaq l-investigazzjonijiet tas-sikurezza, il-korp investigattiv għandu jsegwi l-metodoloġija komuni għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji u l-inċidenti fuq il-baħar. L-investigaturi jistgħu ma jsegwux dik il-metodoloġija f'każ speċifiku meta dan jista' ikun ġustifikat kif meħtieġ, skont il-ġudizzju professjonali tagħhom, u fejn meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-investigazzjoni.
>
> Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar il-metodoloġija komuni għall-investigazzjoni tad-diżgrazzji u l-inċidenti fuq il-baħar, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe lezzjonijiet rilevanti miksuba mill-investigazzjonijiet tas-sikurezza.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a

Eżerċitar tad-delega

[133] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114.

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 20 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 20 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) l-Artikolu 20 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 20*

Setgħat ta' emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda d-definizzjonijiet f'din id-Direttiva u r-referenzi magħmula għall-atti tal-Unjoni u għall-istrumenti tal-OMI bil-għan li ġġibhom f'konformità mal-miżuri tal-OMI jew tal-Unjoni li daħlu fis-seħħ, soġġetta għal osservanza tal-limiti ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Annessi għal din id-Direttiva sabiex tadattahom għall-progress tekniku u għall-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħhom.

3. L-emendi għall-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Inċidenti fuq il-Baħar jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.".

130. Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija[134]

Sabiex id-Direttiva 2009/33/KE tiġi adattata għall-inflazzjoni u għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dik id-Direttiva bil-għan li tadatta d-dejta għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi tul il-ħajja kollha tal-vetturi ta' trasport fuq it-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/33/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 7*
Emenda tal-Anness

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda l-Anness sabiex tadatta d-dejta għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi tul il-ħajja kollha tal-vetturi ta' trasport fuq it-triq għall-inflazzjoni u għall-progress tekniku.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

[134] ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5.

Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 9.

131. Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri[135]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 jiġi kkompletat u adattat għall-evoluzzjoni tar-regoli internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness I għal dak ir-Regolament billi tikkunsidra, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet rilevanti tal-OMI;

- tissupplimenta dak ir-Regolament bi kriterji sabiex titkejjel l-effettività tar-regoli u tal-proċeduri, kif ukoll il-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti fir-rigward tas-sikurezza u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri kklassifikati tagħhom, filwaqt li tqis b'mod partikolari d-dejta prodotta mill-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port jew minn skemi simili oħrajn;

- tissupplimenta dak ir-Regolament bi kriterji sabiex jiġi ddeterminat meta tali prestazzjoni għandha titqies bħala theddida inaċċettabbli għas-sikurezza jew għall-ambjent, li jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jaffettwaw organizzazzjonijiet ta' daqs iżgħar jew speċjalizzati ħafna;

- tissupplimenta dak ir-Regolament b'regoli dettaljati dwar il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali u l-irtirar tar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 4;

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda l-Anness I, mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, sabiex taġġorna l-kriterji minimi stabbiliti fih, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet rilevanti tal-OMI.";

(3) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

[135] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11.

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a dwar:

(a) il-kriterji biex titkejjel l-effettività tar-regoli u tal-proċeduri, kif ukoll il-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti fir-rigward tas-sikurezza u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri kklassifikati tagħhom, filwaqt li tqis b'mod partikolari d-dejta mill-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port jew minn skemi simili oħrajn;

(b) il-kriterji sabiex jiġi ddeterminat meta tali prestazzjoni għandha titqies bħala theddida inaċċettabbli għas-sikurezza jew għall-ambjent, li jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jaffettwaw organizzazzjonijiet ta' daqs iżgħar jew speċjalizzati ħafna.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jikkonċerna regoli dettaljati dwar l-impożizzjoni ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali skont l-Artikolu 6 u, jekk ikun meħtieġ, fir-rigward tal-irtirar tar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri skont l-Artikolu 7.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 14(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 14(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-

Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.”.

132. Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta’ passiġġieri bil-baħar fil-każ ta’ aċċidenti[136]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 jiġi adattat għal regoli internazzjonali u tal-Unjoni oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f’konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda l-Anness I għal dak ir-Regolament sabiex tinkorpora l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Ateni;
- temenda l-limiti stabbiliti fl-Anness I għal dak ir-Regolament għall-vapuri tal-Klassi B skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[137];
- temenda l-Anness II għal dak ir-Regolament sabiex tinkorpora l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-OMI.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016. B’mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta’ esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta’ atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 9 jiġi sostitwit b’li ġej:

“Artikolu 9
Emenda tal-Annessi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Anness I għal dan ir-Regolament sabiex tinkorpora l-emendi għal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1), fl-Artikolu 4*bis*(1), fl-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta’ Ateni bil-għan li jiġu kkunsidrati d-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 23 ta’ dik il-Konvenzjoni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta, abbażi ta’ valutazzjoni tal-impatt adegwata, atti delegati f’konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-limiti stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament għall-vapuri tal-Klassi B skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, filwaqt li tieħu f’kunsiderazzjoni, għall-perjodu sal-31 ta’ Diċembru 2016, il-konsegwenzi għan-

136 ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24.

137 Direttiva Nru 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar regoli u standards ta’ sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

nollijiet u l-ħila tas-suq li jikseb polza ta' assigurazzjoni bi prezz li jista' jintlaħaq fil-livell meħtieġ fl-isfond tal-politika ta' tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri, kif ukoll in-natura staġjonali ta' ftit mit-traffiku.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda l-Anness II sabiex tinkorpora emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-OMI.

---

* Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1)";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) jitħassar l-Artikolu 10.

133. Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE[138]

Sabiex jiġi ddeterminat il-grad ta' severità ta' ċertu ksur tar-regoli applikabbli u sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jiġi adattat għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament billi tħejji lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni li, minbarra dawk stabbiliti fl-Anness IV, jistgħu jwasslu għat-telf ta' reputazzjoni tajba. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Diversi setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 li jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri ta' posponiment ma għadhomx meħtieġa.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6(2)(b), l-ewwel u t-tieni paragrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

> "il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jistabbilixxi lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni li, minbarra dawk stabbiliti fl-Anness IV, jistgħu jwasslu għat-telf ta' reputazzjoni tajba. L-Istati Membri għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar dak il-ksur, inkluża informazzjoni li jirċievu mingħand Stati Membri oħrajn, meta jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-verifiki skont l-Artikolu 12(1).";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 9 jiġi sostitwit b'li ġej:

> "9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Annessi I, II u III sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(3) fl-Artikolu 11(4), jitħassar it-tielet subparagrafu;

(4) fl-Artikolu 12(2), jitħassar it-tieni subparagrafu;

(5) fl-Artikolu 16, jitħassar il-paragrafu 7;

(6) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

---

138 ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

"Artikolu 24a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 8(9) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 8(9) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 8(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(7) fl-Artikolu 25, jitħassar il-paragrafu 3.

134. Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija[139]

Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 jiġi adattat għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament u temenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-liċenzja tal-Komunità.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata

139 ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda dan ir-Regolament sabiex tadatta l-perjodu ta' validità tal-liċenzja Komunitarja għall-progress tekniku, b'mod partikolari r-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-intrapriżi tat-trasport bit-triq kif previst fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemenda l-Anness III sabiex tadattah għall-progress tekniku.";

(3) wara t-titolu tal-Kapitolu V, jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u (4) u fl-Artikolu 5(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) u (4) u fl-Artikolu 5(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u (4) u l-Artikolu 5(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) jitħassar l-Artikolu 15.

135. Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006[140]

Sabiex tadatta r-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għall-progress tekniku u sabiex tistabbilixxi l-miżuri tekniċi meħtieġa għall-funzjonament xieraq tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dak ir-Regolament, kif ukoll sabiex tissupplimentah billi tistabbilixxi:

- il-proċeduri għall-ismijiet ta' servizzi okkażjonali u l-punti ta' konnessjoni fir-rotta;
- il-formati taċ-ċertifikati għall-operazzjonijiet ta' trasport proprju;
- il-formati tal-awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari;
- il-formati tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet bħal dawn;
- il-formati tal-formoli tal-vjaġġ għal servizzi okkażjonali, il-format tal-ktieb tal-formoli tal-vjaġġ u l-mod kif jintużaw;
- il-format tat-tabella li trid tintuża għall-komunikazzjoni tal-istatistika dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-forma ta' servizzi regolari mwettqa minn trasportatur mhux residenti fl-Istat Membru ospitanti matul il-kors ta' servizz internazzjonali regolari.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(2), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

140 ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(2) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-ħames subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-proċeduri għall-ismijiet ta' tali trasportaturi u l-punti ta' konnessjoni fir-rotta li jridu jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.";

(b) fil-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-format taċ-ċertifikati.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-format tal-awtorizzazzjonijiet.";

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-format tal-applikazzjonijiet.";

(5) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-format tal-formola tal-vjaġġ, il-ktieb tal-formoli tal-vjaġġi u l-mod kif jintużaw.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

"Artikolu 25a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(3) u (5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 12(5) u fl-Artikolu 28(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(3) u (5), fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 7(2), fl-Artikolu 12(5) u fl-Artikolu 28(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(3) u (5), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 28(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

_____

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(7) jitħassar l-Artikolu 26;

(8) fl-Artikolu 28, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a dwar il-format tat-tabella li trid tintuża għall-komunikazzjoni tal-istatistika msemmija fil-paragrafu 2.".

XII. IS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI

136. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti tal-ikel iffriżati malajr għal konsum mill-bniedem[141]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 89/108/KEE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva bil-kriterji ta' purità li jridu jiġu ssodisfati b'mezzi krijoġeniċi, il-proċeduri tal-kampjunar għall-oġġetti tal-ikel iffriżati malajr u l-proċeduri għall-monitoraġġ tat-temperatura tagħhom u għall-monitoraġġ tat-temperaturi fil-mezzi tat-trasport, fl-imħażen u fil-ħażna nnifisha. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 89/108/KEE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, it-tielet paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jiddetermina l-kriterji ta' purità li jridu jiġu ssodisfati minn dawk il-mezzi krijoġeniċi.";

(2) l-Artikolu 11 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jiddetermina l-proċeduri tal-kampjunar għall-oġġetti tal-ikel iffriżati malajr u l-proċeduri għall-monitoraġġ tat-temperatura tagħhom u għall-monitoraġġ tat-temperaturi fil-mezzi tat-trasport, fl-imħażen u fil-ħażna nnifisha.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4 u 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

141 ĠU L 40, 11.2.1989, p. 34

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4 u 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4 u 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) jitħassar l-Artikolu 12.

137. Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza[142]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 1999/2/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat bil-għan li temenda dik id-Direttiva safejn huwa meħtieġ sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tissupplimenta dik id-Direttiva fir-rigward tal-eċċezzjonijiet li jirrigwardjaw id-doża ta' radjazzjoni massima għall-oġġetti tal-ikel, kif ukoll ir-rekwiżiti supplimentari għall-faċilitajiet. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 1999/2/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a sabiex tippermetti eċċezzjonijiet għall-paragrafu 1 billi tikkunsidra l-għarfien xjentifiku disponibbli u l-istandards internazzjonali rilevanti.";

142 ĠU L 66, 13.3.1999, p.16.

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. L-approvazzjoni għandha tingħata biss jekk il-faċilità:

- tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Prattika Internazzjonali konġunt 'Codex Alimentarius' tal-FAO/WHO rrakkomandat mill-Kummissjoni għat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' irradjazzjoni użati għat-trattament tal-ikel (referenza FAO/WHO/CAC, Vol. XV, edizzjoni 1) u kwalunkwe rekwiżit supplimentari li jista' jiġi adottat mill-Kummissjoni;
- tinnomina persuna responsabbli għall-konformità mal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-proċess.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a dwar ir-rekwiżit supplimentari msemmi fl-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti f'termini ta' effikaċja u sikurezza tat-trattament użat u b'rabta ma' prattiki ta' iġjene tajba tal-ipproċessar tal-ikel.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 14(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 14(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 14(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni

f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(4) fl-Artikolu 12, jitħassru l-paragrafi 3, 4 u 5;

(5) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda din id-Direttiva sal-limitu meħtieġ sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u għandha tkun limitata għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet, meta mqabbla mas-sitwazzjoni ġuridika preċedenti.

Meta r-raġunijiet imperattivi ta' urġenza relatati mas-saħħa tal-bniedem ikunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.".

138. Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni[143]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'definizzjonijiet ta' "prodott mediċinali simili" u "superjorità klinika". Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10b li jissupplimenta dan ir-Regolament permezz tal-adozzjoni tad-definizzjonijiet ta' "prodott mediċinali simili" u "superjorità klinika";

(2) fl-Artikolu 10a, jitħassar il-paragrafu 3;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 10b li ġej:

143 ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1.

"*Artikolu 10b*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

139. Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE[144]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2001/18/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dik id-Direttiva u tissupplimenta dik id-Direttiva bi:

- kriterji derogatorji u rekwiżiti ta' informazzjoni għan-notifika għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' OĠM;

---

144 ĠU L 106, 17.4.2001, p.1

- limiti minimi li taħthom il-prodotti fejn ma jistgħux jiġu esklużi traċċi aċċidentali u teknikament inevitabbli ta' OĠM awtorizzati ma għandhomx bżonn jiġu ttikkettjati bħala OĠM;
- limiti stabbiliti aktar baxxi minn 0,9 %, li taħthom ir-rekwiżiti tal-ittikkettar stabbiliti fid-Direttiva ma japplikawx għat-traċċi ta' OĠM fil-prodotti maħsuba għal ipproċessar dirett;
- rekwiżiti speċifiċi tal-ittikkettar għall-OĠM li ma jitqegħdux fis-suq skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2001/18/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29a li jistabbilixxi l-kriterji u r-rekwiżiti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll kwalunkwe rekwiżiti xierqa għal sommarju tad-dossier, wara konsultazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku rilevanti. Il-kriterji u r-rekwiżiti tal-informazzjoni għandhom ikunu tali li jiżguraw livell għoli ta' sikurezza tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza xjentifika disponibbli dwar tali sikurezza u dwar l-esperjenza miksuba mir-rilaxx ta' OĠM komparabbli.";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Qabel ma tadotta atti delegati skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-proposta disponibbli għall-pubbliku. Il-pubbliku jista' jagħmel kummenti lill-Kummissjoni fi żmien 60 jum. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kwalunkwe dokumenti bħal dawn, flimkien ma' analiżi, lill-esperti msemmija fl-Artikolu 29a(4).";

(2) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Għall-prodotti fejn ma jistgħux jiġu esklużi traċċi aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM awtorizzati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29a li jistabbilixxi limiti minimi li taħthom dawn il-prodotti ma għandhomx bżonn jiġu ttikkettjati f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-livelli ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti skont il-prodott ikkonċernat.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 29°, li jistabbilixxu l-limiti stabbiliti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(3) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 29°, li jemendaw l-Anness IV billi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi tal-ittikkettar msemmija fil-paragrafu 1, mingħajr ma tidduplika jew toħloq inkonsistenzi mad-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettar stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti. Fit-twettiq ta' dan, għandhom jiġu kkunsidrati, kif xieraq, id-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettar stabbiliti mill-Istati Membri f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.";

(4) l-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 27*
Adattament tal-Annessi għall-progress tekniku

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29a li jemenda t-Taqsimiet Ċ u D tal-Anness II, l-Annessi III sa VI u t-Taqsima Ċ tal-Anness VII, sabiex tadattahom għall-progress tekniku.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

"Artikolu 29a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16(2), fl-Artikolu 21(2) u (3), fl-Artikolu 26(2) u fl-Artikolu 27 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16(2), fl-Artikolu 21(2) u (3), fl-Artikolu 26(2) u fl-Artikolu 27 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 21(2) u (3), l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 27 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li

mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 30, jitħassar il-paragrafu 3.

140. Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem[145]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2001/83/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex:

- temenda dik id-Direttiva fir-rigward ta' waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw il-prodotti mediċinali omeopatiċi sabiex jibbenifikaw minn proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata u speċjali jekk l-evidenza xjentifika ġdida titlob dan;
- temenda dik id-Direttiva fir-rigward tat-tipi ta' operazzjonijiet li jitqiesu bħala li jikkostitwixxu l-manifattura ta' sustanzi attivi li jintużaw bħala materjali tal-bidu, bil-għan li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku u xjentifiku;
- temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva sabiex tikkunsidra l-progress tekniku u xjentifiku;
- tissupplimenta dik id-Direttiva b'arranġamenti xierqa għall-eżami tal-varjazzjonijiet għat-termini ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija f'konformità ma' dik id-Direttiva;
- tissupplimenta dik id-Direttiva billi tispeċifika l-prinċipji u l-linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għal prodotti mediċinali.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2001/83/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 121a li jemenda t-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu jekk l-evidenza xjentifika ġdida titlob dan.";

(2) fl-Artikolu 23b, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 121a li jistabbilixxi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1.";

(3) fl-Artikolu 46a, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

145 ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 121a li jemenda l-paragrafu 1 sabiex tikkunsidra l-progress tekniku u xjentifiku.";

(4) fl-Artikolu 47, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 121a li jispeċifika l-prinċipji u l-linji gwida tal-prassi tajba ta' manifattura għall-prodotti mediċinali msemmija fl-Artikolu 46(f).";

(5) l-Artikolu 120 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 120

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 121a li jemenda l-Anness I sabiex tikkunsidra l-progress tekniku u xjentifiku.";

(6) fl-Artikolu 121, jitħassar il-paragrafu 2a;

(7) l-Artikolu 121a jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 121a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14(1), fl-Artikolu 22b, fl-Artikolu 23b, fl-Artikolu 46a, fl-Artikolu 47, fl-Artikolu 52b, fl-Artikolu 54a u fl-Artikolu 120 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 14(1), fl-Artikolu 22b, fl-Artikolu 23b, fl-Artikolu 46a, fl-Artikolu 47, fl-Artikolu 52b, fl-Artikolu 54a u fl-Artikolu 120 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 22b, l-Artikolu 23b, l-Artikolu 46a, l-Artikolu 47, l-Artikolu 52b, l-Artikolu 54a u l-Artikolu 120 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew

mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) jitħassru l-Artikoli 121b u 121ċ.

141. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered[146]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament billi:

- tapprova testijiet rapidi,
- temenda l-età tal-annimali bovini li għandhom jiġu koperti minn programmi ta' monitoraġġ annwali,
- tistabbilixxi l-kriterji sabiex jintwera titjib tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-pajjiż u telenkahom fl-Anness,
- tiddeċiedi li tippermetti l-għalf ta' annimali żgħar ta' speċi ruminanti bi proteini li ġejjin mill-ħut,
- tistabbilixxi kriterji dettaljati għall-għoti ta' tali eżenzjoni mill-projbizzjonijiet li jikkonċernaw l-għalf tal-annimali,
- tiddeċiedi li tintroduċi livell ta' tolleranza għal ammonti insinifikanti ta' proteini tal-annimali fl-għalf li jiġu minn kontaminazzjoni aċċidentali u teknikament inevitabbli,
- tiddeċiedi fuq l-età,
- tistabbilixxi regoli li jipprevedu eżenzjonijiet mill-ħtieġa li jitneħħa u jinqered materjal ta' riskju speċifikat,
- tapprova l-proċessi tal-produzzjoni,
- tiddeċiedi li testendi ċerti dispożizzjonijiet għal speċijiet ta' annimali oħrajn,
- tiddeċiedi li testendi għal prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali,
- tadotta l-metodu sabiex tiġi kkonfermata l-BSE f'annimali bovini u kaprini.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 huwa emendat kif ġej:

---

146 ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1

(1) fl-Artikolu 5(3), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li japprova t-testijiet rapidi msemmija fit-tieni subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-punt 4 tal-Kapitolu Ċ tal-Anness X sabiex taġġorna l-lista stabbilita fih.";

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li japprova t-testijiet rapidi għal dak il-għan. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-Anness X sabiex telenka dawk it-testijiet.";

(b) fil-paragrafu 1b, l-ewwel u t-tieni subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-paragrafu 1a(a) u (ċ) sabiex tadatta l-età stipulata fih skont il-progress xjentifiku u wara konsultazzjoni tal-EFSA.

Fuq it-talba ta' Stat Membru li jista' juri t-titjib tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-pajjiż, il-programmi ta' monitoraġġ annwali ta' dak l-Istat Membru partikolari jistgħu jiġu riveduti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b:

(a) li jistabbilixxu ċerti kriterji li abbażi tagħhom għandu jiġi vvalutat it-titjib tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-pajjiż, għall-fini tar-reviżjoni tal-programmi ta' monitoraġġ;

(b) li jemendaw il-punt 7 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III sabiex telenka l-kriterji msemmija fil-punt (a).";

(3) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-Anness IV sabiex tippermetti l-għalf ta' annimali żgħar ta' speċi ruminanti bi proteini li ġejjin mill-ħut, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni:

(a) valutazzjoni xjentifika tal-ħtiġijiet dietetiċi ta' ruminanti żgħar fl-età

(b) ir-regoli adottati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu previsti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu

(c) valutazzjoni tal-aspetti ta' kontroll ta' din id-deroga.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Fuq it-talba ta' Stat Membru jew pajjiż terz, tista' tittieħed deċiżjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(2) sabiex jingħataw eżenzjonijiet individwali mir-restrizzjonijiet f'dan il-paragrafu. Kwalunkwe eżenzjoni għandha tikkunsidra d-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha s-

setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jistipula l-kriterji dettaljati li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta tingħata tali eżenzjoni.";

(ċ) il-paragrafu 4a jiġi sostitwit b'li ġej:

"4a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jiffissa livell ta' tolleranza għal ammonti insinifikanti ta' proteini tal-annimali fl-għalf li jiġu minn kontaminazzjoni aċċidentali u teknikament inevitabbli, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju favorevoli, billi tikkunsidra mill-anqas l-ammont u s-sors possibbli ta' kontaminazzjoni u d-destinazzjoni finali tal-konsenja.";

(4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-materjal riskjuż speċifikat għandu jitneħħa u jintrema f'konformità mal-Anness V għal dan ir-Regolament u mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Huwa ma għandux jiġi importat fl-Unjoni. Il-lista ta' materjal ta' riskju speċifikat imsemmi fl-Anness V għandha tinkludi mill-anqas il-moħħ, l-ispina, l-għajnejn u t-tunsilli ta' annimali bovini li għandhom aktar minn 12-il xahar u l-kolonna vertebrali ta' annimali bovini 'l fuq minn età li għandha tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b sabiex tiddetermina dik l-età. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-lista ta' materjal ta' riskju speċifikat fl-Anness V billi tikkunsidra l-kategoriji ta' riskju differenti stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) u r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1a) u (1b).";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b sabiex tapprova test alternattiv li jippermetti d-detezzjoni ta' BSE qabel il-qatla u sabiex temenda l-lista fl-Anness X. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal tessuti minn annimali li sarilhom it-test alternattiv, sakemm dan it-test jiġi applikat taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Anness V u r-riżultati tat-test ikunu negattivi.";

(ċ) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jistipula regoli li jipprevedu eżenzjonijiet mill-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tad-data tal-infurzar effettiv tal-projbizzjoni tal-għalf prevista fl-Artikolu 7(1) jew, kif xieraq għal pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom b'riskju kkontrollat ta' BSE, fir-rigward tad-data tal-infurzar effettiv tal-projbizzjoni ta' proteini ta' ruminanti fl-għalf għar-ruminanti bil-għan li jkunu limitati r-rekwiżiti sabiex jitneħħa u jinqered materjal ta' riskju speċifikat għall-annimali mwielda qabel dik id-data fil-pajjiżi jew fir-reġjuni kkonċernati.";

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li japprova l-proċessi ta' produzzjoni li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali elenkati fl-Anness VI.";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness V, għal ruminanti li sarilhom it-test alternattiv imsemmi fl-Artikolu 8(2) u elenkat fl-Anness X, fejn ir-riżultati tat-test kienu negattivi.";

(6) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jissupplimenta dan ir-Regolament sabiex testendi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għal speċijiet ta' annimali oħrajn.";

(7) fl-Artikolu 16(7), l-ewwel sentenza tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jissupplimenta dan ir-Regolament sabiex testendi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 6 għal prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali.";

(8) fl-Artikolu 20(2), it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jistipula l-metodu sabiex tiġi kkonfermata l-BSE f'annimali ovini u kaprini.";

(9) l-Artikolu 23 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 23
Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23b li jemenda l-Annessi. L-emendi għandu jkollhom l-għan li jadattaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dawk l-Annessi għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, tal-għarfien xjentifiku disponibbli, tal-istandards internazzjonali rilevanti, tal-metodi analitiċi disponibbli għall-kontrolli uffiċjali jew tar-riżultati tal-kontrolli jew l-istudji dwar l-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kriterji li ġejjin:

(i) fejn rilevanti, il-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-EFSA disponibbli;

(ii) il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali fl-Unjoni.";

(10) jitħassar l-Artikolu 23a;

(11) jiddaħħal l-Artikolu 23b li ġej:

"Artikolu 23b
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(1) u (1b), fl-Artikolu 7(3), (4) u (4a), fl-Artikolu 8(1), (2) u (5), fl-Artikolu 9(1) u (3), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 16(7), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 23 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(1) u (1b), fl-Artikolu 7(3), (4) u (4a), fl-Artikolu 8(1), (2) u (5), fl-Artikolu 9(1) u (3), fl-Artikolu 15(3), fl-Artikolu 16(7), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 23 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 6(1) u (1b), l-Artikolu 7(3), (4) u (4a), l-Artikolu 8(1), (2) u (5), l-Artikolu 9(1) u (3), l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 16(7), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(12) fl-Artikolu 24, jitħassar il-paragrafu 3.

142. Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali[147]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2002/32/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dik id-Direttiva sabiex tadattahom għall-progress tekniku u tissupplimenta dik id-Direttiva bi kriterji ta' aċċettabbiltà għall-proċessi ta' detossifikazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta'

147 ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10

atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/32/KE hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 7(2), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Għandha tittieħed deċiżjoni immedjata dwar jekk l-Annessi I u II għandhomx jiġu emendati. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda dawk l-Annessi.

Meta, fil-każ ta' dawn l-emendi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11a għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a li jemenda l-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi.

Meta, fil-każ ta' dawk l-emendi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 10b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni inċiż jiġi sostitwit b'li ġej:

"- għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10a sabiex tiddefinixxi kriterji ta' aċċettabbiltà għall-proċessi ta' detossifikazzjoni kumplimentari għall-kriterji pprovduti għall-prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali li jkunu għaddew minn tali proċessi.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 10a u 10b li ġejjin:

"*Artikolu 10a*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 10b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 10a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 11, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

143. Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel [148]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2002/46/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dik id-Direttiva sabiex tadatta dawk l-Annessi għall-progress tekniku u tissupplimenta dik id-Direttiva fir-rigward tal-kriterji ta' purità għas-sustanzi elenkati fl-Anness II għaliha, kif ukoll l-ammonti minimi ta' vitamini u minerali li għandhom ikunu preżenti fis-supplimenti tal-ikel. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

148 ĠU L 183, 12.7.2002, p.51

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/46/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-iffissar ta' ammonti massimi ta' vitamini u minerali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/46/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a dwar il-kriterji ta' purità għas-sustanzi elenkati fl-Anness II, ħlief meta tali kriterji japplikaw skont il-paragrafu 3.";

(b) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemenda l-listi fl-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku.

Meta, fil-każ tat-tneħħija ta' vitamina jew sustanza minerali mil-listi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 12b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jiffissa l-ammonti minimi ta' vitamini u minerali msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni għandha tiffissa l-ammonti massimi ta' vitamini u minerali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(3) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u (5) u fl-Artikolu 5(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) u (5) u fl-Artikolu 5(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*

tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u (5) u l-Artikolu 5(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1."

(5) fl-Artikolu 13, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

144. d-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-iproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE[149]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2002/98/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa IV għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku u sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva b'ċerti rekwiżiti tekniċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati

149 ĠU L 33, 8.2.2003, p. 30.

Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-punt (i) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 2002/98/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-proċedura għan-notifika ta' avvenimenti u reazzjonijiet avversi serji, kif ukoll il-format tan-notifika. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2002/98/KE hija emendata kif ġej:

(1) wara t-titolu tal-Kapitolu IX, jiddaħħlu l-Artikoli 27a u 27b li ġejjin:

"Artikolu 27a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-ewwel u fit-tielet paragrafi tal-Artikolu 29 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-ewwel u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 27b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jogġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(2) fl-Artikolu 28, jitħassru l-paragrafi 3 u 4;

(3) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a dwar l-emendi għar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Annessi I sa IV bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku.

Meta, fil-każ tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Annessi III u IV, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 27b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(b) fit-tieni paragrafu, jitħassar il-punt (i);

(ċ) it-tielet u r-raba' paragrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi msemmija fit-tieni paragrafu.

Meta, fil-każ tar-rekwiżiti tekniċi msemmija fil-punti (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g) tat-tieni paragrafu, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 27b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(d) jiżdied il-ħames paragrafu li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċedura għan-notifika ta' avvenimenti u reazzjonijiet avversi serji, kif ukoll il-format ta' notifika permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(2).".

145. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[150]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda dak ir-Regolament fir-rigward tan-numru u l-ismijiet tal-Bordijiet Xjentifiċi, kif ukoll sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bil-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Awtorità għat-

150 ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

talbiet għal opinjoni xjentifika, bil-kriterji għall-inklużjoni ta' istitut fuq il-lista ta' organizzazzjonijiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri u bl-arranġamenti sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati tal-kwalità u r-regoli finanzjarji li jirregolaw kwalunkwe appoġġ finanzjarju.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 28(4), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

> "Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57a li jemenda l-ewwel subparagrafu fir-rigward tan-numru u l-ismijiet tal-Bordijiet Xjentifiċi, fid-dawl tal-iżvilupp tekniku u xjentifiku, fuq talba tal-Awtorità";

(2) l-Artikolu 29(6) jiġi sostitwit b'li ġej:

> "6. Sabiex tapplika dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, għandha tadotta:
>
> (a) atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57a dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Awtorità għat-talbiet għal opinjoni xjentifika;
>
> (b) atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-linji gwida li jirregolaw l-evalwazzjoni xjentifika ta' sustanzi, prodotti jew proċessi li huma soġġetti skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew għad-dħul fuq lista pożittiva, b'mod partikolari fejn il-leġiżlazzjoni tal-Komunità tipprevedi jew tawtorizza dossier, li għandu jiġi ppreżentat għal dan il-għan mill-applikant. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2).";

(3) fl-Artikolu 36(3), l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

> "Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 57a li jistabbilixxi l-kriterji għall-inklużjoni ta' istitut fuq il-lista ta' organizzazzjonijiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri, arranġamenti sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti armonizzati ta' kwalità u r-regoli finanzjarji li jirregolaw kwalunkwe appoġġ finanzjarju.";

(4) fil-Kapitolu V, it-titolu tat-Taqsima 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"TAQSIMA 1
DELEGA TAS-SETGĦA, PROĊEDURI TA' IMPLIMENTAZZJONI U PROĊEDURI TA' MEDJAZZJONI";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 57a li ġej wara t-titolu tat-Taqsima 1:

"Artikolu 57a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 28(4), fl-Artikolu 29(6) u fl-Artikolu 36(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 28(4), fl-Artikolu 29(6) u fl-Artikolu 36(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 28(4), l-Artikolu 29(6) u l-Artikolu 36(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5. 2016, p. 1.";

(6) fl-Artikolu 58, jitħassar il-paragrafu 3.

146. Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE[151]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2003/99/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva bil-għan li taġġorna l-listi taż-żoonożi jew tal-aġenti żoonotiċi stabbiliti f'dak l-Anness, sabiex temenda l-Annessi II, III u IV għal dik id-Direttiva u sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva bi programmi ta' monitoraġġ ikkoordinati fir-rigward ta' żoonożi jew aġent żoonotiku wieħed jew aktar. Huwa partikolarment

[151] ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31

importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/99/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a sabiex temenda l-Anness I bil-għan li taġġorna l-listi taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, billi tikkunsidra b'mod partikolari l-kriterji li ġejjin:

(a) l-okkorrenza tagħhom fil-popolazzjoni ta' annimali u umani, ikel u għalf ;

(b) is-severità tal-effetti tagħhom għall-bnedmin ;

(c) il-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom għall-kura tas-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin u għan-negozji tal-għalf u l-ikel ;

(d) ix-xejriet epidemjoloġiċi fil-popolazzjonijiet tal-annimali u tal-bnedmin, tal-ikel u l-għalf.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Jekk id-dejta li tinġabar permezz ta' monitoraġġ ta' rutina f'konformità mal-Artikolu 4 ma tkunx biżżejjed, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jistipula programmi ta' monitoraġġ ikkoordinati fir-rigward ta' żoonożi jew aġent żoonotiku wieħed jew aktar. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati b'mod partikolari meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi u meta jkun meħtieġ li jiġu vvalutati r-riskji jew li jiġu stabbiliti valuri bażi relatati maż-żoonożi jew mal-aġenti żoonotiċi fil-livell tal-Istati Membri jew fil-livell tal-Unjoni.";

(3) fl-Artikolu 11, l-ewwel u t-tieni paragrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a sabiex temenda l-Annessi II, III u IV, billi tikkunsidra b'mod partikolari l-kriterji li ġejjin:

(a) l-okkorrenza taż-żoonożi, tal-aġenti żoonotiċi u tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-popolazzjoni ta' annimali u umani, fl-ikel, fl-għalf u fl-ambjent,

(b) id-disponibbiltà ta' għodod ġodda ta' monitoraġġ u rapportar,

(ċ) il-ħtiġijiet meħtieġa għall-valutazzjoni tax-xejriet fil-livell nazzjonali, Ewropew jew globali.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"Artikolu 11a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) fl-Artikolu 12, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

147. Ir-Regolament (KE) 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament[152]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattah għall-progress tekniku u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi limiti stabbiliti aktar baxxi xierqa għall-preżenza ta' OĠM fl-ikel u fl-għalf, li taħthom ir-rekwiżiti tal-ittikkettar ma japplikawx, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet u billi tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward l-informazzjoni li għandha tingħata minn fornituri tal-ikel bil-massa li jipprovdu ikel lill-konsumatur finali.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[*]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri sabiex l-operaturi jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti, il-miżuri meħtieġa sabiex l-operaturi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittikkettar u r-regoli maħsuba biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni uniformi ta' ċerti dispożizzjonijiet. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jekk tip ta' ikel jaqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).";

(2) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a li jistabbilixxi limiti stabbiliti aktar baxxi xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikel li jkun fih jew li jkun jikkonsisti minn OĠM, jew billi tikkunsidra l-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija.";

(3) l-Artikolu 14 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 14
Is-setgħat delegati u ta' implimentazzjoni

[152] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a sabiex tadotta regoli speċifiċi rigward l-informazzjoni li għandha tingħata minn fornituri tal-ikel bil-massa li jipprovdu ikel lill-konsumatur finali. Sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-fornituri tal-ikel bil-massa, tali regoli jistgħu jipprevedu l-adattament tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13(1)(e).

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) il-miżuri meħtieġa sabiex l-operaturi jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 12(3);

(b) il-miżuri meħtieġa sabiex l-operaturi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittikkettar stabbiliti fl-Artikolu 13;

(ċ) ir-regoli dettaljati sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 13.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).";

(4) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jekk tip ta' għalf jaqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2).";

(5) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a li jistabbilixxi limiti stabbiliti aktar baxxi xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tal-għalf li jkun fih jew li jkun jikkonsisti minn OĠM, jew billi tikkunsidra l-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija.";

(6) l-Artikolu 26 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 26
Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) il-miżuri meħtieġa sabiex l-operaturi jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 24(3);

(b) il-miżuri meħtieġa sabiex l-operaturi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittikkettar stabbiliti fl-Artikolu 25;

(ċ) ir-regoli dettaljati sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 25.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2). "

(7) fl-Artikolu 32, is-sitt paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34a li jemenda l-Anness sabiex tadattah għall-progress tekniku.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu 34a li ġej:

"Artikolu 34a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12(4), fl-Artikolu 14(1a), fl-Artikolu 24(4) u fl-Artikolu 32, is-sitt paragrafu, għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12(4), fl-Artikolu 14(1a), fl-Artikolu 24(4) u fl-Artikolu 32, is-sitt paragrafu, tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12(4), l-Artikolu 14(1a), l-Artikolu 24(4) jew l-Artikolu 32, is-sitt paragrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(9) fl-Artikolu 35, jitħassar il-paragrafu 3;

(10) fl-Artikolu 47, jitħassar il-paragrafu 3.

148. Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE[153]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-

---

153 ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24

assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi lil organiżmi ġenetikament modifikati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 8 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 8*
Identifikaturi uniċi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9*a* li jistabbilixxi u jadatta sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi lil OĠM, billi tikkunsidra l-iżviluppi fil-fora internazzjonali.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 10, jitħassar il-paragrafu 2;

(4) fl-Artikolu 13, jitħassar l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

149. Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali[154]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II, III u IV għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u tissupplimenta dak ir-Regolament b'regoli li jippermettu dispożizzjonijiet simplifikati għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi li kienu awtorizzati għall-użu fl-ikel. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21a li jemenda l-Anness IV sabiex tadatta l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fih għall-progress teknoloġiku jew għall-iżvilupp xjentifiku.";

(2) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21*a* li jemenda l-Anness I sabiex tadatta l-kategoriji tal-addittivi fl-għalf u l-gruppi funzjonali bħala riżultat tal-progress teknoloġiku jew tal-iżvilupp xjentifiku.";

(3) fl-Artikolu 7(5), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21*a* dwar l-istabbiliment ta' regoli li jippermettu dispożizzjonijiet simplifikati għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi li kienu ġew awtorizzati sabiex jintużaw fl-ikel.";

(4) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21*a* li jemenda l-Anness III sabiex tikkunsidra l-progress teknoloġiku u l-iżvilupp xjentifiku.";

(5) fl-Artikolu 21, ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21*a* li jemenda l-Anness II.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

---

154 ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29

"*Artikolu 21a*
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 7(5), fl-Artikolu 16(6) u fl-Artikolu 21 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 7(5), fl-Artikolu 16(6) u fl-Artikolu 21 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 6(3), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 16(6) u l-Artikolu 21 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 22, jitħassar il-paragrafu 3.

150. Ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel[155]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament wara talba lill-Awtorità għal assistenza teknika u/jew xjentifika u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament bi kriterji tal-kwalità għall-metodi analitiċi vvalidati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-

---

155 ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1

Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a dwar il-kriterji tal-kwalità għall-metodi analitiċi vvalidati msemmija fil-punt 4 tal-Anness II, inklużi s-sustanzi li jridu jitkejlu. Dawk l-atti delegati għandhom jikkunsidraw l-evidenza xjentifika disponibbli.";

(2) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Annessi wara talba lill-Awtorità għal assistenza teknika u/jew xjentifika.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 18(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 18(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 18(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(4) fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 3.

151. Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel[156]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, il-metodi speċifiċi ta' kontroll, ir-regoli speċifiċi dwar il-kriterji li jirrigwardjaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni u ċerti responsabbiltajiet u kompiti tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni rigward l-approvazzjoni tal-metodi għall-ittestjar. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness I u fil-popolazzjonijiet tal-annimali elenkati fil-kolonna 2 tal-Anness I, billi tikkunsidra b'mod partikolari:

(a) l-esperjenza miksuba skont il-miżuri nazzjonali eżistenti; u

(b) l-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni jew lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni eżistenti, b'mod partikolari fil-qafas tal-informazzjoni prevista fid-Direttiva 2003/99/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha.";

(b) fil-paragrafu 6, il-punt (a) jiġi sostitwit b'li ġej:

156 ĠU L 325, 12.12.2003, p.1.

"(a) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Anness I għall-finijiet elenkati fil-punt (b), wara li tikkunsidra b'mod partikolari l-kriterji elenkati fil-punt (ċ).";

(ċ) il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Anness III sabiex iżżid kriterji li jiddeterminaw liema serotipi tas-Salmonella għandhom sinifikat għas-saħħa pubblika.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Anness II sabiex tadatta r-rekwiżiti u r-regoli minimi tal-kampjunar stipulati fih, wara li tikkunsidra b'mod partikolari l-kriterji elenkati fil-punt (ċ) tal-Artikolu 4(6).";

(3) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar:

(a) metodi speċifiċi ta' kontroll li jistgħu jew għandhom jiġu applikati għat-tnaqqis tal-prevalenza taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi fl-istadju tal-produzzjoni primarja tal-annimali u fi stadji oħrajn fil-katina alimentari;

(b) regoli li jistgħu jiġu adottati fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-metodi msemmija fil-punt (a);

(ċ) regoli dettaljati li jistgħu jiġu adottati fir-rigward tad-dokumenti u l-proċeduri meħtieġa, kif ukoll rekwiżiti minimi għall-metodi msemmija fil-punt (a); u

(d) ċerti metodi speċifiċi ta' kontroll li ma għandhomx jintużaw bħala parti mill-programmi ta' kontroll.";

(4) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(6), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jistabbilixxi r-regoli dwar l-iffissar mill-Istati Membri tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(5) u fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(5) fl-Artikolu 10(5), it-tieni u t-tielet sentenzi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"L-awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata f'konformità mal-istess proċedura u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(6), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar tali kriterji.";

(6) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jistipula r-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u dawk tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali.";

(b) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jistipula ċerti responsabbiltajiet u kompiti tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u dawk tal-laboratorji rilevanti fl-Istati Membri nnominati skont l-Artikolu 12(1)(a).";

Fl-Artikolu 12(3), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' tapprova, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, metodi oħrajn għall-ittestjar imsemmija fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).";

(8) fl-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-elementi li jikkonċernaw iċ-ċertifikati tas-saħħa rilevanti.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1), (6) u (7), fl-Artikolu 5(6), fl-Artikolu 8(1), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 10(5), fl-Artikolu 11(2) u (4) u fl-Artikolu 13 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 3(1), (6) u (7), fl-Artikolu 5(6), fl-Artikolu 8(1), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 10(5), 11(2) u (4) u fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1), (6) u (7), l-Artikolu 5(6), l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 10(5), l-Artikolu 11(2) u (4) u l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(9) fl-Artikolu 14, jitħassar il-paragrafu 3.

152. Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, il-ksib, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, il-ħażna u t-tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem[157]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2004/23/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva b'rekwiżiti ta' traċċabilità għat-tessuti u ċ-ċelloli, kif ukoll għal prodotti u materjali li jiġu f'kuntatt ma' dawk it-tessuti u ċ-ċelloli u li jħallu effett fuq il-kwalità tagħhom, u sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva b'ċerti rekwiżiti tekniċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/23/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi proċeduri għall-iżgurar tat-traċċabilità u għall-verifika tal-istandards ekwivalenti ta' kwalità u sikurezza tat-tessuti u ċ-ċelloli importati. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/23/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, il-paragrafi 5 u 6 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28a sabiex tistabbilixxi rekwiżiti ta' traċċabilità għat-tessuti u ċ-ċelloli, kif

157 ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.

ukoll għal prodotti u materjali li jiġu f'kuntatt ma' dawk it-tessuti u ċ-ċelloli u li jħallu effett fuq il-kwalità u s-sikurezza tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri għall-iżgurar tat-traċċabbiltà fil-livell tal-Unjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 29(2).";

(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri għall-verifika tal-istandards ekwivalenti ta' kwalità u sikurezza f'konformità mal-paragrafu 1 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 29(2).";

(3) fl-Artikolu 28, it-tieni u t-tielet paragrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28a fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi msemmija fil-punti (a) sa (i) tal-ewwel paragrafu.

Meta, fil-każ tar-rekwiżiti tekniċi msemmija fil-punti (d) u (e) tal-ewwel paragrafu, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 28b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 28a u 28b li ġejjin:

"Artikolu 28a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(5) u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 28 għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(5) u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 28 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(5) u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 28 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew

mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 28b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) fl-Artikolu 29, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

153. Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel[158]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward ta' miżuri speċifiċi ta' iġjene, rekwiżiti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti fin-negozju tal-ikel, dispożizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament għal oġġetti tal-ikel speċifiċi bil-għan li tindirizza r-riskji speċifiċi jew il-perikli emerġenti b'rabta mas-saħħa pubblika u fir-rigward tad-derogi mill-Annessi għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jadotta l-miżuri ta' iġjene speċifiċi msemmija fil-paragrafu 3, b'mod partikolari dwar:

158 ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1

(a) id-determinazzjoni tal-kriterji mikrobijoloġiċi u l-metodi ta' analiżi u kampjunar assoċjati;

(b) l-introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kontroll tat-temperatura u l-manutenzjoni tal-katina tal-kesħa; u

(ċ) l-iffissar ta' miri mikrobijoloġiċi speċifiċi.";

(2) fl-Artikolu 6(3), il-punt (ċ) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ċ) permezz ta' att delegat li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta f'konformità mal-Artikolu 13a."

(3) l-Artikolu 12 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Artikolu 12

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal oġġetti tal-ikel speċifiċi sabiex tindirizza r-riskji speċifiċi jew il-perikli emerġenti b'rabta mas-saħħa pubblika.";

(4) fl-Artikolu 13, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Annessi I u II. L-emendi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw u jiffaċilitaw il-kisba tal-objettivi tar-Regolament, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi ta' riskju rilevanti, u għandhom jiġu ġustifikati abbażi ta':

(a) l-esperjenza miksuba mill-operaturi fin-negozju tal-ikel u/jew mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi bbażati fuq l-HACCP u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5;

(b) l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar l-eżitu tal-verifiki tagħha;

(ċ) l-iżviluppi teknoloġiċi u l-konsegwenzi prattiċi tagħhom u l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-ikel;

(d) pariri xjentifiċi ġodda, b'mod partikolari valutazzjonijiet tar-riskji ġodda;

(e) il-kriterji mikrobijoloġiċi u tat-temperatura għall-oġġetti tal-ikel.

L-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonċernaw:

(a) id-dispożizzjonijiet dwar l-iġjene għall-produzzjoni primarja u l-operazzjonijiet assoċjati;

(b) ir-rekwiżiti għall-istabbilimenti u t-tagħmir tal-ikel;

(ċ) id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-oġġetti tal-ikel, inkluż it-trasport, it-tqartis u l-imballaġġ;

(d) it-trattament bis-sħana tal-oġġetti tal-ikel;

(e) l-immaniġġjar tal-iskart tal-ikel;

(f) ir-rekwiżiti għall-provvista tal-ilma;

(g) l-iġjene u t-taħriġ tal-persuni li jaħdmu fiż-żoni tal-immaniġġjar tal-ikel.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jagħti derogi mill-Annessi I u II, wara li tikkunsidra l-fatturi ta' riskji rilevanti u sakemm tali derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi li ġejjin ta' dan ir-Regolament:

(a) li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 għan-negozji żgħar;

(b) għall-istabbilimenti li jipproduċu, jimmaniġġjaw jew jipproċessaw materja prima li hija maħsuba għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel raffinati ħafna li jkunu għaddew minn trattament sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tagħhom.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 6(3)(ċ), fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 13(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 6(3)(ċ), fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 13(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6; Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 6(3)(ċ), l-Artikolu 12 u l-Artikolu 13(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) fl-Artikolu 14, jitħassar il-paragrafu 3.

154. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali[159]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi II u III għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward tal-użu ta' sustanzi oħrajn minbarra l-ilma tajjeb għax-xorb sabiex titneħħa l-kontaminazzjoni superfiċjali mill-prodotti li joriġinaw mill-annimali, fir-rigward tal-emendi tal-garanziji speċjali li jirrigwardjaw it-tqegħid ta' ċertu ikel li joriġina mill-annimali fis-suq fl-Isvezja jew fil-Finlandja u fir-rigward tad-derogi mill-Annessi II u III għal dak ir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. L-operaturi fin-negozju tal-ikel ma għandhom jużaw l-ebda sustanza oħra ħlief l-ilma tajjeb għax-xorb – jew, meta r-Regolament (KE) Nru 852/2004 jew dan ir-Regolament jippermetti l-użu tiegħu, l-ilma nadif – sabiex titneħħa l-kontaminazzjoni superfiċjali minn prodotti li joriġinaw mill-annimali, sakemm l-użu tas-sustanza ma jkunx ġie approvat mill-Kummissjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a. L-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jikkonformaw ukoll ma kwalunkwe kundizzjoni għall-użu li tista' tiġi adottata bl-istess proċedura. L-użu ta' sustanza approvata ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-operatur fin-negozju tal-ikel li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.";

(2) fl-Artikolu 8(3), il-punt (a) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(a) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a [li jemenda l-paragrafi 1 u 2 sabiex jiġu aġġornati r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi], billi tikkunsidra l-bidliet fil-programmi ta' kontroll tal-Istati Membri jew l-adozzjoni ta' kriterji mikrobijoloġiċi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 852/2004.";

(3) jitħassar l-Artikolu 9;

(4) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jemenda l-Annessi II u III. L-emendi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw u jiffaċilitaw il-kisba tal-objettivi tar-Regolament, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi ta' riskju rilevanti, u għandhom jiġu ġustifikati abbażi ta':

[159] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55

(a) l-esperjenza miksuba mill-operaturi fin-negozju tal-ikel u/jew mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi bbażati fuq l-HACCP skont l-Artikolu 5;

(b) l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar l-eżitu tal-verifiki tagħha;

(ċ) l-iżviluppi teknoloġiċi u l-konsegwenzi prattiċi tagħhom u l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-ikel;

(d) il-pariri xjentifiċi, b'mod partikolari valutazzjonijiet tar-riskji ġodda;

(e) il-kriterji mikrobijoloġiċi u tat-temperatura għall-oġġetti tal-ikel;

(f) il-bidliet fix-xejriet tal-konsum.

L-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonċernaw:

(a) ir-rekwiżiti dwar l-immarkar ta' identifikazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali;

(b) l-objettivi tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP;

(ċ) ir-rekwiżiti fuq l-informazzjoni dwar il-katina alimentari;

(d) ir-rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-postijiet ta' negozju, inklużi l-mezzi tat-trasport, fejn il-prodotti li joriġinaw mill-annimali jiġu manifatturati, immaniġġjati, ipproċessati, maħżuna jew distribwiti;

(e) ir-rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-operazzjonijiet li jinvolvu l-produzzjoni, l-immaniġġjar, l-ipproċessar, il-ħażna, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali;

(f) ir-regoli għat-trasport tal-laħam waqt li jkun għadu sħun;

(g) l-istandards jew il-kontrolli tas-saħħa, fejn ikun hemm evidenza xjentifika li tindika li dawn huma meħtieġa sabiex titħares is-saħħa pubblika;

(h) l-estensjoni tal-Anness III, it-Taqsima VII, il-Kapitolu IX għall-molluski bivalvi ħajjin minbarra l-pectinidae;

(i) il-kriterji sabiex jiġi ddeterminat meta d-dejta epidemjoloġika tindika li post għas-sajd ma jippreżenta ebda periklu għas-saħħa fir-rigward tal-preżenza ta' parassiti u, konsegwentement, sabiex jiġi ddeterminat meta l-awtorità kompetenti tkun tista' tawtorizza lill-operaturi fin-negozju tal-ikel sabiex ma jiffriżawx prodotti tas-sajd f'konformità mal-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu III, il-Parti D;

(j) l-istandards tas-saħħa addizzjonali għall-molluski bivalvi ħajjin b'kooperazzjoni mal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni rilevanti, inklużi:

(i) valuri ta' limitu u metodi analitiċi għal bijotossini tal-baħar oħrajn;

(ii) proċeduri għall-ittestjar ta' vajrus u standards virologiċi;

u

(iii) pjanijiet għall-ġbir tal-kampjuni u l-metodi u t-tolleranzi analitiċi li għandhom jiġu applikati sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mal-istandards tas-saħħa;

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11a li jagħti derogi mill-Annessi II u III, wara li tikkunsidra l-fatturi ta' riskji rilevanti u sakemm tali derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi li ġejjin ta' dan ir-Regolament:

(a) li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom minn negozji żgħar;

(b) li jkun permess l-użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali fi kwalunkwe wieħed mill-istadji tal-produzzjoni, l-ipproċessar jew id-distribuzzjoni tal-ikel;

(ċ) li jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tan-negozji tal-ikel li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal limitazzjonijiet geografiċi speċjali;

(b) għall-istabbilimenti li jipproduċu materja prima li hija maħsuba għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel raffinati ħafna li jkunu għaddew minn trattament sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tagħhom.";

(5) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 9 u tal-Artikolu 10(1), il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-miżuri li ġejjin permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).";

(b) jitħassru l-paragrafi 1, 5, 6, 7 u 8.

(6) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 8(3)(a) u fl-Artikolu 10(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 8(3)(a) u fl-Artikolu 10(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 8(3)(a) u l-Artikolu 10(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(7) fl-Artikolu 12, jitħassar il-paragrafu 3.

155. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman[160]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II, III, IV, V u VI għal dak ir-Regolament u tissupplimenta dak ir-Regolament billi tagħti deroga għal dawk l-Annessi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassar l-Artikolu 16;

(2) fl-Artikolu 17, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jemenda l-Annessi I, II, III, IV, V u VI. L-emendi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw u jiffaċilitaw il-kisba tal-objettivi tar-Regolament, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatturi ta' riskju rilevanti, u għandhom jiġu ġustifikati abbażi ta':

(a) l-esperjenza miksuba mill-operaturi fin-negozju tal-ikel u/jew mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi bbażati fuq l-HACCP skont l-Artikolu 5;

(b) l-iżviluppi teknoloġiċi u l-konsegwenzi prattiċi tagħhom u l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-ikel;

(i) il-pariri xjentifiċi, b'mod partikolari valutazzjonijiet tar-riskji ġodda;

(ii) il-bidliet fix-xejriet tal-konsum.

L-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonċernaw:

160 ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206

(a) il-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti;

(b) l-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali, b'mod partikolari l-frekwenza tagħhom u d-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet;

(ċ) l-involviment tal-persunal tal-biċċerija fil-kontrolli uffiċjali;

(d) l-azzjonijiet wara l-kontrolli;

(e) ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ispezzjoni tal-laħam;

(f) ir-rekwiżiti dwar perikli speċifiċi;

(g) ir-rekwiżiti speċifiċi ta' elenkar għall-istabbilimenti f'pajjiżi terzi;

(h) il-kriterji sabiex jiġi ddeterminat meta, abbażi ta' analiżi tar-riskji, ma tkunx meħtieġa l-preżenza tal-veterinarju uffiċjali fil-biċċeriji u fl-istabbilimenti għat-trattament tal-annimali tal-kaċċa matul spezzjoni qabel il-qatla u wara l-qatla;

(i) iċ-ċirkostanzi li fihom uħud mill-proċeduri speċifiċi ta' spezzjoni wara l-qatla deskritti fl-Anness I, it-Taqsima IV ma jkunux meħtieġa, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-azjenda, ir-reġjun jew il-pajjiż ta' oriġini, kif ukoll il-prinċipji tal-analiżi tar-riskji;

(j) ir-regoli li jikkonċernaw il-kontenut tat-testijiet għall-veterinarji uffiċjali u għall-awżiljarji uffiċjali;

(k) ir-regoli għall-ittestjar fil-laboratorju;

(l) il-limiti analitiċi għall-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd meħtieġa skont l-Anness III, inkluż fir-rigward tal-parassiti u l-kontaminanti ambjentali;

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18a li jagħti derogi mill-Annessi I, II, III, IV, V u VI, wara li tikkunsidra l-fatturi ta' riskju rilevanti, sakemm tali derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi li ġejjin ta' dan ir-Regolament:

(i) li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Annessi f'negozji żgħar;

(ii) li jkun permess l-użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali fi kwalunkwe wieħed mill-istadji tal-produzzjoni, l-ipproċessar jew id-distribuzzjoni tal-ikel;

(iii) li jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tan-negozji tal-ikel li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal limitazzjonijiet ġeografiċi speċjali.";

(3) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 16 u tal-Artikolu 17(1), il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-miżuri li ġejjin permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2)";

(b) jitħassru l-paragrafi 3, 4, 7, 8 u 15.

(4) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"Artikolu 18a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(1) u (2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) Fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 3.

156. Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf[161]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 183/2005, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddefinixxi l-kriterji u l-miri mikrobijoloġiċi speċifiċi, billi tapprova l-istabbilimenti fin-negozju tal-għalf u billi tagħti derogi mill-Annessi I, II u III għal dak ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-

161 ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5(3), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30a li jiddefinixxi l-kriterji u l-miri msemmija fil-punti (a) u (b).";

(2) fl-Artikolu 10, il-punt (3) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(3) hija meħtieġa approvazzjoni minn Regolament Delegat li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta f'konformità mal-Artikolu 30a.";

(3) fl-Artikolu 27, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30a sabiex temenda l-Annessi I, II u III.";

(4) l-Artikolu 28 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 28*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30a li jagħti derogi mill-Annessi I, II u III għal raġunijiet partikolari, sakemm tali derogi ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. ";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 30a li ġej:

"Artikolu 30a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 27 u fl-Artikolu 28 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 27 u fl-Artikolu 28 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-

Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) fl-Artikolu 31, jitħassar il-paragrafu 3.

157. Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004[162]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament:

- billi tispeċifika aktar ir-raġunijiet għall-għoti ta' diferimenti tal-bidu jew tat-tlestija ta' ċerti miżuri u
- b'dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw l-impożizzjoni ta' penali finanzjarji.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jiddefinixxi aktar ir-raġunijiet għall-għoti ta' diferiment abbażi tal-esperjenza miksuba bħala riżultat tat-tħaddim tal-paragrafu 1.";

(2) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tista' timponi penali finanzjarji fil-forma ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-prodotti mediċinali awtorizzati permezz tal-proċedura stipulata fir-Regolament (KE) Nru 726/2004.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50a li jistipula:

162 ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1.

(a) lista ta' obbligi skont dan ir-Regolament, li l-ksur tagħhom jista' jkun soġġett għal penali finanzjarji;

(b) il-proċeduri għall-eżerċitar tas-setgħat sabiex jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi regoli dwar il-bidu tal-proċedura, il-miżuri ta' inkjesta, id-drittijiet tad-difiża, l-aċċess għall-fajls, ir-rappreżentanza legali u l-kunfidenzjalità;

(c) ir-regoli dwar it-tul ta' żmien tal-proċedura u l-perjodi ta' limitazzjoni;

(d) l-elementi li jridu jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni meta tiffissa l-livell ta' multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali, l-ammonti massimi tagħhom, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-metodu għall-ġbir tagħhom.

Għat-twettiq tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għandha tiddependi fuq riżorsi pprovduti mill-Aġenzija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni mingħajr limiti sabiex teżamina d-deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun imponiet penali finanzjarji. Hija tista' tikkanċella, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta jew il-ħlas perjodiku ta' penali impost.";

(3) it-titolu tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"Taqsima 2
Eżerċitar tad-delega";

(4) wara t-titolu tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1, jiddaħħal l-Artikolu 50a li ġej:

"Artikolu 50a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 49(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 49(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 49(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(5) Jitħassar l-Artikolu 51.

158. Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel[163]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattah għall-progress tekniku u tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward ta':

- l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-oġġetti tal-ikel mhux ippakkjati minn qabel għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew lill-fornituri tal-ikel bil-massa u għall-oġġetti tal-ikel ippakkjati fil-punt tal-bejgħ fuq talba tax-xerrej jew ippakkjati minn qabel bil-ħsieb tal-bejgħ immedjat;
- derogi mill-proċeduri ta' awtorizzazzjoni marbuta mal-użu ta' trademarks, ismijiet kummerċjali jew ismijiet maħluqa apposta;
- derogi li jikkonċernaw każijiet ta' nutrijenti li għalihom ma jistgħux jiġu pprovduti kwantitajiet suffiċjenti permezz ta' dieta varjata u bilanċjata;
- kompożizzjonijiet nutrizzjonali speċifiċi, li l-ikel jew ċerti kategoriji ta' ikel għandhom jikkonformaw magħhom sabiex ikollhom fuqhom indikazzjonijiet dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni;
- miżuri li jiddeterminaw l-ikel jew kategoriji tal-ikel li għalihom l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni għandhom ikunu ristretti jew ipprojbiti.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard u għall-iżvilupp u

163 ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9

s-saħħa tat-tfal u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom, kwalunkwe bidliet jew kwalunkwe żidiet ma' dik il-lista, u fir-rigward tad-deċiżjonijiet finali dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet ta' indikazzjonijiet. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Fil-każ ta' oġġetti tal-ikel mhux ippakkjati minn qabel (inklużi prodotti friski bħal frott, ħxejjex jew ħobż) li jitpoġġew għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew lill-fornituri tal-ikel bil-massa u oġġetti tal-ikel ippakkjati fil-punt tal-bejgħ fuq talba tax-xerrej jew ippakkjati minn qabel bil-ħsieb tal-bejgħ immedjat, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(2)(a) u (b) ma għandhomx japplikaw. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-informazzjoni tal-ittikkettar għal dawk l-oġġetti tal-ikel mhux ippakkjati minn qabel. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu japplikaw sakemm eventwalment jiġu adottati dawk l-atti delegati.";

(b) il-paragrafu (4) jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Għad-deskritturi ġeneriċi (denominazzjonijiet) li tradizzjonalment kienu jintużaw sabiex jindikaw partikolarità ta' klassi ta' ikel jew xarbiet li tista' timplika effett fuq is-saħħa tal-bniedem, l-operaturi fin-negozju tal-ikel ikkonċernati jistgħu japplikaw għal deroga mill-paragrafu 3. L-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru, li minnaħa tagħha għandha tibgħatha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tippubblika r-regoli għall-operaturi fin-negozju tal-ikel, li abbażi tagħhom għandhom isiru dawn l-applikazzjonijiet, sabiex b'hekk ikun żgurat li l-applikazzjoni tiġi ttrattata b'mod trasparenti u fi żmien raġonevoli. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar derogi mill-paragrafu 3.";

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu, il-punt (d) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(d) jiddikjara, jissuġġerixxi jew jimplika li dieta bilanċjata u varjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta' nutrijenti b'mod ġenerali;";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jidderoga mill-punt (d) tat-tieni subparagrafu ta' dan l-Artikolu fil-każ tan-nutrijenti li għalihom ma jistgħux jiġu pprovduti kwantitajiet suffiċjenti minn dieta varjata u bilanċjata; l-atti delegati għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-derogi, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet speċjali preżenti fl-Istati Membri.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a sad-19 ta' Jannar 2009 billi tistabbilixxi kompożizzjonijiet nutrizzjonali speċifiċi, inklużi eżenzjonijiet, li l-ikel jew ċerti kategoriji ta' ikel għandhom jikkonformaw magħhom sabiex ikollhom fuqhom indikazzjonijiet dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni għall-ikel jew għal kategoriji ta' ikel fir-rigward tal-kompożizzjonijiet nutrizzjonali.";

(ii) is-sitt subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-aġġornament tal-kompożizzjonijiet nutrizzjonali u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi xjentifiċi rilevanti. Għal dan il-għan, għandhom jiġu kkonsultati l-partijiet interessati, b'mod partikolari l-operaturi fin-negozju tal-ikel u l-gruppi ta' konsumaturi.";

(b) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar il-miżuri li jiddeterminaw l-ikel jew il-kategoriji ta' ikel minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li għalihom l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni għandhom ikunu ristretti jew ipprojbiti fid-dawl tal-evidenza xjentifika.";

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a li jemenda l-Anness, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, fejn ikun xieraq. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lill-partijiet interessati, b'mod partikolari l-operaturi fin-negozju tal-ikel u l-gruppi ta' konsumaturi, sabiex tkun tista' tevalwa l-perċezzjoni u l-fehim tal-indikazzjonijiet inkwistjoni.";

(5) fl-Artikolu 13, il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"3. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, tadotta lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet permessi msemmija fil-paragrafu 1 u l-kundizzjonijiet meħtieġa kollha għall-użu ta' dawk l-indikazzjonijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010 permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

4. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Awtorità, fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni jew wara talba minn Stat Membru, tadotta kwalunkwe bidliet fil-lista msemmija fil-paragrafu 3, abbażi ta' evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

(6) l-Artikolu 17(3) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

(b) fit-tieni subparagrafu, il-punt (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(b) qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' ħames snin, jekk l-indikazzjoni xorta tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għall-użu permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

(7) l-Artikolu 18(5) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Meta l-Awtorità toħroġ opinjoni li ma tkunx tappoġġja l-inklużjoni tal-indikazzjoni fil-lista msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

(b) fit-tieni subparagrafu, il-punt (b) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(b) qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' ħames snin, jekk l-indikazzjoni xorta tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni tal-użu permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

(8) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

"Artikolu 24a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(2) u (4), fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 4(1) u (5) u fl-Artikolu 8(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(2) u (4), fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 4(1) u (5) u fl-Artikolu 8(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati

fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2) u (4), l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1) u (5) u l-Artikolu 8(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(9) fl-Artikolu 25, jitħassar il-paragrafu 3;

(10) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, jitħassar il-punt (b);

(b) fil-paragrafu 6(a), il-punt (ii) jiġi sostitwit b'li ġej:

"(ii) wara li tikkonsulta mal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni rigward l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati b'dan il-mod. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).";

159. Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel[164]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I u II għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku u sabiex temenda l-Anness III għal dak ir-Regolament bil-għan li tippermetti l-użu ta' vitamini, minerali u ta' ċerti sustanzi oħrajn ipprojbiti, ristretti jew taħt skrutinju tal-Unjoni, kif ukoll sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddetermina l-ikel jew il-kategoriji ta' ikel addizzjonali li magħhom ma jistgħux jiżdiedu vitamini u minerali, billi tiddetermina l-kriterji ta' purità għall-formulazzjonijiet ta' vitamini u sustanzi minerali u billi tiddetermina l-ammont minimu permezz ta' deroga mill-ammont sinifikanti għall-preżenza ta' vitamina jew sustanza minerali fl-ikel. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess

164 ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26

ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ammonti tal-vitamini jew tal-minerali miżjuda mal-ikel u fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jirrestringu jew jipprojbixxu ż-żieda ta' vitamina jew sustanza minerali speċifika. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-listi fl-Annessi I u II sabiex tadattahom għall-progress tekniku.

Meta, fil-każ tat-tneħħija ta' vitamina jew sustanza minerali mil-listi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

Qabel ma tagħmel dawn l-emendi, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, b'mod partikolari mal-operaturi fin-negozju tal-ikel u ma' gruppi ta' konsumaturi.";

(2) fl-Artikolu 4, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri li jiddeterminaw l-ikel jew il-kategoriji ta' ikel addizzjonali li magħhom ma jistgħux jiżdiedu vitamini u minerali fid-dawl tal-evidenza xjentifika u wara li jiġi kkunsidrat il-valur nutrizzjonali tagħhom.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri li jiddeterminaw il-kriterji ta' purità għall-formulazzjonijiet ta' vitamini u s-sustanzi minerali elenkati fl-Anness II, ħlief meta l-kriterji ta' purità japplikaw skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(4) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"1. Meta tiżdied vitamina jew sustanza minerali mal-ikel, l-ammont totali tal-vitamina jew tas-sustanza minerali preżenti fl-ikel kif mibjugħ, ikun xi jkun l-iskop, ma għandux jaqbeż l-ammonti massimi. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dawk l-ammonti permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2). Il-Kummissjoni tista', għal dan il-għan, tissottometti abbozz ta' miżuri għall-ammonti massimi sad-19 ta' Jannar 2009. Għall-prodotti kkonċentrati u deidratati, l-ammonti

massimi stabbiliti għandhom ikunu dawk preżenti fl-ikel meta mħejji għall-konsum skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi kwalunkwe kundizzjonijiet li jirrestringu jew jipprojbixxu ż-żieda ta' vitamina jew sustanza minerali speċifika ma' ikel jew kategorija ta' ikel permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).";

(b) il-paragrafu (6) jiġi sostitwit b'li ġej:

"6. Iż-żieda ta' vitamina jew sustanza minerali ma' oġġett tal-ikel għandha tirriżulta fil-preżenza ta' dik il-vitamina jew is-sustanza minerali fl-ikel mill-anqas f'ammont sinifikanti fejn dan huwa definit skont il-punt 2 tal-Parti A tal-Anness XIII għar-Regolament (UE) Nru 1169/2011. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri li jiddeterminaw l-ammonti minimi ta' vitamini jew minerali fl-ikel, inklużi kwalunkwe ammonti aktar baxxi permezz ta' deroga mill-ammonti sinifikanti, għal ikel jew kategoriji ta' ikel speċifiċi.";

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. L-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-ikel li magħhom żdiedu vitamini u minerali ma għandhom jinkludu ebda referenza li tiddikjara jew timplika li dieta varjata u bilanċjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta' nutrijenti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jidderoga minn din ir-regola fir-rigward ta' nutrijent speċifiku.";

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Fuq inizjattiva proprja tagħha jew abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a sabiex temenda l-Anness III bil-għan li tinkludi s-sustanza jew l-ingredjent imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Tali att delegat għandu jsegwi, f'kull każ, valutazzjoni tal-informazzjoni disponibbli mill-Awtorità u għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk ikun ġie identifikat effett dannuż għas-saħħa, is-sustanza u/jew l-ingredjent li fih is-sustanza għandhom:

(i) jitqiegħdu fil-Parti A tal-Anness III u ż-żieda tagħhom mal-ikel jew l-użu tagħhom fil-manifattura tal-ikel għandhom ikunu pprojbiti; jew inkella

(ii) jitqiegħdu fil-Parti B tal-Anness III u ż-żieda tagħhom mal-ikel jew l-użu tagħhom fil-manifattura tal-ikel għandhom ikunu permessi biss taħt il-kundizzjonijiet speċifikati hemm;

(b) jekk tiġi identifikata l-possibbiltà ta' effetti dannużi għas-saħħa, iżda tippersisti inċertezza xjentifika, is-sustanza għandha titqiegħed fil-Parti Ċ tal-Anness III.

Meta, fil-każ ta' inklużjoni tas-sustanza jew tal-ingredjent fil-Parti A jew B tal-Anness III, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(b) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Fi żmien erba' snin mid-data li fiha sustanza tkun ġiet elenkata fil-Parti Ċ tal-Anness III u wara li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Awtorità dwar kwalunkwe fajl sottomess għal evalwazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda l-Anness III sabiex tippermetti l-użu ta' sustanza elenkata fil-Parti Ċ tal-Anness III jew sabiex telenkaha fil-Parti A jew B tal-Anness III, kif xieraq.

Meta, fil-każ ta' inklużjoni tas-sustanza jew tal-ingredjent fil-Parti A jew B tal-Anness III, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(7) jiddaħħlu l-Artikoli 13a u 13b li ġejjin:

"Artikolu 13a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4, fl-Artikolu 5(1), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 8(2) u (5) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4, fl-Artikolu 5(1), fl-Artikolu 6(6), fl-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 8(2) u (5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(2) u (5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn

li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) fl-Artikolu 14, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

160. Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004[165]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 24 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 24*
Emendi tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, wara li tikkonsulta mal-Aġenzija.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

165 ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121.

"Artikolu 25a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 24 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 24 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 26, jitħassar il-paragrafu 3.

161. Direttiva 2009/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel[166]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2009/32/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Anness I għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattah għall-progress tekniku u sabiex tissupplimenta dik id-Direttiva fir-rigward tal-metodi ta' analiżi meħtieġa bil-għan li tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ta' purità u mal-proċedura għat-teħid tal-kampjuni, kif ukoll fir-rigward tal-metodi ta' analiżi tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I għal dik id-

---

166 ĠU L 141, 6.6.2009, p. 3

Direttiva u l-limiti massimi permessi ta' merkurju u kadmju f'dawk is-solventi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/32/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a dwar l-emendar tal-Anness I fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-użu tas-solventi, il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom u l-limiti massimi ta' residwi.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5*a* li jistabbilixxi

(a) il-metodi ta' analiżi meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ġenerali u speċifiċi ta' purità previsti fl-Artikolu 3;

(b) il-proċedura għat-teħid tal-kampjuni u l-metodi għall-analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I u użati fl-oġġetti tal-ikel jew fl-ingredjenti tal-ikel;

(ċ) jekk ikunu meħtieġa, il-kriterji speċifiċi tal-purità tas-solventi tal-estrazzjoni elenkati fl-Anness I u, b'mod partikolari, il-limiti massimi permessi ta' merkurju u kadmju fis-solventi tal-estrazzjoni.

3. Meta, sabiex titħares is-saħħa tal-bniedem, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 5b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 u skont il-punt (ċ) tal-paragrafu 2.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5*a* dwar l-emendi għal din id-Direttiva li huma meqjusa bħala meħtieġa sabiex jissolvew id-diffikultajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

Kwalunkwe Stat Membru li jkun adotta miżuri ta' salvagwardja jista' f'dak il-każ iżommhom sakemm l-emendi jidħlu fis-seħħ fit-territorju tiegħu.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 5(3) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 5(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 5b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123.12.2016, p. 1.";

(3) fl-Artikolu 6, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

162. Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament[167]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2009/41/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-annessi għal dik id-Direttiva bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u telenka t-tipi

167 ĠU L 125, 21.5.2009, p.75.

ta' GMMs li għalihom id-Direttiva ma tapplikax jekk is-sikurezza tagħhom tkun stabbilita f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dik id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/41/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 19 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 19*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19a li jemenda:

(a) l-Annessi II, III, IV u V sabiex tadattahom għall-progress tekniku;

(b) il-Parti Ċ tal-Anness II sabiex tistabbilixxi u taġġorna l-lista ta' tipi ta' GMMs imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1).";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"Artikolu 19a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li

huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p.1.";

(3) fl-Artikolu 20, jitħassar il-paragrafu 2;

(4) fl-Anness II, Parti B, il-punt (1) jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Introduzzjoni

It-tipi ta' GMMs elenkati fil-Parti Ċ skont l-Artikolu 19 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-GMMs jiżdiedu mal-lista fuq il-bażi ta' każ b'każ u l-esklużjoni tkun relatata biss ma' kull wieħed mill-GMMs identifikati b'mod ċar. Din l-esklużjoni tapplika biss meta l-GMM jintuża taħt kundizzjonijiet ta' użu konfinat. Hija ma tapplikax għar-rilaxx intenzjonat tal-GMMs. Sabiex GMM jiġi elenkat fil-Parti Ċ, irid jiġi pprovat li huwa jissodisfa l-kriterji mogħtija hawn taħt.";

(5) il-Parti Ċ tal-Anness II tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Parti Ċ

Tipi ta' GMMs li jissodisfaw il-kriterji elenkati fil-Parti B:

… (trid timtela skont l-Artikolu 19)."

163. Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali[168]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva 2009/54/KE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat bil-għan li temenda dik id-Direttiva sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tissupplimenta dik id-Direttiva fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

- limiti għall-konċentrazzjonijiet tal-kostitwenti tal-ilma minerali naturali;
- kull dispożizzjoni meħtieġa għall-indikazzjoni fuq l-ittikkettar ta' livelli għoljin ta' ċerti kostitwenti;
- il-kundizzjonijiet tal-użu ta' arja arrikkita bl-ożonu għat-trattament tal-ilma minerali naturali u informazzjoni dwar it-trattamenti tal-ilma minerali naturali;
- il-metodi ta' analiżi sabiex jiġi ddeterminat in-nuqqas ta' tniġġis tal-ilma minerali naturali;
- il-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi meħtieġa sabiex jiġu vverifikati l-karatteristiċi mikrobijoloġiċi tal-ilma minerali naturali.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-

168 ĠU L 164, 26.6.2009, p.45

esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/54/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri msemmija fil-punti (b)(i) u (ċ)(i) tal-ewwel subparagrafu.";

(2) fl-Artikolu 9(4), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu.";

(3) fl-Artikolu 11(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 13a li jemenda din id-Direttiva sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(4) fl-Artikolu 12, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13a dwar il-miżuri msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel paragrafu.";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli 13a u 13b li ġejjin:

"Artikolu 13a

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(1), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 11(4) u fl-Artikolu 12 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(1), fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 11(4) u fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13b

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5. 2016, p. 1.".

(6) jitħassar l-Artikolu 14.

164. Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi[169]

Sabiex jiġi stabbilit qafas għal azzjoni tal-Unjoni bil-għan li jinkiseb l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi I sa IV għad-Direttiva 2009/128/KE bil-għan li jiġi kkunsidrat il-progress tekniku u xjentifiku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/128/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Anness I sabiex tieħu kont tal-progress tekniku u xjentifiku.";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 7 jiġi sostitwit b'li ġej:

169 ĠU L 309, 24.11.2009, p.71.

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Anness II sabiex tieħu kont tal-progress tekniku u xjentifiku.";

(3) l-Artikolu 14(4), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Anness III sabiex tieħu kont tal-progress tekniku u xjentifiku.";

(4) fl-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Anness IV sabiex tieħu kont tal-progress tekniku u xjentifiku.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

"Artikolu 20a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 14(4) u l-Artikolu 15(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p.1.".

165. Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [170]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'metodi xjentifiċi bil-għan li jiġu stabbiliti punti ta' referenza għal azzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet fil-każ tal-preżenza kkonfermata ta' sustanza mhux awtorizzata pprojbita, kif ukoll il-prinċipji metodoloġiċi għall-valutazzjoni tar-riskji u r-rakkomandazzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskji u regoli dwar l-użu ta' limitu massimu ta' residwi stabbilit għal sustanza farmakoloġikament attiva f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li ġej mill-istess speċi, jew inkella limitu massimu ta' residwi stabbilit għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar għal speċijiet oħrajn. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-punti ta' referenza għal azzjoni għar-residwi minn sustanzi farmakoloġikament attivi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 13(2) jiġi sostitwit b'li ġej:

> "2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-adozzjoni ta':
>
> (a) prinċipji metodoloġiċi għall-valutazzjoni tar-riskji u r-rakkomandazzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskji msemmija fl-Artikoli 6 u 7, inklużi r-rekwiżiti tekniċi f'konformità mal-istandards maqbula f'livell internazzjonali;
>
> (b) regoli dwar l-użu ta' limitu massimu ta' residwi stabbilit għal sustanza farmakoloġikament attiva f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li ġej mill-istess speċi, jew limitu massimu ta' residwi stabbilit għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar għal speċijiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 5. Dawk ir-regoli għandhom jispeċifikaw kif u taħt liema ċirkostanzi d-dejta xjentifika dwar ir-residwi f'oġġett tal-ikel partikolari

[170] ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

jew fi speċi waħda jew aktar jistgħu jintużaw sabiex jiġi stabbilit limitu massimu ta' residwi f'oġġetti tal-ikel oħrajn jew fi speċi oħra.";

(2) l-Artikolu 18 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 18*
Punti ta' referenza għal azzjoni

Meta jitqies meħtieġ sabiex ikun żgurat it-tħaddim tal-kontrolli tal-ikel li joriġina mill-annimali importat jew imqiegħed fis-suq f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, punti ta' referenza għal azzjoni għar-residwi minn sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex soġġetti għal klassifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (ċ). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).

Il-punti ta' referenza għal azzjoni għandhom jiġu riveduti regolarment fid-dawl ta' data xjentifika ġdida rigward is-sigurtà fl-ikel, l-eżitu tal-investigazzjonijiet u tat-testijiet analitiċi msemmija fl-Artikolu 24 u l-progress teknoloġiku.

Għal raġunijiet imperattivi u debitament ġustifikati ta' urġenza li jirrigwardjaw il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2a).";

(3) fl-Artikolu 19(3), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24a dwar il-prinċipji metodoloġiċi u l-metodi xjentifiċi sabiex jiġi stabbilit punt ta' referenza għal azzjoni.";

(4) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 24a dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej taħt it-Titolu V:

"Artikolu 24a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 19(3) u fl-Artikolu 24(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13(2), fl-Artikolu 19(3) u fl-Artikolu 24(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew

f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 19(3) u l-Artikolu 24(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p.1.";

(6) fl-Artikolu 25, jitħassar il-paragrafu 3;

(7) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

* Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)";

(b) jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

166. Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE[171]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex temenda l-Annessi għal dak ir-Regolament bil-għan li tadattahom għall-progress tekniku u sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament b'lista ta' kategoriji ta' materjali tal-għalf. Huwa

[171] ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1

partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tikkjarifika jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf, billi taġġorna l-lista ta' użi intenzjonati u tistabbilixxi l-kontenut massimu ta' impuritajiet kimiċi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jemenda l-Anness III.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 27b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tikkjarifika jekk prodott partikolari jikkostitwixxix għalf għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(3).";

(3) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'li ġej:

"5. Fi żmien sitt xhur mill-wasla ta' applikazzjoni valida jew, fejn ikun xieraq, wara li tirċievi l-opinjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jaġġornaw il-lista ta' użi intenzjonati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(3).";

(4) fl-Artikolu 17(4), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a dwar l-istabbiliment tal-lista ta' kategoriji ta' materjali tal-għalf imsemmija fil-paragrafu 2(ċ).";

(5) fl-Artikolu 20(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jemenda l-Anness VIII.";

(6) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. L-emendi għall-Katalogu Komunitarju li jistabbilixxi l-kontenut massimu ta' impuritajiet kimiċi msemmija fil-punt 1 tal-Anness I jew il-livelli ta' purità botanika msemmija fil-punt 2 tal-Anness I jew il-livelli ta' kontenut ta' umdità msemmija fil-punt 6 tal-Anness I jew id-dettalji li jissostitwixxu d-dikjarazzjoni obbligatorja msemmija fl-Artikolu 16(1) (b), għandhom jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(3).";

(7) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27a li jemenda l-Annessi sabiex tadattahom fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi.";

(8) jiddaħħlu l-Artikoli 27a u 27b li ġejjin:

"Artikolu 27a
Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 27(1) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Omnibus].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 17(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 27(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 17(4), l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 27(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 27b
Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni

f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

* ĠU L 123, 12; 5; 2016, p.1.";

(9) fl-Artikolu 28, jitħassru l-paragrafi 4, 5 u 6;

(10) fl-Artikolu 32, jitħassar il-paragrafu 4.

167. Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)[172]

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament fir-rigward ta':

- punt aħħari fil-katina tal-manifattura;
- id-determinazzjoni ta' mard trażmissibbli serju;
- il-kundizzjonijiet maħsuba biex jipprevjenu t-tixrid ta' mard trażmissibbli lill-bnedmin jew lill-annimali;
- il-kategoriji ta' riskji sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-progress xjentifiku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-livell ta' riskju;
- il-verifiki u l-kontrolli tal-użi ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minnhom u l-kundizzjonijiet għall-għalf;
- derogi għar-riċerka u għal finijiet speċifiċi oħrajn;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw il-ġbir, it-trasport u r-rimi;
- l-awtorizzazzjoni ta' metodi alternattivi ta' użu jew rimi ta' prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati minnhom;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw il-ġbir u l-identifikazzjoni;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw il-kategorija u t-trasport;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw il-ġbir, it-trasport u t-traċċabilità;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni;
- it-tqegħid fis-suq ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minnhom destinati għall-għalf lill-annimali mrobbija fl-irziezet;
- it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' fertilizzanti organiċi u ta' sustanzi li jtejbu l-ħamrija;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw prodotti derivati oħrajn;
- ċerti miżuri li jirrigwardjaw il-prodotti importati u l-prodotti fi tranżitu;

172 ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

- il-finijiet għall-esportazzjonijiet tal-materjal tal-kategorija 1, tal-materjal tal-kategorija 2 u tal-prodotti derivati minnhom;
- il-kontrolli għad-dispaċċ lejn Stati Membri oħrajn.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' ċerti dokumentazzjoni, parametri għall-proċess tal-manifattura, rekwiżiti tal-ittestjar applikabbli għall-prodott finali, mudelli għaċ-ċertifikati tas-saħħa, dokumenti kummerċjali u dikjarazzjonijiet li għandhom jakkumpanjaw il-konsenji, li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi ddikjarat li l-prodotti sekondarji tal-annimali jew il-prodotti derivati minnhom ikkonċernati nġabru jew ġew manifatturati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a sabiex temenda l-punt aħħari fil-katina tal-manifattura għall-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi.

Meta jkun hemm raġunijiet imperattivi li jkunu jirrikjedu dan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51b sabiex temenda l-punt aħħari fil-katina tal-manifattura għall-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar punt aħħari fil-katina tal-manifattura, li 'lil hinn minnu l-prodotti derivati msemmija f'dan il-paragrafu ma jibqgħux soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.";

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar il-miżuri msemmija fil-punt (b)(ii) tal-ewwel subparagrafu.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu.";

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafi 2 u 3.";

(4) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(5) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi sostitwit b'li ġej:

"**Setgħat delegati**"

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(ii) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(6) fl-Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.";

(7) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(8) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu.

(9) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Wara li rċeviet l-opinjoni tal-EFSA, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a rigward dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(10) fl-Artikolu 21, il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(11) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Artikolu 27 jiġi sostitwit b'li ġej:

"**Setgħat delegati**"

(b) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar il-miżuri li ġejjin relatati ma' din it-Taqsima u mat-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu:";

(ċ) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(12) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar miżuri li jirrigwardjaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u tal-annimali għall-ġbir, l-ipproċessar u t-trattament tal-prodotti sekondarji mill-annimali u l-prodotti derivati msemmija fil-paragrafu 1.";

(13) fl-Artikolu 32, il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja tiġi sostitwita b'li ġejja:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula miżuri li jirrigwardjaw dawn li ġejjin:";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(14) l-Artikolu 40 jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 40*

Setgħat delegati u ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar il-kundizzjonijiet għal:

(a) it-tqegħid fis-suq ta' ikel għall-annimali domestiċi li jkun ġie importat jew ta' ikel għall-annimali domestiċi magħmul minn materjal importat, mill-materjal tal-Kategorija 1 imsemmi fl-Artikolu 8(ċ);

(b) l-użu sikur tas-sorsi u l-moviment tal-materjal li jrid jintuża taħt kundizzjonijiet li jeskludu r-riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali;

(ċ) l-użu sikur ta' prodotti derivati li jikkawżaw riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(2);

(b) il-parametri għall-proċess tal-manifattura kif imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 38, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni ta' trattamenti fiżiċi jew kimiċi għall-materjal użat;

(ċ) ir-rekwiżiti tal-ittestjar applikabbli għall-prodott finali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).";

(15) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).";

(b) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti previsti fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).";

(16) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Setgħat delegati u ta' implimentazzjoni";

(b) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipulaw dawn li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni u t-tranżitu ta' materjali tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2 u għal prodotti derivati minnhom;

(b) ir-restrizzjonijiet rigward is-saħħa tal-pubbliku jew tal-annimali applikabbli għal materjal tal-Kategorija 3 jew prodotti derivati minnu, li jistgħu jkunu stipulati b'referenza għal-listi ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mfassla f'konformità mal-Artikolu 41(4) jew għal finijiet oħrajn li jirrigwardjaw is-saħħa tal-pubbliku jew tal-annimali;

(ċ) il-kundizzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti sekondarji magħmulin mill-annimali jew prodotti derivati fi stabbilimenti jew impjanti f'pajjiżi terzi; tali kundizzjonijiet jistgħu jinkludu l-arranġamenti għall-kontrolli ta' tali stabbilimenti jew impjanti mill-awtorità kompetenti kkonċernata u jistgħu jeżentaw ċerti tipi ta' stabbilimenti jew impjanti li jimmaniġġjaw il-prodotti sekondarji magħmulin mill-annimali jew il-prodotti derivati mill-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni msemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(3).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu mudelli għaċ-ċertifikati tas-saħħa, dokumenti kummerċjali u dikjarazzjonijiet li jridu jakkumpanjaw il-konsenji, li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi ddikjarat li l-prodotti sekondarji mill-annimali jew il-prodotti derivati kkonċernati nġabru jew ġew manifatturati f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).";

(17) fl-Artikolu 43(3), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a dwar ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu.";

(18) fl-Artikolu 45, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi regoli li jikkonċernaw il-metodi ta' referenza għal analiżi mikrobijoloġika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).";

(19) fl-Artikolu 48, il-paragrafi 7 u 8 jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a li jistipula dawn li ġejjin:

(a) perjodu ta' żmien speċifikat għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) kundizzjonijiet supplimentari għad-dispaċċ ta' prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati msemmija fil-paragrafu 4;

(ċ) mudelli għaċ-ċertifikati tas-saħħa li jridu jakkumpanjaw il-konsenji mibgħuta f'konformità mal-paragrafu 5.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti sekondarji mill-annimali jew il-prodotti derivati maħsuba biex jintużaw għal wirjiet, attivitajiet artistiċi jew għal finijiet

ta’ dijanjożi, edukazzjoni jew riċerka jistgħu jintbagħtu lil Stati Membri oħrajn, permezz ta’ deroga mill-paragrafi 1 sa 5 ta’ dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(3).

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 51a li jispeċifika l-kundizzjonijiet li soġġetti għalihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu derogi mill-paragrafi 1 sa 4 fir-rigward ta’ dawn li ġejjin:

(a) id-dispaċċ ta’ demel ittrasportat bejn żewġ postijiet li jinsabu fl-istess razzett jew bejn irziezet li jinsabu f’reġjuni fil-fruntiera ta’ Stati Membri li jaqsmu fruntiera bejniethom;

(b) id-dispaċċ ta’ prodotti sekondarji mill-annimali oħrajn ittrasportati bejn stabbilimenti jew impjanti li jinsabu f’reġjuni fil-fruntiera ta’ Stati Membri li jaqsmu fruntiera bejniethom; u

(ċ) it-trasport ta’ annimal domestiku mejjet għall-inċinerazzjoni lejn stabbiliment jew impjant li jinsab f’reġjun fil-fruntiera ma’ Stat Membru ieħor li jaqsam fruntiera komuni. ”;

(20) jiddaħħlu l-Artikoli 51a u 51b li ġejjin:

“Artikolu 51a

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f’dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2), fl-Artikolu 6(1) u (2), fl-Artikolu 7(4), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(1), fl-Artikolu 17(2), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 19(4), fl-Artikolu 20(11), fl-Artikolu 21(6), fl-Artikolu 27, fl-Artikolu 31(2), fl-Artikolu 32(3), fl-Artikolu 40(1), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2), fl-Artikolu 43(3), fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 48 għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Omnibus].

3 Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2), fl-Artikolu 6(1) u (2), fl-Artikolu 7(4), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(1), fl-Artikolu 17(2), fl-Artikolu 18(3), fl-Artikolu 19(4), fl-Artikolu 20(11), fl-Artikolu 21(6), fl-Artikolu 27, fl-Artikolu 31(2), fl-Artikolu 32(3), fl-Artikolu 40(1), fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2), fl-Artikolu 43(3), fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u tal-paragrafu 8 tal-Artikolu 48 tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(1) u (2), l-Artikolu 6(1) u (2), l-Artikolu 7(4), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 19(4), l-Artikolu 20(11), l-Artikolu 21(6), l-Artikolu 27, l-Artikolu 31(2), l-Artikolu 32(3), l-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2), l-Artikolu 43(3), l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u l-paragrafu 8 tal-Artikolu 48 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 51b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 51a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

---

* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(21) fl-Artikolu 52, jitħassru l-paragrafi 4, 5 u 6.

XIII. IT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI

168. Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ[173]

Skont l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li testendi ċerti limiti ta' żmien f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE[174]. Dik is-setgħa mogħtija qatt ma ġiet eżerċitata u ma għadhiex meħtieġa. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li din tiġi adattata għall-Artikolu 290 tat-Trattat. Minflok, is-setgħa mogħtija għandha tiġi rrevokata u l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni għandhom jitħassru.

Għaldaqstant, fid-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE, jitħassru l-Artikoli 15 u 16.

---

173 ĠU L 23, 26.1.2008, p. 21.

174 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).